**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0179/2020**

7.10.2020

# RAPPORT

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha
(2020/2006(INL))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Delara Burkhardt

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli tal-Proċedura)

Rapporteur għal opinjoni (*):
Karin Karlsbro, Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PR_INL

WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................40

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI ..........................49

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP ..........................................................56

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA ........64

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI .............71

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................85

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........86

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha (2020/2006(INL))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 114(3) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) – Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE tal-21 ta' Mejju 2003 [titolu mhux uffiċjali] (COM(2003)0251),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam ("ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam")[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar il-ħolqien ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp[3],

– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030, b'mod partikolari l-SDG 12 (li jikkonċerna l-konsum u l-produzzjoni responsabbli) u l-SDG 15 (li jiġi protett, irrestawrat u promoss l-użu sostenibbli tal-ekosistemi terrestri, jiġu ġestiti b'mod sostenibbli l-foresti, tiġi miġġielda d-deżertifikazzjoni, u titwaqqaf u titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-art u jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità),

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi li ntlaħaq fil-21 Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21),

– wara li kkunsidra l-istudju dwar ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta permezz tal-katina tal-provvista kkummissjonata mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (2020),

– wara li kkunsidra l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) "An

---

[1] ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.
[2] ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.
[3] ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

EU legal framework to halt and reverse global deforestation – European added value assessment" (Qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali – Valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew) ta' Settembru 2020[4],

– wara li l-konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja tas-16 ta' Diċembru 2019,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Amsterdam "Towards Eliminating Deforestation from Agricultural Commodity Chains with European Countries" (Lejn l-Eliminazzjoni tad-Deforestazzjoni mill-Ktajjen ta' Komoditajiet Agrikoli ma' Pajjiżi Ewropej) tas-7 ta' Diċembru 2015,

– wara li kkunsidra l-mekkaniżmu tal-Programm tan-NU dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti (REDD+),

– wara li kkunsidra l-Pjan Strateġiku tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti (UNSPF) għall-2017-2030, li jiddefinixxi sitt Għanijiet Globali dwar il-Foresti u 26 mira assoċjata li għandhom jintlaħqu sal-2030,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni adottata fis-17 ta' Ġunju 1994,

– wara li kkunsidra l-Pjattaformi Nazzjonali dwar il-Komoditajiet Sostenibbli żviluppati mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP),

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tal-1966,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[5],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-1969,

– wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tal-1987,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) Nru 169 dwar il-Popli Indiġeni u Tribali tal-1989,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni tal-2007,

– wara li kkunsidra l-linji gwida tal-OECD/FAO għal ktajjen tal-provvista tal-prodotti agrikoli responsabbli,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-FAO – The State of the World's Forests 2020 (L-Istat tal-

[4] (EPRS), "An EU legal framework to halt and reverse global deforestation – European added value assessment", PE 654.174, Settembru 2020
[5] ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

Foresti tad-Dinja 2020),

– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-FAO The State of the World's Forests 2018 – Forest Pathways to Sustainable Development (L-Istat tal-Foresti tad-Dinja 2018 – Il-Foresti għas-Servizz tal-Iżvilupp Sostenibbli). FAO (2018),

– wara li kkunsidra l-Evalwazzjoni dwar ir-Riżorsi Globali tal-Foresti 2015 tal-FAO – Repożitorju tad-data tal-FRA 2015,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) tal-1973,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tal-1992 u l-Protokoll assoċjat ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza tal-2000 u l-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom tal-2010,

– wara li kkunsidra r-Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi tal-2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi tas-6 ta' Mejju 2019,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji tan-NU għall-Investiment Responsabbli tal-2006,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, approvati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2011, kif ukoll il-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali, aġġornati fl-2011,

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Art tal-Grupp Internazzjonali ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Awwissu 2019,

– wara li kkunsidra l-Programm Globali għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi u l-Foresti tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, li ġiet adottata fil-25 ta' Ġunju 1998 f'Aarhus mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar il-politiki tal-UE favur id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar ir-responsabbiltà tal-kumpaniji għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2017 dwar iż-żejt tal-palm u d-

[6] Testi adottati, P7_TA(2010)0226
[7] Testi adottati, P8_TA(2016)0405

deforestazzjoni tal-foresti pluvjali[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2017 dwar l-impatt tal-kummerċ internazzjonali u l-politiki kummerċjali tal-UE dwar il-katini ta' valur mondjali[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2018 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-popli indiġeni fid-dinja, inkluż il-ħtif tal-art[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2018 dwar il-ġestjoni trasparenti u responsabbli tar-riżorsi naturali fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw: il-każ tal-foresti[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika[13],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2020 dwar ir-rwol tal-UE fil-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja[14],

– wara li kkunsidra l-"Wegħda tal-Foresti" tal-21 ta' Marzu 2019 li biha bosta Membri tal-Parlament Ewropew li kienu fis-servizz f'dak iż-żmien wegħdu li jippromwovu politiki biex jipproteġu u jirrestawraw il-foresti madwar id-dinja u jirrikonoxxu u jiżguraw it-territorji tal-persuni li jgħixu fil-foresti u d-drittijiet tagħhom,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" tat-23 ta' Lulju 2019 (COM(2019)0352),

– wara li kkunsidra l-"Feasibility study on options to step up EU actions against deforestation" (Studju ta' fattibbiltà dwar għażliet biex jittejbu l-azzjonijiet tal-UE kontra d-deforestazzjoni) tal-Kummissjoni ta' Jannar 2018,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2019 (COM(2019)0640),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, tal-20 ta' Mejju 2020

[8] Testi adottati, P8_TA(2017)0098
[9] Testi adottati, P8_TA(2017)0330
[10] Testi adottati, P8_TA(2018)0279
[11] Testi adottati, P8_TA(2018)0333
[12] Testi adottati, P9_TA(2020)0005
[13] Testi adottati, P9_TA(2020)0015
[14] Testi adottati, P9_TA(2020)0212

(COM(2020)0380),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, tal-20 ta' Mejju 2020 (COM(2020)0381),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni minn rappreżentanti tas-soċjetà ċivili dwar ir-Rwol tal-UE fil-Protezzjoni tal-Foresti u tad-Drittijiet ta' April 2018,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0179/2020),

A. billi foresti bijoloġikament diversi – li huma bjar tal-karbonju naturali – huma indispensabbli fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'konformità mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, u li l-aħjar xjenza disponibbli tindika li l-limitazzjoni taż-żieda għal 1,5 °C tnaqqas b'mod sostanzjali l-ħsara lill-persuni u lill-ekosistemi naturali meta mqabbla max-xenarju ta' 2 °C[15], kif ukoll għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-konservazzjoni tal-bijodiversità; billi mhux biss iż-żoni deforestati, iżda wkoll il-foresti degradati mill-intervent tal-bniedem jistgħu jinbidlu f'sors ta' diossidu tal-karbonju;

B. billi l-foresti jospitaw 80 % tal-bijodiversità tad-dinja u jkopru 30 % tal-wiċċ terrestri tagħha[16]; billi l-foresti huma infrastruttura organika vitali għal uħud mill-aktar ekosistemi densi, fraġli u varjati fil-pjaneta; billi d-deforestazzjoni hija l-aktar theddida serja għal 85 % tal-ispeċijiet mhedda jew fil-periklu u billi, bejn l-1970 u l-2012, diġà għebu 58 % tal-annimali vertebrati minn fuq wiċċ id-dinja minħabba d-deforestazzjoni[17];

C. billi l-foresti huma sors ta' għajxien u introjtu għal madwar 25 % tal-popolazzjoni tad-dinja[18], u l-qerda tagħhom għandha riperkussjonijiet serji fuq l-għajxien tal-aktar persuni vulnerabbli, inklużi popli indiġeni li jiddependu ħafna mill-ekosistemi tal-foresti;

[15] Ir-Rapport "Tisħin Globali ta' 1,5 °C", rapport speċjali tal-IPCC dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' żieda ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra relatati, fil-kuntest tat-tisħiħ tar-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, u l-isforzi biex jinqered il-faqar;
[16] Komunikazzjoni dwar "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", Kummissjoni Ewropea, 2019.
[17] "Living planet 2016", WWF, Soċjetà żooloġika ta' Londra, Ċentru ta' Reżiljenza ta' Stokkolma
[18] Komunikazzjoni dwar "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", Kummissjoni Ewropea, 2019.

D. billi l-emissjonijiet mit-tibdil fl-użu tal-art, l-aktar minħabba d-deforestazzjoni, jammontaw għal madwar 12 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra globali u huma t-tieni l-akbar kawża ta' tibdil fil-klima wara l-ħruq tal-faħam, taż-żejt u tal-gass[19];

E. billi l-foresti primarji huma partikolarment milquta mid-deforestazzjoni; billi l-foresti primarji għandhom stokkijiet għoljin ħafna ta' karbonju u huma kkaratterizzati minn livelli uniċi ta' bijodiversità u kundizzjonijiet ekoloġiċi u għalhekk ma jistgħux jiġu sostitwiti minn foresti miżrugħin ġodda; billi l-afforestazzjoni, imwettqa b'mod li jkun kompatibbli mal-protezzjoni u t-tisħiħ tal-ekosistemi lokali, jista' jkollha rwol fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

F. billi sabiex jiġu indirizzati t-telf tal-bijodiversità u l-kriżi klimatika, huwa essenzjali li l-foresti jiġu protetti u rrestawrati b'tali mod li tiġi mmassimizzata l-kapaċità tagħhom li jaħżnu l-karbonju u li jipproteġu l-bijodiversità; billi dan jipprovdi għadd ta' benefiċċji peress li jiffavorixxi li l-foresti eżistenti jikbru sal-potenzjal massimu tagħhom li jaħżnu l-karbonju filwaqt li jirrestawra ekosistemi li preċedentement kienu degradati u jħalli l-materjal organiku jiddekomponi, filwaqt li jipproteġi wkoll il-bijodiversità, kif ukoll il-ħamrija, l-arja, l-art u l-ilma;

G. billi l-pressjoni pubblika għall-milja tal-funzjonijiet tal-foresti mhux produttivi qiegħda tiżdied madwar id-dinja kollha, li ħafna drabi xejn ma tkun taqbel mal-kundizzjoni tal-foresti li tkun sejra għall-agħar;

H. billi l-foresti jipprovdu servizzi importanti tal-ekosistema lis-soċjetà, bħall-arja nadifa, ir-regolazzjoni tal-fluss tal-ilma, it-tnaqqis tal-karbonju, il-protezzjoni kontra l-erożjoni mill-ilma u mir-riħ, il-ħabitats għall-annimali u l-pjanti, ir-restawr ta' art degradata u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima; billi r-regolazzjoni naturali tal-flussi tal-ilma fil-foresti ġiet evalwata li tiswa bejn USD 1360 u 5235 (valur tal-2007)[20] għal kull ettaru fis-sena, u dan is-"servizz naturali" huwa affettwat ħafna mid-deforestazzjoni; filwaqt li l-foresti u l-bijodiversità għandhom ukoll valur intrinsiku lil hinn mill-valur tal-użu tagħhom għall-bnedmin, inkluż bħala ħażniet tal-karbonju, li ma jistgħux jissarrfu fi flus jew jiġu kkwantifikati;

I. billi l-foresti għandhom valur kulturali, soċjali u spiritwali għal bosta persuni u popli;

J. billi l-kopertura tal-foresti żdiedet fl-Unjoni matul id-deċennji riċenti (għalkemm il-kwalità tagħhom marret lura), it-telf tal-kopertura tas-siġar globali ilu jiżdied b'mod kostanti matul dawn l-aħħar 18-il sena u fl-2019 biss inqerdu 3,8 miljun ettaru ta' foresti pluvjali primarji[21];

K. billi d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni u l-konverżjoni tal-foresti tad-dinja jaggravaw

[19] Smith P et al. (2014) Agriculture, Forestry and Other Land Use (AFOLU) (L-Agrikoltura, il-Forestrija u Użi Oħrajn tal-Art (AFOLU)). Fi: Climate Change 2014: Mitigation of Climate Change. Contribution of Working Group III to the Fifth Assessment Report of the Intergovernmental Panel on Climate Change (Tibdil fil-Klima 2014: Il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima. Kontribut tal-Grupp ta' Ħidma III għall-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima), [Edenhofer, O. et al. (eds.)]. Cambridge University Press, Cambridge, ir-Renju Unit u New York, NY, l-Istati Uniti.
[20] Cook, Istitut għall-Istudji Spazjali Goddard tan-NASA, 2005
[21] We Lost a Football Pitch of Primary Rainforest Every 6 Seconds in 2019 (Fl-2019 Tlifna Foresta Primarja tad-Daqs ta' Grawnd tal-Futbol Kull 6 Sekondi), World Resources Institute, online, 2 ta' Ġunju 2020.

it-theddida għall-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, li jsofru minn ksur tad-drittijiet tal-bniedem, attakki u qtil b'reazzjoni għall-isforzi tagħhom biex jipproteġu l-foresti, l-art u l-ambjenti tagħhom, u bħala medja aktar minn tliet difensuri tal-art u tal-ambjent inqatlu kull ġimgħa fl-2018, u fir-reġjun tal-Amażonja biss f'dawn l-aħħar għaxar snin aktar minn 300 persuna sfaw maqtula f'kunflitti li jikkonċernaw ir-riżorsi u l-użu tal-art[22];

L. billi t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità madwar id-dinja, kif ukoll il-qerda u l-modifika tal-ekosistemi naturali, inklużi l-foresti, għandhom impatti gravi fuq il-ħabitats tal-fawna selvaġġa u jwasslu għal aktar kuntatt bejn l-annimali selvaġġi, il-bnedmin u l-annimali domestikati, li jżid ir-riskju ta' tifqigħat ġodda ta' epidemiji u pandemiji li oriġinaw fl-annimali selvaġġi; billi l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tikkonferma li ż-żieda fil-mard infettiv emerġenti tikkoinċidi mat-tkabbir aċċellerat tad-deforestazzjoni tropikali, marbuta b'mod partikolari mat-tħawwil tal-palm taż-żejt jew tal-fażola tas-sojja[23]; billi aktar minn żewġ terzi tal-mard infettiv emerġenti joriġina fl-annimali, li l-maġġoranza kbira tagħhom huma annimali selvaġġi; billi l-ħarsien u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi li jiffunzjonaw tajjeb huma għalhekk kruċjali biex nagħtu spinta lir-reżiljenza tagħna u nipprevjenu l-emerġenza u t-tixrid ta' mard futur;

M. billi l-ilma huwa riżorsa prezzjuża; billi n-nuqqas jew l-implimentazzjoni inadegwata ta' qafas legali dwar il-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma jagħmluha impossibbli li jiġi kkontrollat l-użu ta' din ir-riżorsa u jippermettu l-estrazzjoni eċċessiva, it-tniġġis u l-ħtif tal-ilma; billi dan huwa detrimentali għall-ekosistemi downstream u għall-komunitajiet lokali; billi jeżistu każijiet ta' ħtif tal-ilma minħabba l-produzzjoni ta' komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u lill-ekosistemi f'riskju[24];

N. billi l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-foresti u tal-materja prima rinnovabbli kif ukoll l-użu tal-artijiet forestali b'mod u b'rata li jmantnu l-bijodiversità, il-kapaċità ta' riġenerazzjoni, il-vitalità u l-potenzjal tagħhom li jissodisfaw, issa u fil-futur, il-funzjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali rilevanti fil-livelli lokali, nazzjonali u globali u li ma jikkawżawx ħsara lil ekosistemi oħra, huma element importanti tal-approċċ politiku ġenerali biex titwaqqaf id-deforestazzjoni, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak globali;

O. billi l-konsum tal-Unjoni huwa stmat li jikkontribwixxi għal mill-anqas 10 % tad-deforestazzjoni globali;

P. billi huwa importanti li jiġu promossi d-dieti sostenibbli, billi tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-impatti tal-mudelli tal-konsum u tingħata informazzjoni dwar id-dieti li huma aktar ta' ġid għal saħħet il-bniedem u li jħallu impronta ambjentali iżgħar;

---

[22] Rainforest Mafias: How Violence and Impunity Fuel Deforestation in Brazil's Amazon (Il-Mafji tal-Foresta Pluvjali: Kif il-Vjolenza u l-Impunità Jixprunaw id-Deforestazzjoni fil-Foresta Amażonika tal-Brażil), Human Rights Watch, online, 17 ta' Settembru 2019.

[23] Bruce A. Wilcox u Brett Ellis, Center for Infectious Disease Ecology, Asia-Pacific Institute for Tropical Medicine and Infectious Diseases, University of Hawaii, Manoa, L-Istati Uniti; 2006

[24] kif irrappurtat pereżempju mill-Atlas tal-Ġustizzja Ambjentali https://ejatlas.org/conflict/water-grabbing-and-agribusiness-in-the-south-coast-of-guatemala - għall-każ tal-Gwatemala (il-kannamiela, iż-żejt tal-palm u l-banana)

*Rimarki ġenerali*

1. Jissottolinja li madwar 80 % tad-deforestazzjoni globali hija kkawżata mill-espansjoni tal-art użata għall-agrikoltura[1]; jisħaq f'dan il-kuntest li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja ta' Lulju 2019 tirrikonoxxi li d-domanda tal-Unjoni għal prodotti bħal żejt tal-palm, il-laħam, is-sojja, il-kawkaw, il-qamħirrum, l-injam, il-gomma, inkluż fil-forma ta' prodotti pproċessati jew servizzi, hija xprun kbir tad-deforestazzjoni, tad-degradazzjoni tal-foresti, tal-qerda tal-ekosistemi u ta' każijiet assoċjati ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, u tirrappreżenta madwar 10 % tas-sehem globali tad-deforestazzjoni inkorporata fil-konsum totali finali[25]; barra minn hekk, jinnota li l-konsum tal-UE ta' komoditajiet oħra, bħall-qoton, il-kafè, il-kannamiela, il-lift u l-gambli mrobbija fil-mangrovja jikkontribwixxi wkoll għad-deforestazzjoni globali;

2. Jirrimarka li l-preservazzjoni globali tal-foresti u l-prevenzjoni tad-degradazzjoni tagħhom huma wħud mill-akbar sfidi ta' sostenibbiltà ta' żminijietna, li mingħajrhom l-objettivi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Patt Ekoloġiku ma jistgħux jintlaħqu; jisħaq li bil-politiki attwali, l-użu sostenibbli tal-foresti u tal-ekosistemi f'ħafna partijiet tad-dinja ma jistax jiġi żgurat;

3. Jinnota bl-akbar tħassib li fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2018, ir-rata tat-telf tal-kopertura tas-siġar żdiedet bi 43 % għal telf medju ta' 26,1 miljun ettaru fis-sena, meta mqabbel ma' 18,3 miljuni ettari fis-sena fil-perjodu ta' bejn l-2002 u l-2013; huwa partikolarment imħasseb dwar it-telf tal-foresti primarji peress li l-aktar tliet snin riċenti b'data disponibbli (2016, 2017 u 2018) irreġistraw l-ogħla rati ta' telf f'dan is-seklu, u r-rati ta' deforestazzjoni fl-Amażonja Brażiljana biss żdiedu bi 88 % f'Ġunju 2019 meta mqabbel ma' Ġunju 2018; jirrimarka li l-qerda u d-degradazzjoni tal-foresti naturali mhux qed iseħħu biss f'żoni tropikali, iżda madwar id-dinja kollha, inkluż fl-Unjoni u fil-viċinat dirett tagħha;

4. Jiddispjaċih li bħalissa l-wiċċ tal-art miksi bil-foresti fid-dinja huwa biss ta' 68 % tal-livelli preindustrijali stmati, li l-kopertura tal-foresti tnaqqset b'290 miljun ettaru minħabba l-ikklerjar tal-art mis-siġar u l-produzzjoni tal-injam bejn l-1990 u l-2015, filwaqt li l-foresti mhux mimsusa (żoni ta' art ta' aktar minn 500 $km^2$ li fihom is-satelliti ma jsibu l-ebda pressjoni tal-bniedem) tnaqqsu b'7 % bejn l-2000 u l-2013[26];

5. Jinnota wkoll li l-modifika u l-qerda tal-ħabitats, li qed jolqtu żoni forestali naturali, għandhom konsegwenzi serji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali b'mod globali, kif ukoll impatti fuq il-bijodiversità, b'mod partikolari ż-żieda fl-inċidenza ta' żoonożi (li kkawżaw 50 pandemija fl-aħħar 30 sena), li l-aktar riċenti minnhom hija l-pandemija tal-COVID-19;

6. Jinnota bi tħassib li wara t-tifqigħa traġika tal-pandemija tal-COVID-19, ir-riċerka tkompli tikkonferma rabta inkwetanti bejn il-mard żoonotiku u d-deforestazzjoni, it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità;

---

[25] FAO. 2016. State of the World's Forests 2016. Forests and agriculture: land-use challenges and opportunities. (L-Istat tal-Foresti tad-Dinja 2016. Forestrija u agrikultura: sfidi u opportunitajiet għall-użu tal-art.) Ruma. http://www.fao.org/3/a-i5588e.pdf

[26] Rapport tal-IPBES 2019

7. Jenfasizza li l-foresti primarji huma insostitwibbli u t-telf tal-foresti primarji ma jista' jiġi kkumpensat minn ebda approċċ ġdid ibbażat fuq il-foresti; jinnota li t-twaqqif tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti, flimkien mal-protezzjoni tal-foresti eżistenti, u attivitajiet sostenibbli ta' restawr, afforestazzjoni u riforestazzjoni b'mod li jimmassimizzaw il-kapaċità tagħhom li jaħżnu l-karbonju u jipproteġu l-bijodiversità, jistgħu jipprovdu għajxien, iżidu d-dħul għall-komunitajiet lokali u joffru opportunitajiet ta' żvilupp ekonomiku; jenfasizza għal dan il-għan l-importanza li jiġu promossi l-agroekoloġija u l-produzzjoni agrikola sostenibbli fil-livelli globali, nazzjonali, reġjonali u lokali, li ma jitħallewx isiru użu tal-art u prattiki ta' ġestjoni mhux sostenibbli, li jiġi indirizzati d-disturbi naturali u jiġi mmitigat it-tibdil fil-klima;

8. Jisħaq li l-eżistenza ta' żoni kbar ta' foresti tgħin biex tiġi evitata d-deżertifikazzjoni tar-reġjuni kontinentali; jipproponi li l-protezzjoni tal-foresti anki bħala sors ta' umdità tingħata kunsiderazzjoni b'saħħitha fil-politiki ta' żvilupp u dawk kummerċjali; jenfasizza pereżempju li daqs 40 % tax-xita totali fir-reġjuni muntanjużi Etjopjani – is-sors ewlieni tax-xmara Nil – hija pprovduta mill-umdità riċiklata mill-foresti tal-baċir tal-Kongo, u li t-twaqqif tad-deforestazzjoni fir-reġjun huwa rilevanti wkoll għall-kwistjoni tal-kriżi tar-rifuġjati li jitilqu minn pajjiżhom minħabba l-klima;

9. Jissottolinja l-fatt li l-ixpruni tad-deforestazzjoni jmorru lil hinn mis-settur tal-foresti per se u huma relatati ma' firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħall-pussess tal-art, governanza u infurzar tal-liġi dgħajfin, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni, it-tibdil fil-klima, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertà politika, il-livelli tal-konsum tal-komoditajiet, id-dipendenza għolja fuq l-importazzjonijiet tal-għalf, il-politiki agrikoli kif ukoll in-nuqqas ta' politiki pubbliċi li jippromwovu u jinċentivaw komoditajiet ta' oriġini u produzzjoni sostenibbli u legali; ifakkar li n-nisa indiġeni u l-bdiewa nisa għandhom rwol ċentrali fil-protezzjoni tal-ekosistemi tal-foresti; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tindirizza d-deforestazzjoni b'mod olistiku permezz ta' qafas ta' politika koerenti u legalment vinkolanti, filwaqt li tiżgura l-konservazzjoni tal-ekosistemi; jemmen li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni dwar il-forestrija hija punt ewlieni fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, li għandha tiġi riflessa fil-politiki tal-Unjoni;

10. Jinnota li f'ħafna pajjiżi, id-deforestazzjoni hija dovuta għan-nuqqas ta' politiki xierqa (bħall-ippjanar tal-użu tal-art), relazzjonijiet ta' sjieda u drittijiet oħra ta' pussess ta' art mhux ċari, governanza u infurzar tal-liġi dgħajfa, attivitajiet illegali u investiment insuffiċjenti fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

11. Jinnota li minn Diċembru 2015, il-Parlament Ewropew adotta 40 oġġezzjoni għall-importazzjonijiet ta' ikel u għalf ġenetikament modifikati (GM), li minnhom 11 kienu għall-importazzjonijiet tas-sojja ġenetikament modifikata; ifakkar li waħda mir-raġunijiet għall-oġġezzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet kienet id-deforestazzjoni assoċjata mal-kultivazzjoni tagħhom f'pajjiżi bħall-Brażil u l-Arġentina, fejn is-sojja hija kważi esklużivament ġenetikament modifikata biex tintuża mal-pestiċidi; jinnota li studju xjentifiku riċenti rieżaminat bejn il-pari minn riċerkaturi madwar l-Unjoni sab li l-Unjoni għandha l-akbar marka tal-karbonju fid-dinja minħabba l-importazzjonijiet tas-sojja mill-Brażil, li huma 13,8 % akbar minn dawk lejn iċ-Ċina, li hija l-akbar importatur tas-sojja madwar id-dinja; jinnota li din il-marka kbira tal-karbonju tal-Unjoni hija dovuta għas-sehem tagħha ta' emissjonijiet minn deforestazzjoni

inkorporata[27]; jinnota wkoll li, skont il-Kummissjoni, is-sojja storikament kienet il-kontributur ewlieni tal-Unjoni għad-deforestazzjoni globali u l-emissjonijiet relatati, u tirrappreżenta kważi nofs id-deforestazzjoni inkorporata fl-importazzjonijiet kollha tal-Unjoni[28];

12. Jiġbed l-attenzjoni għal kif il-produzzjoni tal-OĠM hija xprun ewlieni tad-deforestazzjoni, b'mod partikolari fil-Brażil u l-Arġentina, u jemmen li l-importazzjoni tal-OĠM fl-Unjoni għandha tintemm; ifakkar li l-konsum tal-laħam, anke fl-Unjoni, jikkontribwixxi għad-deforestazzjoni barra mill-Unjoni minħabba ż-żieda fid-domanda għal għalf tal-annimali OĠM irħis, b'mod partikolari l-importazzjonijiet ta' fażola tas-sojja ġenetikament modifikata;

13. Jinnota li l-konverżjoni ta' mergħat u art agrikola oriġinarjament użati għall-produzzjoni tal-ikel u l-għalf f'art għall-produzzjoni ta' fjuwils tal-bijomassa (bidla indiretta fl-użu tal-art) jista' jkollha wkoll impatt negattiv fuq il-foresti;

*Ċertifikazzjoni u tikketti volontarji ta' partijiet terzi*

14. Jilqa' s-sensibilizzazzjoni dejjem tikber tan-negozji dwar il-problema tad-deforestazzjoni globali, id-degradazzjoni tal-foresti u l-qerda tal-ekosistemi, il-ħtieġa għal azzjoni korporattiva u impenji korrispondenti kif ukoll iż-żieda fis-sejħiet għal rekwiżiti trasparenti, konsistenti, uniformi, sodi u infurzabbli għal ktajjen tal-provvista sostenibbli, inkluża domanda mnaqqsa għall-komoditajiet li joħolqu riskju għall-foresti; jinnota li xi operaturi ħaddnu d-Dikjarazzjoni ta' New York tal-2014 dwar il-Foresti u ħadu azzjoni biex jindirizzaw id-deforestazzjoni, iżda sfortunatament dawn spiss ma jkollhomx ambizzjoni, ikunu jkopru biss partijiet mill-katina tal-provvista u ma jkunux imfassla biex jindirizzaw xpruni interkonnessi multipli tad-deforestazzjoni[29], u għaldaqstant ma jissodisfawx l-asserzjonijiet tagħhom dwar is-sostenibbiltà u l-impenji mħabbra; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-impenji volontarji tal-kumpaniji kontra d-deforestazzjoni għadhom ma kinux biżżejjed biex iwaqqfu d-deforestazzjoni globali;

15. Jirrimarka li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi kellhom rwol importanti fit-tlaqqigħ flimkien tan-negozji u s-soċjetà ċivili biex jiġi żviluppat fehim komuni tal-problema tad-deforestazzjoni; josserva, madankollu, li filwaqt li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni volontarja ta' partijiet terzi kkontribwew għall-iżvilupp ta' prattiki tajba, dawn l-iskemi waħedhom ma jistgħux iwaqqfu u jreġġgħu lura d-deforestazzjoni globali

---

[27] Escobar, N., Tizado, E. J., zu Ermgassen, E. K.,Löfgren, P., Börner, J., & Godar, J. (2020). Spatially-explicit footprints of agricultural commodities: Mapping carbon emissions embodied in Brazil's soy exports. (Marki spazjalment espliċiti ta' komoditajiet agrikoli: L-immappjar tal-emissjonijiet tal-karbonju inkorporati fl-esportazzjonijiet tas-sojja tal-Brażil). "Global Environmental Change" (Bidla Ambjentali Globali), 62, 102067 https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0959378019308623

[28] Rapport Tekniku - 2013 - 063 tal-Kummissjoni, "The impact of EU consumption on deforestation: Comprehensive analysis of the impact of EU consumption on deforestation" (L-Impatt tal-Konsum tal-UE fuq id-Deforestazzjoni: Analiżi komprensiva tal-impatt tal-konsum tal-UE fuq id-deforestazzjoni), studju ffinanzjat mid-DĠ ENV tal-Kummissjoni Ewropea, u mwettaq minn VITO, IIASA, HIVA u IUCN NL, http://ec.europa.eu/environment/forests/pdf/1.%20Report%20analysis%20of%20impact.pdf, p. 23-24

[29] Rapport ta' Valutazzjoni ta' ħames snin dwar id-Dikjarazzjoni ta' New York, "Protecting and restoring forests. A Story of Large Commitments yet Limited Progress" (Il-protezzjoni u r-restawr tal-foresti. Storja ta' Impenji Kbar iżda ta' Progress Limitat), Settembru 2019
https://forestdeclaration.org/images/uploads/resource/2019NYDFReport.pdf

u d-degradazzjoni tal-ekosistema u għandhom ikunu biss komplementari għal miżuri vinkolanti; jinnota li ċ-ċertifikazzjoni volontarja ta' partijiet terzi tista' tkun għodda awżiljarja biex tivvaluta u timmitiga r-riskji tad-deforestazzjoni meta tkun iddisinjata u implimentata bis-sħiħ fir-rigward tal-kriterji ta' sostenibbiltà ddefiniti sewwa, li jistgħu jitkejlu, u li jkunu ambizzjużi li tkun ibbażata fuqhom, ir-robustezza taċ-ċertifikazzjoni u l-proċess ta' akkreditazzjoni, is-sorveljanza indipendenti u l-mekkaniżmi ta' konformità, il-possibbiltajiet biex tiġi ssorveljata l-katina tal-provvista u rekwiżiti sodi biex jiġu protetti l-foresti primarji u foresti naturali oħra u biex tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

16. Jinnota li ċ-ċertifikazzjoni u t-tikketti ta' partijiet terzi waħedhom mhumiex effettivi biex jipprevjenu li komoditajiet u prodotti li jpoġġu f'riskju lill-ekosistemi jidħlu fis-suq intern tal-Unjoni; jenfasizza għalhekk li ċ-ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi tista' tkun biss komplementari għall-proċessi ta' diliġenza dovuta bir-reqqa mandatorji tal-operaturi, iżda ma tistax tissostitwihom, liema proċessi jiżguraw ukoll ir-responsabbiltà soċjali u ambjentali tagħhom, f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" stabbilit fl-Artikolu 191 tat-TFUE;

17. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-għadd kbir ta' skemi u tikketti ta' ċertifikazzjoni eżistenti jwassal għal konfużjoni fost il-konsumaturi u jxekkel l-għażliet tagħhom biex jagħmlu għażla infurmata; jenfasizza f'dan ir-rigward li għandha tiġi kkunsidrata l-armonizzazzjoni tal-obbligu li tingħata informazzjoni;

18. Jissottolinja li miżura ta' politika li tiddependi biss mill-għażla tal-konsumatur tittrasferixxi b'mod mhux xieraq ir-responsabbiltà għax-xiri ta' prodotti mhux assoċjati mad-deforestazzjoni fuq il-konsumaturi, li mhijiex effettiva biżżejjed biex tintegra produzzjoni aktar sostenibbli; jemmen li l-informazzjoni tal-konsumaturi dwar prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni tista' tkun għodda b'saħħitha biex tikkomplementa qafas legali dwar id-diliġenza dovuta u biex tindirizza n-naħa tad-domanda ta' dan is-suġġett; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra aktar il-kunsiderazzjonijiet dwar id-deforestazzjoni fl-Ekotikketta tal-UE, l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku u inizjattivi oħra fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari, bħala parti minn sett komprensiv ta' azzjonijiet u inizjattivi biex tiżgura ktajjen ta' provvista mhux assoċjati mad-deforestazzjoni; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tinkludi r-riskju tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-ekosistemi fost il-kriterji tal-asserzjonijiet ekoloġiċi fid-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] u biex tistabbilixxi skema ta' approvazzjoni minn qabel tal-UE biex tawtorizza l-użu tal-asserzjonijiet ekoloġiċi;

19. Jinnota li, sa issa, m'hemm l-ebda regola fis-seħħ li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' prodotti li kkontribwew għall-qerda tal-foresti; jirrimarka li anke l-injam maqtugħ li jkun legalment konformi mal-liġi tal-pajjiż ta' oriġini jista' jikkontribwixxi għad-deforestazzjoni u xorta jista' jgawdi minn aċċess liberu għas-suq tal-Unjoni; jinnota li, għalhekk, il-konsumaturi ta' bosta komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u lill-ekosistemi f'riskju fl-Unjoni m'għandhom l-ebda garanzija li dawn il-prodotti ma

---

[30] Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali"). (ĠU L 149 11.6.2005, p. 22).

kkontribwewx għad-deforestazzjoni u li, b'konsegwenza ta' dan, il-konsumaturi mingħajr ħtija, mingħajr ma jridu u mingħajr ma jafu jixprunaw id-deforestazzjoni;

20. Jinnota li l-kriterji għal dak li jikkostitwixxi komodità jew prodotti "mhux assoċjati mad-deforestazzjoni" li jirfdu l-iskemi ta' ċertifikazzjoni mhux dejjem kienu komprensivi biżżejjed, peress li xi kultant dawn ikopru biss xi wħud mill-ingredjenti rilevanti tal-prodott, partijiet biss miċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott, jew jużaw definizzjoni insuffiċjenti ta' "mhux assoċjati mad-deforestazzjoni", li jistgħu jwasslu għal xiri ta' tikketti minn kumpaniji u jnaqqsu l-ambizzjoni taċ-ċertifikazzjoni b'mod ġenerali;

*Regoli obbligatorji bbażati fuq id-diliġenza dovuta*

21. Jilqa' f'dan ir-rigward, is-sejħiet minn għadd ta' kumpaniji biex jiġu introdotti regoli tal-Unjoni għal diliġenza dovuta obbligatorja fil-ktajjen tal-provvista tal-komoditajiet li huma ta' riskju għall-foresti;

22. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta, mingħajr dewmien, proposta għal qafas legali tal-UE bbażat fuq id-diliġenza dovuta biex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista sostenibbli u mhux assoċjati mad-deforestazzjoni għall-prodotti li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, b'enfasi partikolari fuq l-indirizzar tal-ixpruni ewlenin tad-deforestazzjoni importata u li minflok jinkoraġġixxi l-importazzjonijiet li ma joħolqux deforestazzjoni barra l-pajjiż, filwaqt li tqis l-importanza ekonomika tal-esportazzjoni tal-komoditajiet għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, u b'kunsiderazzjoni tal-feedback mill-partijiet ikkonċernati kollha, speċjalment l-SMEs;

23. Ifakkar li fil-Komunikazzjoni tagħha dwar id-Deforestazzjoni tal-2008, il-Kummissjoni stabbiliet l-għan li twaqqaf it-telf globali tal-kopertura tal-foresti sa mhux aktar tard mill-2030 u li tnaqqas id-deforestazzjoni tropikali grossa b'mill-inqas 50 % sal-2020, u jwissi li t-tieni għan kważi żgur mhux se jintlaħaq;

24. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tindirizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti, iżda jitlob approċċ politiku aktar ambizzjuż; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta, akkumpanjata b'valutazzjoni tal-impatt, għal qafas legali tal-UE bbażat fuq rekwiżiti obbligatorji ta' diliġenza dovuta, rapportar, divulgazzjoni u parteċipazzjoni ta' partijiet terzi, kif ukoll fuq ir-responsabbiltà u s-sanzjonijiet f'każ ta' ksur tal-obbligi għall-kumpaniji kollha li jqiegħdu għall-ewwel darba fis-suq tal-Unjoni komoditajiet li jinvolvu riskji għall-foresti u għall-ekosistemi u prodotti derivati minn dawn il-komoditajiet, u l-aċċess għall-ġustizzja u r-rimedju għall-vittmi ta' ksur ta' dawn l-obbligi; li għandhom jiġu imposti obbligi ta' traċċabilità fuq in-negozjanti fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-oriġini tal-komoditajiet u tal-prodotti derivati minnhom fil-mument li jitqiegħdu fis-suq intern tal-Unjoni, biex jiġu żgurati ktajjen tal-valur sostenibbli u mhux assoċjati mad-deforestazzjoni, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni; jenfasizza li l-istess qafas legali għandu japplika wkoll għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha awtorizzati li joperaw fl-Unjoni u li qed jipprovdu flus lil kumpaniji li jaħsdu, jestrattaw, jipproduċu, jipproċessaw jew jikkummerċjalizzaw komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju jew prodotti derivati minnhom;

25. Jemmen li l-Unjoni teħtieġ tiżgura li tippromwovi biss ktajjen ta' provvista globali u

flussi finanzjarji li jkunu sostenibbli u mhux assoċjati mad-deforestazzjoni u li ma jwasslux għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jinsab konvint li r-regoli obbligatorji dwar is-sostenibbiltà ppromulgati f'suq kbir, bħas-suq tal-Unjoni, għandhom il-potenzjal li jixprunaw il-prattiki ta' produzzjoni globali lejn prattiki aktar sostenibbli;

26. Jirrimarka li l-komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju koperti minn dan il-qafas legali tal-UE għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' kunsiderazzjonijiet oġġettivi, trasparenti u bbażati fuq ix-xjenza li jindikaw li tali komoditajiet ikunu assoċjati mal-qerda u d-degradazzjoni ta' foresti u ekosistemi b'ħażna għolja ta' karbonju u rikki fil-bijodiversità, kif ukoll fir-rigward tad-drittijiet tal-popli indiġeni u d-drittijiet tal-bniedem b'mod ġenerali;

27. Jenfasizza li tali qafas legali tal-UE ma għandux biss jiggarantixxi l-legalità tal-ħsad, il-produzzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' komoditajiet u ta' prodotti derivati minnhom li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju fil-pajjiż ta' oriġini, iżda wkoll is-sostenibbiltà tal-ħsad, il-produzzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar tagħhom;

28. Jenfasizza li, skont diversi studji[31], qafas legali biex jipprevjeni d-dħul ta' prodotti marbuta mad-deforestazzjoni fis-suq intern tal-Unjoni, mhu se jkollu l-ebda impatt fuq il-volum u l-prezz tal-komoditajiet mibjugħin fl-Unjoni u li huma koperti fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni, u li l-ispejjeż żejda li jħallsu l-operaturi biex jimplimentaw dawn l-obbligi legali huma minimi;

29. Jenfasizza l-kontribut tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-attivisti ambjentali, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija, kif ukoll tal-informaturi, fil-ġlieda kontra l-ħsad illegali tal-injam li jirriżulta fid-deforestazzjoni, fit-telf tal-bijodiversità u fiż-żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;

30. Jinnota li tali qafas legali tal-UE għandu jkun estiż ukoll għal ekosistemi b'ħażna għolja ta' karbonju u rikki fid-diversità apparti l-foresti, bħall-ekosistemi tal-baħar u tal-kosta, l-artijiet mistagħdra, it-torbieri u s-savani, sabiex jiġi evitat li l-pressjoni tgħaddi fuq dawn l-ambjenti;

31. Jemmen li dawn l-obbligi għandhom japplikaw għall-operaturi kollha li jqiegħdu komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju (FERC) fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament mid-daqs jew il-post tar-reġistrazzjoni tagħhom, ladarba valutazzjoni bir-reqqa tkun ikkonkludiet li dan ikun funzjonali u applikabbli għall-atturi kollha fis-suq, inklużi l-SMEs; filwaqt li jirrikonoxxi li l-azzjonijiet li jsegwu l-valutazzjoni tar-riskju tal-operatur iridu jkunu proporzjonati mal-livell ta' riskji assoċjati mal-komodità partikolari, jemmen li f'suq aħħari frammentat, l-inklużjoni ta' kumpaniji iżgħar u akbar hija kruċjali biex jiġi żgurat li jkun hemm kemm impatt fuq skala kbira kif ukoll il-fiduċja tal-konsumaturi; jenfasizza li l-qafas regolatorju ma jridx iwassal għal piż żejjed fuq il-produtturi żgħar u ta' daqs medju, inklużi l-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, jew jipprevjeni l-aċċess tagħhom għas-swieq u l-kummerċ internazzjonali minħabba nuqqas ta' kapaċità; jissottolinja, għalhekk, il-ħtieġa ta' mekkaniżmu ta' appoġġ koordinat għall-SMEs fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat li dawn jifhmu, jitħejjew u jkunu kapaċi jipproduċu f'konformità mar-rekwiżiti ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem;

[31] https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0959378014001046

32. Jemmen li rekwiżiti ta' diliġenza dovuta obbligatorja madwar l-Unjoni jipprovdu benefiċċji għan-negozji permezz tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi billi l-kompetituri jkollhom jimxu mal-istess standards, u jipprovdu ċertezza legali, għall-kuntrarju tal-mużajk ta' miżuri differenti fuq livell nazzjonali;

33. Ifakkar fis-sejbiet tal-istudju dwar ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta permezz tal-katina tal-provvista, li ġie kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni, li sab li l-maġġoranza ta' dawk li wieġbu mill-qasam tan-negozju jaqblu li d-diliġenza dovuta obbligatorja jkollha impatt pożittiv fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent;

34. Jisħaq li d-diġitalizzazzjoni u l-għodod ġodda tat-teknoloġija għandhom il-potenzjal li jipprovdu soluzzjonijiet bla preċedent għall-kumpaniji biex jidentifikaw, jipprevjenu, inaqqsu u jerfgħu r-responsabbiltà għad-drittijiet tal-bniedem u l-impatti ambjentali;

35. Jemmen li l-qafas legali futur li jikkonċerna l-komoditajiet li jirrappreżentaw riskju għall-foresti għandu jibbaża fuq it-tagħlimiet meħuda mill-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam, ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] ("ir-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt"), id-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] ("id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju"), il-leġiżlazzjoni dwar is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u inizjattivi oħra tal-UE li jirregolaw il-ktajjen tal-provvista;

36. Jilqa' r-reviżjoni li għaddejja bħalissa tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju u jistieden lill-Kummissjoni żżid il-kwalità u l-ambitu tad-divulgazzjoni mhux finanzjarja, b'mod partikolari dwar ir-rappurtar tal-istituzzjonijiet finanzjarji dwar l-aspetti ambjentali, u biex tippromwovi l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet dwar il-foresti fir-responsabbiltà soċjali korporattiva;

*Ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam u l-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) dwar il-FLEGT*

37. Jinsab konvint li r-Regolament tal-UE dwar l-Injam, speċjalment ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tiegħu, jirrappreżenta mudell tajjeb biex fuqu jinbena qafas legali futur tal-UE biex id-deforestazzjoni globali kkawżata mill-UE titwaqqaf u titreġġa' lura, madankollu n-nuqqas ta' implimentazzjoni u ta' infurzar tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam u l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-prodotti koperti minnu jfisser li r-regolament ma jissodisfax l-ispirtu u l-intenzjoni tiegħu; huwa għalhekk tal-opinjoni li, mir-Regolament tal-UE dwar l-Injam, jistgħu jittieħdu tagħlimiet għal titjib fir-regoli ta' implimentazzjoni u infurzar għal qafas legali futur tal-UE biex id-deforestazzjoni globali kkawżata mill-UE titwaqqaf u titreġġa' lura; ifakkar li l-legalità tal-ħsad u l-kummerċ tal-prodotti forestali hija attwalment koperta mir-Regolament tal-UE dwar l-Injam, u għalhekk jenfasizza li r-regolamentazzjoni doppja fil-qafas legali futur tal-UE

[32] Ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli (ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1).
[33] Id-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 1).

għandha tiġi evitata u għandhom jiġu armonizzati miżuri li jirregolaw il-ħsad legali u illegali tal-prodotti tal-foresti u l-kummerċ fihom;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-inklużjoni possibbli ta' komoditajiet koperti mir-Regolament tal-UE dwar l-Injam fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta għal qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali mmexxija mill-UE, filwaqt li jitqies il-kontroll tal-idoneità li jmiss tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam, u jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-implikazzjonijiet potenzjali fuq il-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) attwali. Il-pajjiżi sħab tal-Unjoni li jipproduċu l-injam għandhom ikunu assoċjati mill-qrib f'dan l-impenn;

39. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati tajbin li wriet il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi skont il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE u l-VPAs fl-indirizzar tal-isfida min-naħa tal-provvista tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u jisħaq li din il-ħidma għandha tiġi intensifikata, speċjalment f'termini ta' sorveljanza, verifiki u kontrolli u anke f'termini ta' offerta ta' bini tal-kapaċità; jisħaq li l-VPAs jikkostitwixxu qafas tassew effikaċi biex jiġu stabbiliti sħubiji tajbin ma' dawn il-pajjiżi u li għandhom jiġu promossi VPAs ġodda ma' sħab oħrajn; jistieden lill-UE żżid il-finanzjament għall-FLEGT;

40. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Ħidma FLEGT 2018-2022 tal-UE;

41. Jilqa' l-kontroll tal-idoneità li jmiss mill-Kummissjoni tar-Regolament FLEGT u tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam bħala opportunità biex jissaħħaħ l-infurzar tagħhom, tkompli tittejjeb l-implimentazzjoni tagħhom u jitwessa' l-ambitu li jkopru għal pereżempju prodotti stampati, prodotti tal-injam u injam minn reġjuni ta' kunflitt, u biex jissaħħaħ ir-rwol tas-soċjetà ċivili;

42. Itenni t-talba tiegħu li l-importazzjonijiet tal-injam u tal-prodotti tal-injam għandhom jiġu kkontrollati aktar bir-reqqa fil-fruntieri tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li l-prodotti importati tassew jikkonformaw mal-kriterji biex jidħlu fl-Unjoni; jappella għall-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet doganali nazzjonali biex jiġi żgurat li jkun hemm armonizzazzjoni u implimentazzjoni aħjar tal-KDU; jisħaq li l-Kummissjoni għandha bżonn tiżgura li l-kontrolli doganali fl-Unjoni kollha jsegwu l-istess standards, permezz ta' mekkaniżmu dirett unifikat ta' kontroll doganali, b'koordinazzjoni mal-Istati Membri u b'konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

43. Huwa tal-opinjoni li l-ftehimiet ta' sħubija bbażati fuq il-kummerċ ma' pajjiżi produtturi ewlenin tal-FERCs jistgħu jkunu utli biex jiġu indirizzati l-kawżi tad-deforestazzjoni min-naħa tal-provvista u jinnota li l-mudell tal-VPAs dwar il-FLEGT huwa wieħed mill-għażliet;

44. Il-proposta għandha tiżgura li jkun hemm ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar kwalunkwe miżura u qafas ġodda għall-Unjoni kollha relatati mal-użu attwali tal-VPAs dwar il-FLEGT u l-għoti ta' liċenzji, sabiex jiġi żgurat l-interess fl-investiment fl-esportazzjoni mhux assoċjata mad-deforestazzjoni lejn l-UE; u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi ftehimiet ta' sħubija bbażati fuq il-kummerċ ma' pajjiżi produtturi ewlenin ta' komoditajiet agrikoli, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi tad-

deforestazzjoni min-naħa tal-provvista;

*Il-kummerċ u l-kooperazzjoni internazzjonali*

45. Jisħaq li l-politika kummerċjali u ta' investiment jeħtieġ li tiġi rieżaminata sabiex tindirizza l-isfida globali tad-deforestazzjoni b'mod aktar effettiv, u billi toħloq kundizzjonijiet ekwi globalment, u tqis ir-rabta bejn il-ftehimiet kummerċjali u l-bijodiversità globali kif ukoll l-ekosistema tal-foresti;

46. Itenni li l-politika kummerċjali u ta' investiment tal-Unjoni, inkluż il-ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Mercosur, għandha tinkludi kapitoli vinkolanti u infurzabbli dwar l-iżvilupp sostenibbli li jirrispettaw bis-sħiħ l-impenji internazzjonali, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, ikunu konformi mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment futuri kollha jkun fihom dispożizzjonijiet legalment vinkolanti u infurzabbli, inklużi dispożizzjonijiet kontra l-korruzzjoni u relatati mal-qtugħ illegali tas-siġar, għall-prevenzjoni tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti u tal-qerda u d-degradazzjoni tal-ekosistemi;

47. Jirrakkomanda, fil-kuntest tal-prinċipju ta' "tagħmel l-ebda ħsara" kif enfasizzat fil-komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li l-Kummissjoni tivvaluta aħjar u regolarment l-impatt tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment eżistenti dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u tal-ekosistemi, il-ħtif tal-art u d-drittijiet tal-bniedem u tiżgura li dispożizzjonijiet vinkolanti u infurzabbli aktar ambizzjużi dwar il-protezzjoni tal-foresti u tal-ekosistemi, il-bijodiversità, dwar it-tmiem tal-ħtif tal-art u l-forestrija sostenibbli jiġu inklużi fil-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kollha dwar il-kummerċ ħieles u l-investiment;

48. Jirrimarka li, sabiex jiġi evitat id-dumping tal-prezzijiet u jiġi żgurat l-użu sostenibbli tal-injam, biex tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' ftehimiet bilaterali bbażati fuq id-dumping tal-prezzijiet tal-injam, u biex jiġi evitat li jsir qtugħ addizzjonali tas-siġar, għandhom jiġu kkunsidrati rimedji inkluż l-istabbiliment ta' sistema komuni ta' rkant tal-injam, biex ikun possibbli li jiġi traċċat minn fejn joriġina l-materjal u biex it-tħassib dwar il-klima, il-bijodiversità u d-drittijiet tal-bniedem jitqies fil-prezz;

49. Iqis li l-kummerċ u l-kooperazzjoni internazzjonali huma għodod importanti għall-konsolidazzjoni ta' standards ogħla ta' sostenibbiltà, speċjalment fir-rigward ta' setturi li huma marbuta mal-foresti u l-ktajjen tal-valur derivati tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi permezz ta' assistenza teknika, skambju ta' informazzjoni u prattiki tajba fil-preservazzjoni, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-foresti, b'enfasi speċjali fuq ir-rabta bejn il-kriminalità organizzata u l-komoditajiet assoċjati mad-deforestazzjoni, u jippromwovu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni xjentifika u akkademika ma' pajjiżi terzi, kif ukoll programmi ta' riċerka li jippromwovu l-għarfien u l-innovazzjoni dwar il-bijodiversità, l-impriżi li jirrispettaw l-ambjent u l-ekonomija ċirkolari; jisħaq fuq l-importanza li jitqiesu l-effetti tal-miżuri fuq l-impjiegi u t-tkabbir tal-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) li jiddependu mill-produzzjoni tal-FERCs; jistieden lill-UE tappoġġja lill-gvernijiet u lis-soċjetà ċivili ta' pajjiżi terzi u tikkoopera magħhom fil-ħidma tagħhom kontra d-

deforestazzjoni, partikolarment permezz tal-iskema SĠP+; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa jekk għandux jiġi żviluppat strument ġdid speċifiku ta' għajnuna għall-kummerċ biex jiffaċilita l-kummerċ fil-kuntest tal-mitigazzjoni tar-riskji relatati mal-produzzjoni tal-FERCs;

50. Jitlob lill-Kummissjoni li l-miżuri li għandhom jiġu adottati jkollhom approċċ komprensiv u differenzjat għad-deforestazzjoni, meta jitqiesu d-diversi dimensjonijiet tagħha u r-rabtiet tagħha kemm mal-ġenerazzjoni ta' impriżi sostenibbli kif ukoll mal-ġlieda kontra l-ekonomiji kriminali; għal dak il-għan, jappella għal djalogu ma' pajjiżi terzi sabiex jiġu analizzati, każ b'każ, il-kawżi ewlenin tat-telf tal-kopertura tal-foresti u r-rilevanza tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati;

51. Jisħaq li d-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku fl-FTAs għandhom iqisu l-kriterji soċjali, ambjentali u ta' mġiba responsabbli fin-negozju fl-għoti tal-kuntratti;

52. Jinsisti li r-rekwiżiti obbligatorji fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'aktar kooperazzjoni globali u kooperazzjoni rinforzata, governanza ambjentali globali msaħħa u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi permezz ta' assistenza teknika, l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba fil-preservazzjoni, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-foresti, filwaqt li jingħata rikonoxximent speċjali lill-inizjattivi ta' sostenibbiltà mwettqa mis-settur privat; b'aktar sforzi f'fora internazzjonali ewlenin, inkluż fid-WTO u fl-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), azzjonijiet biex iwaqqfu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, jirrestawraw il-foresti u jevitaw l-effett invers tad-delokalizzazzjoni tal-ktajjen ta' provvista mhux mixtieqa li jikkawżaw id-deforestazzjoni lejn reġjuni oħra fid-dinja;

53. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu, permezz tal-kummerċ u l-kooperazzjoni internazzjonali, l-investiment meħtieġ biex jiġu kkonsolidati standards ogħla ta' sostenibbiltà fis-setturi tal-forestrija u l-ktajjen tal-valur tagħhom, filwaqt li jippromwovu l-bijoekonomija ċirkolari, it-turiżmu ekoloġiku, l-enerġija rinnovabbli, l-agrikoltura intelliġenti u oqsma rilevanti oħra, anke f'pajjiżi terzi;

54. Il-proposta għandha tiżgura li jkun hemm ċertezza tad-dritt għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar kwalunkwe miżura u qafas ġodda għall-UE kollha relatati mal-użu attwali tal-VPAs dwar il-FLEGT u l-għoti ta' liċenzji, sabiex jiġi żgurat l-interess fl-investiment fl-esportazzjoni mhux assoċjata mad-deforestazzjoni lejn l-UE; u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi ftehimiet ta' sħubija bbażati fuq il-kummerċ ma' pajjiżi produtturi ewlenin ta' komoditajiet agrikoli, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi tad-deforestazzjoni min-naħa tal-provvista;

55. Jinnota l-importanza li jiġi żgurat li d-deforestazzjoni tiġi inkluża fid-djalogi politiċi fil-livell tal-pajjiżi u li l-pajjiżi sħab jiġu megħjuna jiżviluppaw u jimplimentaw oqfsa nazzjonali għall-forestrija u l-forestrija sostenibbli; jenfasizza li dawk l-oqfsa nazzjonali jridu jirriflettu l-ħtiġijiet nazzjonali kif ukoll l-impenji globali; jisħaq fuq il-ħtieġa tal-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi li jinċentivaw lill-bdiewa żgħar biex iżommu u jtejbu l-ekosistema u l-prodotti pprovduti mill-forestrija u l-agrikoltura sostenibbli;

56. Huwa tal-opinjoni li azzjoni b'saħħitha fis-suq intern tal-Unjoni għandha timxi id f'id ma' azzjoni b'saħħitha fil-livell internazzjonali; għalhekk, il-Programmi Indikattivi Nazzjonali fl-ambitu tal-azzjoni esterna tal-UE għandhom jintegraw dispożizzjonijiet

biex jgħinu lill-kumpaniji u lill-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar tal-pajjiżi terzi li jaħdmu ma' operaturi li jqiegħdu komoditajiet FERC fis-suq intern tal-Unjoni biex iwettqu attivitajiet mingħajr ma jagħmlu ħsara lill-foresti u l-ekosistemi;

57. Jemmen li r-regolament propost fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni għandu jkun, u jista' jkun, imfassal b'mod li jkun konformi mar-regoli tad-WTO u għandu jkun akkumpanjat minn ftehimiet ta' sħubija bbażati fuq il-kummerċ ma' pajjiżi produtturi ewlenin ta' komoditajiet agrikoli, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi min-naħa tal-provvista tad-deforestazzjoni;

58. Jipproponi li meta tinnegozja Programmi Indikattivi Nazzjonali (PIN) ma' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha tipprijoritizza d-dispożizzjonijiet li jgħinu lill-kumpaniji u lill-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar ta' pajjiżi terzi li jaħdmu mal-operaturi li jqiegħdu komoditajiet FERC fis-suq intern tal-Unjoni biex iwettqu attivitajiet li ma jagħmlux ħsara lill-foresti, lill-ekosistemi u lid-drittijiet tal-bniedem;

59 Jirrimarka li t-tisħiħ tal-qafas legali tal-UE dwar id-deforestazzjoni jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-art f'pajjiżi terzi u, sabiex tiġi evitata kwalunkwe spekulazzjoni, id-data ta' skadenza m'għandhiex tiġi stabbilita wara l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta deskritta fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;

***Deforestazzjoni u drittijiet tal-bniedem***

60. Jenfasizza li t-tibdil tal-qafas regolatorju sabiex jiġi legalizzat l-użu ta' ċerti żoni u l-modifika tad-drittijiet ta' pussess ma jneħħix l-impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent ikkawżat mill-implimentazzjoni ta' dan it-tibdil; jisħaq, għalhekk, li l-kriterji tad-diliġenza dovuta jridu jinkludu elementi oħra li jmorru lil hinn mil-legalità tal-azzjoni;

61. Jinnota li l-produzzjoni ta' komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju ma tħallix impatt negattiv fuq il-komunitajiet lokali biss permezz tad-deforestazzjoni diretta, id-degradazzjoni tal-ekosistemi u l-ħtif tal-art, iżda anke permezz tal-ħtif tal-ilma li jista' jaffettwa lill-ekosistemi tal-foresti u lil ekosistemi oħra; jirrimarka, għalhekk, li qafas legali biex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-ekosistemi naturali għandu jkopri l-kwistjoni tal-legalità tal-provvista tal-ilma għall-produzzjoni tal-komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju;

62. Jisħaq li l-komunitajiet lokali, il-popli indiġeni u d-difensuri tal-art u l-ambjent spiss ikunu fuq quddiem nett fil-ġlieda biex l-ekosistemi jiġu ppreservati; jinnota li f'xi reġjuni l-kunflitti dwar l-użu tal-artijiet u r-riżorsi huma l-kawża ewlenija ta' vjolenza kontra l-popli indiġeni[34]; huwa mħasseb li d-degradazzjoni u l-qerda tal-foresti u ta' ekosistemi prezzjużi oħra spiss jimxu id f'id mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew jirriżultaw minnu; jikkundanna kwalunkwe forma ta' penalizzazzjoni, fastidju u persekuzzjoni għall-involviment f'attivitajiet favur il-protezzjoni tal-ambjent; iħeġġeġ, għalhekk, l-inklużjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-

[34] Rapport mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali Brażiljan: http://www.mpf.mp.br/pgr/noticiaspgr/conflitos-associados-a-terra-saoprincipal-causa-de-violencia-contraindigenas-e-comunidades-tradicionaisno-brasil-segundo-mpf

drittijiet ta' pussess tal-art, id-drittijiet tal-art u x-xogħol, bil-għan li d-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali, jitqiesu fil-qafas legali futur tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ li l-proċessi ta' riforma legali fil-pajjiżi produtturi jitwettqu bil-parteċipazzjoni effettiva u sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali; jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex, waqt l-Assemblea Ġenerali tan-NU li jmiss, jappoġġjaw ir-rikonoxximent globali tad-dritt għal ambjent b'saħħtu;

63. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmu ta' rispons rapidu fil-livell tal-Unjoni biex jappoġġja lid-difensuri tal-ambjent u tal-foresti fl-Unjoni u fid-dinja kollha;

64. Jenfasizza li l-għoti ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja u r-rimedji għall-vittmi ta' dannu korporattiv għad-drittijiet tal-bniedem u dak ambjentali jrid ikun parti minn tali qafas legali;

65. Jisħaq li, minbarra li tistabbilixxi qafas legali tal-UE dwar il-komoditajiet li jikkawżaw id-deforestazzjoni, l-Unjoni jeħtieġ li tindirizza b'mod aktar deċiż l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, ir-responsabbiltà ambjentali u l-istat tad-dritt bħala kwistjonijiet orizzontali mal-pajjiżi kkonċernati u ma' pajjiżi oħra ewlenin ta' importazzjoni;

66. Jenfasizza li qafas legali bħal dan għandu jkun iddisinjat f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, u għandu jitqies fl-ambizzjonijiet tal-Ftehim futur ta' wara Cotonou;

67. Ifakkar fl-importanza li jiġu rrispettati l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; jappoġġja n-negozjati li għaddejjin biex jinħoloq strument vinkolanti tan-NU dwar korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u jisħaq fuq l-importanza li l-Unjoni tkun involuta b'mod proattiv f'dan il-proċess;

***Miżuri u koerenza tal-politiki tal-UE***

68. Jissottolinja li l-impatt tal-konsum tal-Unjoni ta' komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju jeħtieġ li jiġi indirizzat b'mod adegwat fi kwalunkwe segwitu, regolatorju jew mhux regolatorju, azzjoni u miżura tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u r-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, inklużi l-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tal-Istati Membri;

69. Jemmen li bidla immedjata u radikali fil-metodi ta' produzzjoni u x-xejriet tal-konsum tal-ikel hija ta' importanza fundamentali; jemmen, għalhekk, li huwa neċessarju li jiddaħħlu miżuri effettivi bil-għan li jiżdied l-appoġġ għall-prattiki agroekoloġiċi u li titnaqqas il-ħela tal-ikel fil-katina tal-provvista kollha; jinnota l-importanza li jiġu ppjanati azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni speċifiċi għall-konsumaturi sabiex jiżdied l-għarfien tagħhom dwar l-impatt tax-xejriet tal-konsum fuq il-foresti, il-bijodiversità u l-klima, li jingħata appoġġ u li jiġu mħeġġa għażliet ta' ikel ibbażati fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti;

70. Iqis li sabiex tiġi minimizzata l-impronta tal-karbonju li joħloq it-trasport tal-

importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u biex jiġu stimulati l-produzzjoni u l-impjiegi sostenibbli lokali, l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi l-użu ta' injam, prodotti tal-injam maħsud jew bijomassa forestali sostenibbli u ta' oriġini lokali;

71. Jisħaq fuq il-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet ta' komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju billi jiġu promossi l-proteina tal-pjanti mkabbra lokalment, ir-ragħa fil-mergħat, l-għalf legali u akkwistat b'mod sostenibbli, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Proteini;

72. Jappoġġja l-promozzjoni ta' għelejjel li jassorbu n-nitroġenu, għelejjel leguminużi u għelejjel li fihom il-proteini skont il-pjanijiet strateġiċi l-ġodda tal-PAK, fost l-oħrajn permezz tan-newba tal-għelejjel, il-kundizzjonalità, l-ekoskemi u l-miżuri agroambjentali, interventi settorjali ġodda u appoġġ akkoppjat sabiex tiżdied l-awtosuffiċjenza tal-Unjoni fir-rigward tal-għelejjel li fihom il-proteini, u, fl-istess ħin, jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-bijodiversità u l-istrateġiji mill-Għalqa sal-Platt; jinnota wkoll li l-introjtu u l-profittabbiltà tal-azjendi agrikoli tal-bhejjem għandhom isiru kompatibbli ma' livelli ta' produzzjoni li jistgħu jiġu sostnuti permezz tar-ragħa bbażat fuq il-mergħat jew għelejjel ta' għalf imkabbar lokalment; jappella għal aktar riċerka u promozzjoni ta' sistemi u metodi ta' produzzjoni innovattivi li jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż u l-inputs esterni, pereżempju sistemi ta' ragħa bbażati fuq il-foraġġ bħar-ragħa rotazzjonali, anke jekk il-volumi tal-produzzjoni jafu jkunu aktar baxxi;

73 Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp ta' bijoekonomija sostenibbli li tagħti valur ekonomiku għoli lill-prodotti li jiġu prodotti b'mod sostenibbli;

74. Jisħaq li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-bijoenerġija għandha tirrispondi għal kriterji soċjali u ambjentali rigorużi;

75. Jenfasizza li l-metodi użati biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha "m'għandhomx iwasslu għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-foresti f'partijiet oħra tad-dinja; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex sal-2021 tanalizza l-aspetti rilevanti tar-rapport mehmuż mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807[35] u, jekk ikun meħtieġ, tirrevedi dan ir-Regolament mingħajr dewmien bla bżonn, u fi kwalunkwe każ qabel l-2023, abbażi tal-għarfien xjentifiku u f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni; jitlob lill-Kummissjoni terġa' tivvaluta d-data dwar is-sojja u telimina b'mod gradwali l-bijofjuwils b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC) kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-2030;

76. Iqis li l-użu fuq skala kbira tal-bijofjuwils fl-Unjoni jrid ikun akkumpanjat minn kriterji ta' sostenibbiltà suffiċjenti sabiex jiġi evitat tibdil dirett u indirett fl-użu tal-art, inkluża d-deforestazzjoni; jinnota wkoll li l-kriterji attwali ma jqisux biżżejjed il-materja prima fossili użata fil-produzzjoni tal-bijofjuwils; jappella, għalhekk, għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli riveduta matul l-

[35] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 tat-13 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u fjuwils mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 1).

implimentazzjoni tagħha li għadha għaddejja, inkluża l-effikaċja tal-kriterji tas-sostenibbiltà għall-bijoenerġija; jinnota l-importanza tal-ktajjen ta' provvista lokali tal-materja prima għall-kisba ta' sostenibbiltà fit-tul;

*Komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni*

77. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat il-konsum ta' prodotti minn ktajjen tal-provvista mhux assoċjati mad-deforestazzjoni fl-Unjoni u li jiġu vvalutati kontinwament l-impatti tal-konsum fl-Unjoni ta' prodotti bħal dawn; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar il-komoditajiet u l-prodotti importati u l-impatt tagħhom fuq il-foresti u l-ekosistemi rikki fil-bijodiversità tad-dinja, kif ukoll il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tad-deforestazzjoni u l-qerda tal-ekosistema u r-reati relatati mal-foresti fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi;

78. Jirrimarka li l-Kummissjoni għandha tqis il-possibbiltà li tipproponi li l-foresti primarji jkunu siti ta' patrimonju tal-UNESCO sabiex tgħin biex jiġu protetti mid-deforestazzjoni u żżid il-possibbiltà li tinġibed l-attenzjoni tal-pubbliku għall-protezzjoni tagħhom; jekk dan ma jkunx fattibbli, għandhom jiġu evalwati possibbiltajiet legali oħra biex dawn l-għanijiet jintlaħqu;

*Definizzjonijiet, data dwar il-foresti u sorveljanza*

79. Jinnota li d-definizzjoni attwali tat-terminu foresta, il-kategorizzazzjoni tiegħu, u firxa ta' termini u prinċipji oħra assoċjati ma' deforestazzjoni permezz tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti adottata mill-korpi rilevanti, pereżempju, l-FAO, huma purament tekniċi u ma jiddifferenzjawx b'mod adegwat bejn foresti naturali u pjantaġġuni ta' foresti fejn il-funzjoni ekonomika tal-foresta tisboq sew il-funzjonijiet l-oħra tagħha, u jenfasizza li dan jista' jirriżulta fid-distorsjoni tad-data dwar iż-żona u l-istat tal-foresti tad-dinja; jistieden lill-partijiet ikkonċernati rilevanti jarmonizzaw l-użu tat-terminoloġija skont il-formulazzjoni mogħtija fl-anness għall-abbozz tar-riżoluzzjoni, u jenfasizza s-sinifikat ta' din il-kjarifika għall-użu effettiv ta' strumenti relatati;

80. Jenfasizza l-ħtieġa, b'mod partikolari, ta' monitoraġġ indipendenti tal-produzzjoni u l-kummerċ tal-komoditajiet assoċjati mad-deforestazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet permezz tal-programm Orizzont Ewropa u tappoġġja l-monitoraġġ indipendenti fil-pajjiżi produtturi, kif ukoll l-iskambju fosthom tal-aħjar prattiki u tal-lezzjonijiet meħuda, sabiex jittejbu l-metodoloġiji użati u l-granularità tal-informazzjoni;

81. Jenfasizza l-ħtieġa essenzjali li jittejbu l-mekkaniżmi li jgħinu biex jiġu identifikati s-sors jew l-oriġini tal-materjal tal-injam li jitqiegħed fis-suq intern;

82. Jinnota li aċċess akbar għad-data doganali dwar l-importazzjonijiet li jidħlu fl-Unjoni jżid it-trasparenza u r-responsabbiltà fl-ambitu tal-katina tal-valur globali; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sħubija doganali fi ħdan l-Unjoni filwaqt li testendi r-rekwiżiti tad-data doganali, b'mod partikolari billi tinkludi lill-esportatur u lill-manifattur bħala elementi obbligatorji tad-data doganali, u b'hekk issaħħaħ it-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-ktajjen tal-valur globali; Jinnota li d-disponibbiltà u l-eżattezza tad-data li tintuża biex jiġi vvalutat f'liema żmien l-art ġiet iddeforestata/ikkonvertita f'użu ieħor jeħtieġ li jkunu affidabbli għal implimentazzjoni

effettiva;

84. Jistieden lill-Unjoni tkompli tiżviluppa programmi ta' riċerka u monitoraġġ bħal Copernicus, il-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja u programmi oħra ta' monitoraġġ sabiex tiġi ssorveljata l-katina tal-provvista ta' komoditajiet sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati u mogħtija twissijiet bikrin dwar prodotti li kkawżaw deforestazzjoni jew degradazzjoni ambjentali matul il-fażi ta' produzzjoni tagħhom;

85. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina l-użu msaħħaħ tas-sistema satellitari Copernicus għall-monitoraġġ tal-foresti u għall-prevenzjoni tan-nirien tal-foresti u tal-ħsarat fil-foresti, inklużi l-monitoraġġ u l-identifikazzjoni tal-kawżi tan-nirien u tal-ħsara fil-foresti, id-deforestazzjoni u l-konverżjoni tal-ekosistemi, li tiffaċilita l-aċċess għall-awtoritajiet rilevanti f'kull Stat Membru, u tiżgura sors dirett ta' data miftuħa għall-SMEs jew għan-negozji l-ġodda;

86. Jilqa' l-ħolqien ta' osservatorju tal-foresti biex jiġbor data u informazzjoni dwar id-deforestazzjoni fl-Ewropa kif ukoll fuq livell globali, u jitlob li dan l-osservatorju jistabbilixxi mekkaniżmu biex jipproteġi lid-difensuri tal-foresti;

87. Jappella għall-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' twissija bikrija biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-kumpaniji, inklużi skemi ta' partijiet terzi, u lill-konsumaturi dwar komoditajiet li joriġinaw f'żoni ta' riskju ta' konverżjoni tal-ekosistemi li jikkonċernaw it-telf u d-deterjorament tal-foresti u tas-savana u żoni fejn ikunu ġew miksura d-drittijiet tal-bniedem, u biex jassistu fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet billi jintensifikaw id-djalogu u l-kondiviżjoni tad-data mal-pajjiżi terzi rispettivi;

88. Jistieden lill-Kummissjoni twaqqaf bażi ta' data Ewropea li tiġbor fiha proġetti li diġà saru u li għaddejjin bħalissa bejn l-UE u pajjiżi terzi kif ukoll proġetti bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi sabiex jiġi vvalutat l-impatt tagħhom fuq il-foresti tad-dinja; jissottolinja l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti;

***Ġestjoni tal-foresti, riċerka u innovazzjoni***

89. Jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu r-rabtiet bejn is-settur ibbażat fuq il-foresti u setturi oħra u l-importanza tad-diġitalizzazzjoni u tal-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex tiġi mmonitorjata d-deforestazzoni;

90. Jinnota li s-settur tal-forestrija jimpjega mill-inqas 500 000 ruħ direttament[36] fl-Unjoni, u 13-il miljun ruħ fid-dinja kollha[37], u li dawn l-impjiegi jinsabu b'mod speċjali fiż-żoni rurali;

91. Jinnota li fil-livell tal-Unjoni, il-politiki ta' xi Stati Membri jirriflettu qafas dwar il-foresti u dwar il-ġestjoni tal-foresti li jista' jkun frammentat u diżassoċjat, u għalhekk jeħtieġu koordinazzjoni akbar u aħjar sabiex titħeġġeġ is-sostenibbiltà;

92. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-gvernijiet, l-impriżi, il-

[36] *Bażi ta' data tal-Eurostat dwar il-forestrija* https://ec.europa.eu/eurostat/web/forestry/data/database
[37] http://www.fao.org/rural-employment/agricultural-sub-sectors/forestry/en

produtturi u s-soċjetà ċivili biex jiġu adottati politiki u jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ta' qafas biex jiġu appoġġjati proġetti tas-settur privat;

93. Jissottolinja r-rwol essenzjali tar-riċerka u l-innovazzjoni fit-trawwim tal-kontribut tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tas-settur ibbażat fuq il-foresti biex niffaċċjaw l-isfidi tad-deforestazzjoni u nindirizzaw it-tibdil fil-klima;

94. Jitlob appoġġ reċiproku fil-każ ta' avvenimenti avversi permezz ta' riċerka u skambji sabiex jinstabu miżuri adattati għall-kundizzjonijiet ġeografiċi li jistgħu jipproteġu kontra nirien fuq skala kbira jew jipprevjenu l-infestazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara;

95. Jilqa' miżuri għall-adattament tal-pjantaġġuni għat-tibdil fil-klima; jilqa' l-fatt li f'ħafna pajjiżi diġà hija rrakkomandata u prattikata żieda fl-għadd ta' speċijiet ta' siġar indiġeni reżiljenti f'foresti b'saħħithom u bijoloġikament diversi;

96. Jenfasizza l-importanza tat-taħriġ, fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, il-pjantaġġuni u l-agroforestrija, inkluża l-kopertura kontinwa tal-veġetazzjoni; iqis li dawn huma fattur essenzjali fl-iżgurar tal-bijodiversità u tal-introjtu għall-komunitajiet forestali u għall-bdiewa li jipprattikaw l-agroforestrija;

97. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni u ta' forza tax-xogħol tas-sengħa u mħarrġa tajjeb għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti fil-prattika; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri u jużaw is-sħubijiet eżistenti biex jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam;

98. Jitlob tisħiħ tal-kooperazzjoni mad-dinja kollha għall-kondiviżjoni aħjar tal-għarfien u tal-esperjenzi fit-titjib tas-sostenibbiltà fil-ġestjoni tal-foresti multifunzjonali;

99. Jistieden, għaldaqstant, lill-Unjoni biex tiżviluppa alleanzi internazzjonali ma' pajjiżi terzi għall-protezzjoni tal-foresti, l-insegwiment ta' politiki sodi bl-għan ta' deforestazzjoni żero, ippjanar integrat tal-art, trasparenza rigward il-pussess tal-art u prevenzjoni tal-konverżjoni tal-foresta f'art agrikola; jitlob, għal dan il-għan, li jiġi żgurat finanzjament internazzjonali fil-qafas tal-ftehimiet dinjija dwar il-protezzjoni tal-foresti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-gvernijiet Ewropej u l-atturi internazzjonali;

100. Jitlob li jiġu żviluppati kunċetti għal futur sostenibbli għall-foresti madwar id-dinja li jirrikonċiljaw kemm l-interessi ekonomiċi kif ukoll dawk ambjentali, peress li l-foresti huma riżorsa importanti għal ħafna pajjiżi u li dawn tal-aħħar mhumiex lesti li jċedu din ir-riżorsa b'mod volontarju;

101. Jitlob approċċ aktar olistiku, fi ħdan l-Unjoni, li fih l-Unjoni tipprovdi appoġġ dirett lill-awtoritajiet lokali għall-afforestazzjoni u l-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli; jitlob, b'mod partikolari, li l-Unjoni jkollha rwol aktar b'saħħtu fl-għajnuna lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-infurzar tar-regolamenti fis-seħħ dwar il-protezzjoni tal-foresti;

102. Jappella għal appoġġ finanzjarju robust u programmi ta' inċentivi għal miżuri ta' afforestazzjoni ta' art deterjorata u art mhux adatta għall-biedja;

***Finanzjament***

103. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta Qafas Finanzjarju Pluriennali li jirrispetta l-klima u l-ambjent; filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lill-impatt tal-fondi ta' azzjoni esterna li jistgħu jikkontribwixxu għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-ekosistemi, kif ukoll ċerti fondi ta' riċerka u żvilupp; jitlob li ssir Verifika tal-Patt Ekoloġiku tal-QFP u tal-baġits Ewropej kollha;

104. Jemmen li l-kriterji tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku tal-UE għandhom jinkludu d-deforestazzjoni u l-konformità mal-proposta dwar id-diliġenza dovuta fost id-dispożizzjonijiet tagħha; reviżjoni tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku[38] għandha tintegra l-konformità mad-diliġenza dovuta fil-kriterji tal-għoti;

105. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet u lill-aġenziji kollha tal-Unjoni biex imexxu bl-eżempju billi jimmodifikaw l-imġiba, l-akkwisti u l-kuntratti qafas tagħhom lejn l-użu ta' prodotti "mhux assoċjati mad-deforestazzjoni biss";

106. B'mod partikolari, jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi biex tipprojbixxi x-xiri pubbliku ta' prodotti importati li jirriżultaw f'deforestazzjoni fil-qafas tal-Ftehim Plurilaterali tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA) u d-Direttiva 2014/24;

107. Jistieden lill-Unjoni tagħti appoġġ xieraq għall-protezzjoni taż-żoni protetti magħżula eżistenti u għall-ħolqien ta' oħrajn ġodda b'mod adegwat, speċjalment fil-pajjiżi li huma produtturi ewlenin ta' injam;

108. Jistieden lill-Unjoni tagħmel l-għoti ta' għajnuna finanzjarja lill-pajjiżi sħab soġġett għall-introduzzjoni ta' sistema funzjonali ta' strumenti kunċettwali vinkolanti li jikkontribwixxu għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti (pereżempju pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti); jenfasizza li dawn huma funzjonali biss jekk ikunu ppreparati b'għarfien espert suffiċjenti u jistieden lill-Unjoni tistabbilixxi u tinforza regoli ċari għall-konformità magħhom;

109. Jitlob li s-settur forestali jkollu rwol li jispikka fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) li jmiss kif ukoll li jsir l-aħjar użu mill-potenzjal sħiħ tal-Pjan ta' Investiment Estern u tal-faċilitajiet reġjonali ta' finanzjament imħallat biex jiġu mobilizzati l-finanzjamenti privati għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; jitlob li jissaħħu l-istandards u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni li diġà jeżistu minflok ma jiġu introdotti oħrajn ġodda u jisħaq li dawk l-istandards u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jeħtieġ li jikkonformaw mar-regoli tad-WTO;

110. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat rikonoxximent effettiv u rispett tad-drittijiet konswetudinarji ta' pussess tal-art tal-komunitajiet u tal-popli indiġeni li jiddependu mill-foresti bħala kwistjoni ta' ġustizzja soċjali f'konformità mal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali (VGGT), id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP) u l-Konvenzjoni Nru 169 tal-ILO; jistieden lill-Kummissjoni ssostni t-tixrid, l-użu u l-implimentazzjoni tal-VGGT fuq livell globali, reġjonali u nazzjonali u anke permezz tal-Pjan ta' Investiment Estern;

[38] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

111. Jitlob li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-AKP sabiex tiġi indirizzata l-problema dejjem akbar tad-deforestazzjoni u d-deżertifikazzjoni fl-Istati AKP, permezz tal-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni bl-għan tat-titjib tal-ġestjoni u l-konservazzjoni tal-foresti u l-istabbiliment ta' sistemi ta' monitoraġġ; jistieden lill-Unjoni tiżgura li d-deforestazzjoni tiġi inkluża fid-djalogi politiċi fil-livell tal-pajjiż, u tgħin lill-pajjiżi sħab jiżviluppaw u jimplimentaw oqfsa nazzjonali dwar il-foresti u dwar ktajjen ta' provvista sostenibbli, filwaqt li tappoġġja l-implimentazzjoni effettiva tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDC) tal-pajjiżi sħab skont il-Ftehim ta' Pariġi;

*

**

112. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 114(3) u l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal qafas legali tal-UE biex id-deforestazzjoni globali kkawżata mill-UE titwaqqaf u titreġġa' lura, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness mehmuż;

113. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

## ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI:

## RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

### *1. Objettiv*

Il-proposta għal Regolament ("il-proposta") għandha tipprovdi l-bażi għall-assigurazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni għar-riżorsi naturali, bħall-foresti naturali, il-bijodiversità u l-ekosistemi naturali, kif ukoll tikkontribwixxi għal qafas imsaħħaħ għall-ġestjoni sostenibbli tagħhom biex jiġu evitati d-degradazzjoni u l-konverżjoni tagħhom, billi jiġi żgurat li t-tendenzi tas-suq u tal-konsum tal-Unjoni ma jaffettwawhomx b'mod detrimentali. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet kemm formali kif ukoll konswetudinarji tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali għall-art, it-territorji u r-riżorsi affettwati mill-ħsad, l-estrazzjoni u l-produzzjoni tal-prodotti għandha tkun koperta wkoll mill-proposta.

Għandha tipprovdi trasparenza u ċertezza rigward:

(a) il-komoditajiet koperti mill-proposta u l-prodotti derivati tagħhom ikkummerċjalizzati fis-suq intern tal-Unjoni,

(b) il-prattiki ta' provvista u l-finanzjament tal-operaturi kollha attivi fis-suq intern tal-Unjoni,

(c) il-prattiki ta' produzzjoni, inkluż l-aspett tal-estrazzjoni tal-ilma, ta' operaturi li jaħsdu, jestrattaw, ifornu u jipproċessaw komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju (FERCs) koperti b'din il-proposta, jew li jipproduċu prodotti derivati mill-FERC fis-suq intern tal-Unjoni, kif ukoll il-prattiki tal-finanzjaturi tagħhom;

Għandha tikkontribwixxi biex jiġu ssodisfati l-impenji ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali meħuda mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bħall-Ftehim ta' Pariġi, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, stabbiliti fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà legalment vinkolanti għad-drittijiet tal-bniedem, u l-protezzjoni tal-foresti naturali u l-ekosistemi naturali kontra l-konverżjoni u d-degradazzjoni tagħhom, kif stabbilit fil-proposta. Il-proposta għandha tkun ibbażata fuq ir-riskju, proporzjonata u infurzabbli.

### *2. Kamp ta' applikazzjoni*

Il-proposta għandha tapplika għall-operaturi kollha, irrispettivament mill-forma legali, id-daqs jew il-kumplessità tal-ktajjen tal-valur tagħhom, jiġifieri kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika (esklużi konsumaturi mhux kummerċjali) li jqiegħdu komoditajiet li huma koperti mill-proposta u l-prodotti derivatitagħhom fis-suq intern tal-Unjoni għall-ewwel darba, jew li jipprovdu finanzjament lill-operaturi li jwettqu dawn l-attivitajiet. Din għandha tapplika kemm għall-operaturi tal-Unjoni kif ukoll għal dawk mhux ibbażati fl-Unjoni. L-operaturi li mhumiex ibbażati fl-Unjoni għandhom jaħtru rappreżentant awtorizzat biex iwettaq il-kompiti (skont ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]).

[1] Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u

L-operaturi kollha għandu jkollhom id-dritt li jpoġġu legalment il-FERCs u l-prodotti derivati mill-FERCs fis-suq tal-Unjoni biss meta, f'konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fit-Taqsima 4 ta' dan l-Anness, ikunu jistgħu juru li fl-attivitajiet tagħhom stess u t-tipi kollha ta' relazzjonijiet kummerċjali li għandhom mas-sħab kummerċjali u l-entitajiet tul il-katina tal-valur kollha tagħhom (jiġifieri kumpaniji tat-trasport, fornituri, negozjanti, konċessjonarji, detenturi ta' liċenzja, impriżi konġunti, investituri, klijenti, kuntratturi, klijenti kummerċjali, konsulenti, konsulenti finanzjarji, legali u oħrajn) bħala massimu, jeżisti livell ta' riskju negliġibbli, jiġifieri l-oġġetti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni:

- joriġinaw minn art miksuba permezz tal-konverżjoni ta' foresti naturali jew ekosistemi naturali oħrajn,

- joriġinaw minn foresti naturali u ekosistemi naturali li qed jgħaddu minn degradazzjoni, u

- jiġu prodotti bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew huma marbuta ma' każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

L-istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu finanzjament, investiment, assigurazzjoni jew servizzi oħra lill-operaturi involuti fil-katina tal-provvista tal-komoditajiet għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jwettqu diliġenza dovuta biex jiżguraw li l-kumpaniji tal-katina tal-provvista qed jirrispettaw l-obbligi stabbiliti f'din il-proposta.

Il-proposta għandha tkopri l-komoditajiet kollha li huma l-aktar spiss assoċjati mad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti naturali u l-konverżjoni u d-degradazzjoni tal-ekosistemi naturali minħabba attività umana. Lista ta' dawn il-komoditajiet għandha titħejja fuq il-bażi ta' evalwazzjoni indipendenti u esperta, li tqis il-prinċipju ta' prekawzjoni, u għandha tiġi pprovduta f'anness għal din il-proposta u tinkludi mill-anqas iż-żejt tal-palm, is-sojja, il-laħam, il-ġilda, il-kawkaw, il-kafè, il-gomma, u l-qamħirrum u l-prodotti intermedji jew finali kollha li huma derivati minn dawn il-komoditajiet, u l-prodotti li fihom dawn il-komoditajiet. F'każ li l-prodotti derivati jkun fihom input minn aktar minn komodità waħda koperta mill-proposta, għandha ssir diliġenza dovuta fir-rigward ta' kull waħda minn dawn il-komoditajiet. Il-komoditajiet koperti mir-Regolament (UE) Nru 995/2010[2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam") għandhom jiġu integrati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni abbażi ta' evalwazzjoni indipendenti u esperta, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni, fi żmien tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-proposta.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'waqthom abbażi ta' evalwazzjoni indipendenti u esperta, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni, biex tirrevedi u temenda l-lista bi kwalunkwe komodità addizzjonali, u l-prodotti derivati tagħha li għandhom jiġu koperti mill-proposta jekk joħorġu provi jew indikazzjonijiet sinifikanti dwar l-impatt detrimentali tal-ħsad, l-estrazzjoni jew il-produzzjoni tagħhom fuq il-foresti naturali, l-ekosistemi naturali jew id-drittijiet tal-bniedem formali u konswetudinarji tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali għall-artijiet, it-territorji u r-riżorsi. Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol viġilanti u proattiv fl-identifikazzjoni ta' riskji emerġenti, u tikkonsulta b'mod attiv lil diversi partijiet

---

(UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23).

ikkonċernati b'esperjenza rilevanti biex iżżomm lista ta' komoditajiet li tirrifletti l-istat ta' għarfien dwar ir-riskji għad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent fis-setturi rilevanti.

Il-proposta għandha daqstant ieħor tapplika għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha awtorizzati li joperaw fl-Unjoni li jipprovdu finanzjament, investiment, assigurazzjoni jew servizzi oħra lill-operaturi li jaħsdu, jestrattaw, jipproduċu, jipproċessaw, jinnegozjaw jew ibigħu komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju u l-prodotti derivati tagħhom biex jiġi żgurat li dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji stess u l-kumpaniji tal-katina tal-provvista tagħhom jirrispettaw ir-responsabbiltajiet fir-rigward tal-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem kif stabbilit fil-proposta.

Il-proposta għandha tapplika għal negozjant, jiġifieri kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, fit-twettiq ta' attività kummerċjali, tbigħ lill-operaturi jew tixtri mingħandhom fis-suq intern tal-Unjoni kwalunkwe komodità koperta mill-proposta jew prodott derivat li diġà tqiegħed fis-suq intern tal-Unjoni. L-operaturi fis-suq intern tal-Unjoni m'għandhomx ikunu jistgħu jinteraġixxu man-negozjanti, sakemm in-negozjanti ma jkunux jistgħu:

- jidentifikaw l-operaturi jew in-negozjanti li fornew il-komoditajiet koperti mir-Regolament u l-prodotti derivatitagħhom; u

- fejn applikabbli, jidentifikaw in-negozjanti li fornewlu l-komoditajiet koperti mill-proposta u l-prodotti derivatitagħhom; u

- jiżguraw it-traċċabbiltà tal-prodotti tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw l-oriġini tagħhom, meta jitqiegħdu fis-Suq Intern tal-Unjoni.

### *3. Obbligi ġenerali*

#### *3.1. Deforestazzjoni u konverżjoni ta' ekosistemi naturali*

Il-komoditajiet koperti mill-proposta u l-prodotti derivati tagħhom li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni m'għandhomx jirriżultaw fid-deforestazzjoni jew il-konverżjoni ta' ekosistemi naturali, jew jidderivaw minnhom.

Għal dak il-għan, l-FERCs imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, f'forma mhux maħduma jew bħala prodotti derivatiminn dawn il-komoditajiet jew li fihom dawn il-komoditajiet, m'għandhomx jinħasdu, jiġu estratti jew prodotti minn art li f'data limitu li tkun fil-passat, iżda mhux aktar tard mill-2015, li tkun ibbażata fuq ix-xjenza, ġustifikabbli, implimentabbli fil-prattika u konformi mal-impenji internazzjonali tal-UE, kellha l-istatus ta' foresta naturali jew ekosistema naturali, skont id-definizzjoni stabbilita fit-Taqsima 3.3 "Definizzjonijiet", iżda minn dak iż-żmien dak l-istatus intilef bħala riżultat tad-deforestazzjoni jew il-konverżjoni.

#### *3.2. Degradazzjoni tal-foresti naturali u l-ekosistemi naturali*

Il-komoditajiet koperti mill-proposta u l-prodotti derivati tagħhom li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni m'għandhomx jirriżultaw fid-degradazzjoni tal-foresti naturali jew l-ekosistemi naturali minħabba attività umana, jew jidderivaw minnhom.

Għal dak il-għan, l-FERCs imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, f'forma mhux maħduma jew bħala

prodotti derivatiminn dawn il-komoditajiet jew li fihom dawn il-komoditajiet, m'għandhomx jinħasdu, jiġu estratti jew prodotti minn art li, f'data limitu definita, kellha l-istatus ta' foresta naturali jew ekosistema naturali skont id-definizzjoni stabbilita fit-Taqsima 3.3. Id-data limitu trid tkun stabbilita fil-passat, iżda mhux aktar tard mill-2015, u trid tkun ibbażata fuq ix-xjenza, ġustifikabbli, implimentabbli fil-prattika u konformi mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni. Għandu jkun biss legalment possibbli li fis-suq tal-Unjoni titqiegħed komodità li tkun inħasdet, ġiet estratta jew prodotta b'konformità mal-objettivi ta' konservazzjoni u li ma wasslitx għat-telf jew id-degradazzjoni tal-funzjonijiet tal-ekosistema fuq jew maġenb l-art li minnha kienet maħsuda, estratta jew prodotta.

### *3.3. Definizzjonijiet*

Il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għandu jkun fiha definizzjonijiet dwar x'jikkostitwixxi "foresta", "foresta naturali" li tippossjedi ħafna jew il-biċċa l-kbira mill-karatteristiċi ta' foresta indiġena għas-sit partikolari, anke fil-preżenza ta' attivitajiet umani, "deforestazzjoni", "degradazzjoni tal-foresti", "ekosistema naturali", "degradazzjoni tal-ekosistemi" u "konverżjoni tal-ekosistemi", kif ukoll "ġestjoni sostenibbli". Dawk id-definizzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi u xjentifiċi u jqisu s-sorsi rilevanti tad-dritt internazzjonali u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll inizjattivi oħra li jipprevedu definizzjonijiet xierqa, bħall-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Inizjattiva Qafas dwar l-Akkontabbiltà jew il-High Carbon Stock Approach.

Id-definizzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:

- għandhom jippermettu l-kisba tal-ogħla livell ta' protezzjoni ambjentali, b'mod partikolari għall-foresti u ekosistemi naturali oħra, u jkunu konsistenti mal-impenn internazzjonali u nazzjonali tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-foresti, il-bijodiversità u l-klima,

- għandhom jappoġġjaw l-għan tal-Unjoni li tippreserva l-foresti u l-ekosistemi naturali, inkluż b'mod partikolari l-foresti primarji u riġenerati, u jipprevjenu s-sostituzzjoni tagħhom b'foresti u ekosistemi derivati minn attivitajiet umani, bħall-pjantaġġuni tas-siġar,

- għandhom ikunu komprensivi biżżejjed biex jagħtu protezzjoni lil ekosistemi naturali oħra li, bħall-foresti, huma importanti għall-preservazzjoni tal-bijodiversità jew biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Pariġi,

- għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li l-adozzjoni ta' miżuri tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-foresti tad-dinja ma twassalx biex il-problema tal-konverżjoni u d-degradazzjoni ssir problema għal ekosistemi naturali oħra li huma importanti daqs il-foresti naturali għall-protezzjoni tal-bijodiversità, tal-klima u tad-drittijiet tal-bniedem.

### *3.4. Ksur tad-drittijiet tal-bniedem*

L-FERCs imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, f'forma mhux maħduma jew bħala prodotti derivati minn dawn il-komoditajiet jew li fihom dawn il-komoditajiet, m'għandhomx jinħasdu, jiġu estratti jew prodotti minn art miksuba jew użata bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem inkorporati fil-liġijiet nazzjonali, u lanqas dawk id-drittijiet espressi, bħala minimu, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jew fi ftehimiet internazzjonali, bħad-drittijiet tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, inklużi d-drittijiet ta' pussess u d-dritt proċedurali li jagħtu jew ma

jagħtux il-kunsens liberu, minn qabel u infurmat tagħhom kif stabbilit pereżempju mill-Forum Permanenti tan-NU dwar Kwistjonijiet Indiġeni u l-korpi tat-trattati tan-NU u reġjonali, id-dritt għall-ilma, id-dritt għall-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli, id-dritt għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, mingħajr kwalunkwe forma ta' persekuzzjoni u fastidju, drittijiet tax-xogħol kif minquxa fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u drittijiet tal-bniedem oħra rikonoxxuti internazzjonalment relatati mal-użu, l-aċċess jew is-sjieda tal-art, kif ukoll id-dritt tal-bniedem għal ambjent san, kif iddefinit fil-Prinċipji Qafas dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ambjent u l-istandards u l-prattiki tajba identifikati mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-tħaddim tat-tfal bil-għan li jiġi eliminat.

Fl-istadji kollha, il-ħsad, l-estrazzjoni jew il-produzzjoni ta' komoditajiet koperti għandhom jirrispettaw id-drittijiet tal-komunitajiet lokali u tal-popli indiġeni u d-drittijiet ta' pussess tal-art f'kull forma, kemm jekk huma pubbliċi, privati, komunali, kollettivi, indiġeni, tan-nisa kif ukoll jekk huma drittijiet konswetudinarji. Id-drittijiet formali u konswetudinarji tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali fir-rigward tal-artijiet, it-territorji u r-riżorsi għandhom jiġu identifikati u rispettati, kif għandha tiġi rispettata l-kapaċità tagħhom li jiddefendu d-drittijiet tagħhom mingħajr ritaljazzjonijiet. Dawk id-drittijiet jinkludu d-drittijiet għall-proprjetà, li jokkupaw, li jużaw u li jamministraw dawn l-artijiet, it-territorji u r-riżorsi.

Il-komoditajiet koperti mill-proposta m'għandhomx jinkisbu minn art li l-akkwist u l-użu tagħha jaffettwaw id-drittijiet tal-komunità u ta' pussess tal-art. B'mod partikolari, il-komoditajiet mqiegħda fis-suq tal-Unjoni m'għandhomx jinħasdu, jiġu estratti jew prodotti mill-artijiet tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, kemm dawk l-artijiet li huma intitolati formalment kif ukoll dawk taħt sjieda konswetudinarja, mingħajr il-kunsens liberu, minn qabel u infurmat tagħhom.

### *4. Dmir li tiġi identifikata, evitata u mitigata l-ħsara fil-ktajjen tal-valur*

### *4.1. Dmir ta' diliġenza dovuta*

L-operaturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirrispettaw u jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tal-foresti naturali u tal-ekosistemi naturali, kif stabbilit fil-proposta, tul il-katina tal-valur kollha tagħhom. Dan għandu jinkludi t-tipi kollha ta' relazzjonijiet kummerċjali tal-impriża mas-sħab kummerċjali u l-entitajiet tul il-katina tal-valur kollha tagħha (bħal fornituri, negozjanti, konċessjonarji, detenturi ta' liċenzja, impriżi konġunti, investituri, klijenti, kuntratturi, klijenti kummerċjali, kumpaniji tat-trasport, konsulenti, konsulenti finanzjarji, legali u oħrajn), u kull entità oħra tal-istat jew mhux tal-istat marbuta direttament mal-operazzjonijiet, il-prodotti jew is-servizzi kummerċjali tagħha.

Meta jagħmlu dan, l-operaturi għandhom jieħdu approċċ ibbażat fuq ir-riskju għad-diliġenza dovuta, fejn in-natura u l-firxa tad-diliġenza dovuta jikkorrispondu għat-tip u l-livell ta' riskju tal-impatti avversi. Żoni ta' riskju ogħla għandhom ikunu soġġetti għat-tisħiħ tad-diliġenza dovuta.

Il-miżuri li ġejjin għandhom jiġu inklużi b'mod adegwat u effettiv:

(a) L-immappjar tal-katina tal-valur kollha

L-operaturi għandhom jiddeterminaw jekk il-komoditajiet u l-prodotti fil-ktajjen tal-valur

kollha tagħhom jikkonformawx mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tad-drittijiet tal-bniedem tal-proposta, billi jaċċessaw u jevalwaw l-informazzjoni dwar iż-żona/żoni preċiża/preċiżi tal-art minn fejn joriġinaw dawn il-prodotti. Minbarra l-kriterji ambjentali, l-aċċess għall-informazzjoni jrid jippermetti lill-operatur jikkonkludi li dawk li jużaw l-art biex jipproduċu l-FERCs ikunu intitolati jagħmlu dan u jkunu kisbu Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat (FPIC) minn dawk li għandhom id-drittijiet fuq dawk iż-żoni tal-art u li ma jkunux qed jiksru, jew kisru, xi dritt tal-bniedem imsemmi f'din il-proposta.

B'mod partikolari, l-operaturi huma obbligati jkollhom, u jagħmlu disponibbli, informazzjoni dwar:

(i) iż-żona preċiża jew iż-żoni preċiżi tal-ħsad, jew l-estrazzjoni jew il-produzzjoni tal-komoditajiet; fir-rigward tal-bhejjem tal-ifrat, iċ-ċanga u l-ġilda, l-operaturi jeħtieġ li jkunu kapaċi jiksbu informazzjoni dwar id-diversi żoni ta' mergħat fejn il-bhejjem tal-ifrat ikunu ngħataw l-għalf jew, fejn il-bhejjem tal-ifrat jiġu mrobbija permezz tal-għalf, dwar l-oriġini tal-għalf użat;

(ii) l-istatus ekoloġiku attwali taż-żona tal-ħsad, l-estrazzjoni jew il-produzzjoni;

(iii) l-istatus ekoloġiku taż-żona fid-data limitu indikata ta' din il-proposta.

(iv) l-istatus legali tal-art (sjieda/titolu inklużi kemm id-drittijiet formali kif ukoll dawk konswetudinarji tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali għall-artijiet, it-territorji u r-riżorsi) u evidenza ta' Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat (FPIC).

(v) l-elementi tal-katina tal-provvista tal-komodità inkwistjoni, bil-għan li tinkiseb informazzjoni dwar il-probabbiltà ta' riskji ta' kontaminazzjoni bi prodotti ta' oriġini mhux magħrufa jew li joriġinaw minn żoni deforestati, jew minn żoni li fihom ikunu seħħew konverżjoni u degradazzjoni ta' foresti naturali, foresti u ekosistemi, u informazzjoni dwar fejn, minn min u taħt liema kundizzjonijiet il-komoditajiet ġew maħsuda, ittrasformati jew ipproċessati bil-ħsieb li tiġi ddeterminata l-konformità mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem ta' din il-proposta.

L-operaturi għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha relatata mal-oriġini tal-prodotti li jidħlu fis-suq intern tal-Unjoni permezz tad-dikjarazzjoni sistematika tal-koordinati tal-GPS għal dawn il-komoditajiet, wara li tidħol fis-seħħ il-proposta kif stabbilit fit-Taqsima 4.1(a) ta' dan l-Anness.

(b) L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji reali u potenzjali għall-foresti u l-ekosistemi fil-ktajjen tal-valur, abbażi tal-kriterji stipulati fil-proposta

Meta operatur jistabbilixxi operazzjonijiet ġodda jew jinvolvi lil sħab kummerċjali ġodda, dan għandu jidentifika l-atturi involuti fil-ktajjen ġodda tal-provvista u tal-investimenti, u jivvaluta l-politiki u l-prattiki tagħhom, kif ukoll is-siti tal-ħsad, tal-produzzjoni, tal-estrazzjoni u tal-ipproċessar tagħhom. Għall-operazzjonijiet eżistenti, l-impatti u l-ħsarat avversi kontinwi kif ukoll ir-riskji potenzjali għandhom jiġu identifikati u vvalutati. Għandha ssir analiżi tar-riskju fir-rigward tar-riskji li jseħħu mill-attivitajiet tal-operatur għall-foresti naturali u l-ekosistemi naturali, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u l-individwi affettwati jew l-impatt fuqhom, aktar milli r-riskju materjali għall-azzjonisti korporattivi. Meta l-operaturi jkollhom numru kbir ta' fornituri, dawn għandhom jidentifikaw l-oqsma ġenerali fejn ir-riskju ta' impatti avversi

huwa l-aktar sinifikanti u, abbażi ta' din il-valutazzjoni tar-riskju, jagħtu prijorità lill-fornituri għad-diliġenza dovuta.

(c) Il-prevenzjoni tar-riskji u l-mitigazzjoni tar-riskji għal livell negliġibbli

Ħlief meta r-riskju identifikat matul il-proċeduri ta' identifikazzjoni u valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-punt (b) ikun negliġibbli, u għalhekk l-operatur ma jkollu l-ebda raġuni residwa li jkun imħasseb li l-komoditajiet u l-prodotti jistgħu ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti f'dan il-qafas, l-operaturi għandhom jadottaw proċeduri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Dawk il-proċeduri għandhom jikkonsistu f'sett ta' miżuri adegwati u proporzjonati li jnaqqsu b'mod effettiv u biċ-ċar għal livell negliġibbli r-riskji kollha identifikati, pereżempju l-emendar tal-kuntratti mal-fornituri, l-għoti ta' appoġġ lill-fornituri biex ibiddlu l-prattiki tagħhom, il-bidla tal-prattiki tax-xiri u tal-investiment tagħhom, għall-fini u fid-dawl tat-tqegħid legali tal-komoditajiet u l-prodotti koperti fis-suq intern.

(d) Il-waqfien tal-abbużi ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem

Fejn, wara li jiġu segwiti bir-reqqa r-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c), l-operaturi jaslu għall-konklużjoni li l-operazzjonijiet, jew parti mill-operazzjonijiet, jikkontribwixxu, jew potenzjalment jikkawżaw jew jikkontribwixxu, għal impatti avversi fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-foresti naturali jew l-ekosistemi naturali, kif stabbilit fil-proposta, li ma jistgħux jiġu evitati jew mitigati, dawn għandhom iwaqqfu dawn l-operazzjonijiet kollha, jew partijiet mill-operazzjonijiet.

(e) Is-sorveljanza u t-titjib kontinwu tal-effettività tas-sistema tad-diliġenza dovuta tagħhom u l-implimentazzjoni tagħha

L-operaturi għandhom perjodikament jivverifikaw jekk is-sistema tad-diliġenza dovuta tagħhom hijiex xierqa biex tipprevjeni l-ħsara u tiżgura l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti mal-qafas u jekk le, jaġġustawha jew jiżviluppaw azzjonijiet oħrajn. L-evalwazzjoni tas-sistema tad-diliġenza dovuta għandha tkun ibbażata fuq indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi, feedback intern u estern u proċessi ċari ta' obbligu ta' rendikont.

(f) L-integrazzjoni ta' skemi ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi

Skemi ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi jistgħu jikkomplementaw u jiżguraw l-identifikazzjoni tal-oriġini tal-prodotti, il-valutazzjoni tar-riskju u l-komponenti ta' mitigazzjoni tas-sistemi ta' diliġenza dovuta, dment li dawn l-iskemi jkunu adegwati f'termini ta' ambitu u saħħa tal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-protezzjoni tal-foresti naturali u l-ekosistemi naturali kontra l-konverżjoni u d-degradazzjoni tagħhom, kif stabbilit fil-proposta u f'termini tal-kapaċità tagħhom li jissorveljaw il-katina tal-provvista, u dment li jilħqu livelli adegwati ta' trasparenza, imparzjalità u affidabbiltà. Permezz ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kriterji minimi u gwida għall-operaturi biex jivvalutaw il-kredibbiltà u s-solidità tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi. Dawk il-kriterji minimi għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw l-indipendenza mill-industrija, l-inklużjoni ta' interessi soċjali u ambjentali fl-iffissar tal-istandards, l-awditjar indipendenti ta' partijiet terzi, id-divulgazzjoni pubblika tar-rapporti ta' awditjar, it-trasparenza fl-istadji kollha, u l-ftuħ. L-iskemi ta' ċertifikazzjoin għandhom jagħtu ċertifikazzjoni biss lill-prodotti b'kontenut li jkun ġie ċċertifikat mija

fil-mija. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni li jissodisfaw dawk il-kriterji biss jistgħu jintużaw mill-operaturi għas-sistemi ta' diliġenza dovuta tagħhom. Iċ-ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi ma għandhiex iddgħajjef il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-operatur.

(g) Ir-Rwol tal-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja

L-Unjoni tista' tinnegozja Ftehimiet ta' Sħubija FERC Volontarja ma' pajjiżi li jipproduċu l-FERC (pajjiżi sħab), li joħolqu obbligu legalment vinkolanti fuq il-partijiet biex jimplimentaw skema ta' liċenzjar u biex jirregolaw il-kummerċ fl-FERCs skont il-liġi nazzjonali tal-pajjiż li jipproduċi l-FERC u l-kriterji ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem stabbiliti fil-proposta. L-FERCs taħt l-ambitu tal-proposta, li joriġinaw f'pajjiżi sħab bi Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja għandhom jitqiesu li huma ta' riskju negliġibbli sa fejn ikun implimentat il-ftehim ta' sħubija għall-iskop tal-proposta. Ftehimiet bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq djalogi nazzjonali bejn diversi partijiet ikkonċernati b'parteċipazzjoni effettiva u sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali.

### *4.2. Dmir ta' konsultazzjoni*

L-operaturi għandhom:

(a) jikkonsultaw b'mod adegwat, f'waqtu u direttament mal-partijiet ikkonċernati milquta u potenzjalment milquta;

(b) iqisu kif xieraq il-perspettivi tal-partijiet ikkonċernati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' diliġenza dovuta;

(c) jiżguraw li t-trade unions rappreżentattivi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu involuti fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' diliġenza dovuta;

(d) jistabbilixxu mekkaniżmu ta' twissija bikrija li jagħti opportunità lill-ħaddiema u lill-partijiet ikkonċernati bi tħassib sostanzjat biex jinfurmaw lill-operatur dwar kwalunkwe riskju ta' ħsara lill-foresti naturali, lill-ekosistemi naturali u lid-drittijiet tal-bniedem tul il-katina tal-valur kollha. l-operatur għandu jqis din l-informazzjoni fil-proċessi ta' diliġenza dovuta tiegħu.

(e) iqisu kif xieraq l-għarfien tal-indiġeni u lokali u r-riskji u t-tħassib espress mill-komunitajiet lokali, il-popli indiġeni, id-difensuri tal-art u tal-ambjent.

### *4.3. Dmir ta' trasparenza u ta' rapportar*

L-operaturi għandhom jirrappurtaw darba fis-sena dwar id-diliġenza dovuta u l-proċessi ta' konsultazzjoni tagħhom, ir-riskji identifikati, il-proċeduri tagħhom għall-analiżi tar-riskju, il-mitigazzjoni tar-riskji u r-rimedjar, u l-implimentazzjoni u l-eżiti tagħhom lill-awtorità kompetenti u b'mod pubbliku, aċċessibbli u xieraq, li ma jkunx ta' piż sproporzjonat b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati biex tistabbilixxi l-format u l-elementi tar-rapporti. B'mod partikolari, l-operaturi għandhom, fost l-oħrajn, jirrappurtaw dwar is-sistema li jużaw u kif japplikawha għall-komoditajiet inkwistjoni, ir-riskji u l-impatti identifikati; l-azzjonijiet meħuda biex jitwaqqfu u jiġu rrimedjati l-abbużi eżistenti u

biex jiġi evitat u mmitigat ir-riskju ta' abbuż, kif ukoll l-eżiti tagħhom; il-miżuri u r-riżultati tas-superviżjoni tal-implimentazzjoni u l-effettività ta' tali azzjonijiet, it-twissijiet irċevuti permezz tal-mekkaniżmu ta' twissija bikrija u kif l-operatur qieshom fil-proċessi ta' diliġenza dovuta tiegħu, kif ukoll lista tas-sussidjarji, is-subkuntratturi u l-fornituri kollha, il-prodotti u l-kwantità u l-oriġini tagħhom. In-nuqqas tal-pubblikazzjoni ta' rapporti kompluti u f'waqthom għandu jiġi penalizzat u fl-aħħar iwassal għas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid ta' prodotti fis-suq intern tal-Unjoni.

### *4.4. Dmir ta' dokumentazzjoni*

L-operaturi għandhom iżommu dokumentazzjoni bil-miktub tal-azzjonijiet kollha ta' diliġenza dovuta u r-riżultati tagħhom, u jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba.

### *4.5. Linji gwida tal-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida u gwida biex tiffaċilita l-konformità mal-obbligi legali li jinsabu fil-proposta, b'mod partikolari biex tiċċara l-aspettattivi tad-diliġenza dovuta għal kuntesti u setturi speċifiċi, jew fir-rigward ta' ċerti tipi ta' operaturi. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tibni fuq il-prattiki tajba preżenti fis-sistemi eżistenti ta' ġestjoni ambjentali u testendihom.

Biex tappoġġja lill-operaturi ekonomiċi fit-twettiq tal-obbligi ta' diliġenza dovuta tagħhom, il-Kummissjoni għandha tippubblika analiżijiet tal-punti kritiċi reġjonali fir-rigward tal-FERCs.

## *5. Kontroll, superviżjoni, infurzar, sanzjonijiet u aċċess għall-ġustizzja*

### *5.1. Infurzar pubbliku*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-infurzar tad-dmirijiet imsemmija fit-Taqsima 4 skont il-liġi u l-prattika nazzjonali tagħhom billi:

(a) jipprovdu penali u sanzjonijiet proporzjonati, effettivi u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe wieħed mill-obbligi msemmija fih u meta n-nuqqas ta' konformità ma' xi wieħed minn dawn l-obbligi jikkawża, jikkontribwixxi għal, ikun marbut ma', jew jaggrava, il-ħsara lill-foresti naturali jew lill-ekosistemi naturali jew l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-riskji tagħhom. dawn għandhom jinkludu:

i. penali monetarji proporzjonati għall-ħsara lill-foresti naturali, lill-ekosistemi naturali jew lid-drittijiet tal-bniedem, kif stabbilit fil-proposta, l-ispiża tar-restawr tal-foresti naturali u tal-ekosistemi naturali u tad-drittijiet tal-bniedem u l-preġudizzju ekonomiku li jirriżultaw mill-ksur fil-konfront tal-komunitajiet affettwati;

ii. qbid permanenti tal-komoditajiet koperti u l-prodotti derivati kkonċernati;

iii. is-sospensjoni immedjata tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti fis-suq intern tal-Unjoni;

iv. esklużjoni minn proċessi tal-akkwisti pubbliċi;

v. penali kriminali għal individwi u, fejn permess, għal entitajiet legali fil-każ tal-aktar reati serji.

(b) jinnominaw awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' investigazzjoni u ta' infurzar ("awtoritajiet kompetenti"); l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw li l-operaturi jissodisfaw effettivament l-obbligi stabbiliti f'din il-proposta. għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali, skont pjan kif ikun xieraq, li jistgħu jinkludu kontrolli fis-sit tal-operaturi u kontrolli fuq il-post, u għandhom ikunu jistgħu jadottaw ordnijiet proviżorji u, flimkien mal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet u mingħajr preġudizzju għaliha, għandu jkollhom il-poter li jirrikjedu lill-operaturi ekonomiċi biex jieħdu azzjonijiet ta' rimedju. l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu wkoll kontrolli f'waqthom u bir-reqqa meta jkunu fil-pussess ta' informazzjoni rilevanti, inkluż tħassib sostanzjat minn partijiet terzi u għandhom jittrattaw l-informazzjoni relatata mal-attività tagħhom f'konformità mad-Direttiva 2003/4 dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali;

(c) jiżguraw li l-membri tal-pubbliku jkollhom id-dritt li jikkontestaw in-nuqqas ta' konformità quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi, li għandhom jinkludi kwalunkwe individwu jew grupp li d-drittijiet u l-obbligi jew l-interessi tagħhom ikunu affettwati, direttament jew indirettament, min-nuqqas totali jew parzjali tal-impriża li twettaq id-dmirijiet tagħha, inklużi impjegati, klijenti, konsumaturi u utenti finali, trade unions, federazzjonijiet transnazzjonali tat-trade unions, komunitajiet lokali, gvernijiet jew istituzzjonijiet nazzjonali jew lokali, ġurnalisti, NGOs u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati biex tistabbilixxi standards u linji gwida legalment vinkolanti applikabbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jiżguraw implimentazzjoni u infurzar effettivi u uniformi tal-proposta madwar l-Unjoni kollha, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- l-elenkar u l-iżvelar għall-pubbliku ta' operaturi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta f'reġistru pubbliku;

- l-istabbiliment ta' standards għall-kwalità u l-kwantità tal-kontrolli tal-konformità mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;

- gwida ulterjuri dwar kif għandhom jitwettqu l-kontrolli tal-konformità, bħal pereżempju gwida għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li tispeċifika l-kriterji għall-kontrolli biex jiġi analizzat u evalwat aħjar il-livell ta' riskju tal-prodotti, kif ukoll dokumentazzjoni suffiċjenti tas-sistemi ta' diliġenza dovuta li jkunu qed jintużaw;

- gwida dwar it-tħassib minn partijiet terzi biex jiġu stabbiliti kriterji madwar l-Unjoni kollha biex jiġi vvalutat jekk tħassib ikunx sostanzjali u affidabbli biżżejjed biex jiġi pproċessat, u jiġu żviluppati standards proċedurali ċari għar-reazzjonijiet fil-ħin, imparzjali, effettivi u trasparenti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għat-tħassib minn partijiet terzi;

- kriterji fil-livell tal-Unjoni biex jgħinu jispeċifikaw meta operatur għandu jingħata avviż dwar azzjoni ta' rimedju, penali jew meta għandhom japplikaw penali oħrajn; u wkoll

– obbligi fuq l-awtoritajiet kompetenti biex jirrappurtaw pubblikament dwar attivitajiet ta' kontroll u infurzar, każijiet ta' ksur identifikati u reazzjonijiet għal tħassib sostanzjali.

### *5.2. Responsabbiltà ċivili u aċċess għal rimedji*

(a) Responsabbiltà ċivili

L-operaturi għandhom ikunu:

i) in solidum responsabbli għall-ħsara li tirriżulta mill-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem jew ħsara lill-foresti naturali u l-ekosistemi naturali, kif stipulat fil-proposta, ikkawżata, aggravata, li kkontribew għaliha jew li huma marbuta magħha entitajiet ikkontrollati jew ekonomikament dipendenti;

ii) responsabbli għal ħsara li tirriżulta mill-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem jew ħsara lill-foresti naturali u l-ekosistemi naturali, kif stipulat fil-proposta, marbuta direttament mal-prodotti, is-servizzi jew l-operazzjonijiet tagħhom permezz ta' relazzjoni kummerċjali, sakemm ma jistgħux jippruvaw li aġixxew bl-attenzjoni meħtieġa u li fid-dawl taċ-ċirkostanzi ħadu l-miżuri raġonevoli kollha li setgħu jipprevjenu l-ħsara. l-operaturi jistgħu għalhekk jeżoneraw ruħhom mir-responsabbiltà tagħhom jekk ikunu jistgħu jippruvaw li aġixxew bl-attenzjoni meħtieġa kollha possibbli biex jidentifikaw u jevitaw il-ħsara.

(b) Divulgazzjoni tal-evidenza

Meta rikorrent ikun ippreżenta fatti raġonevolment disponibbli u evidenza suffiċjenti biex jappoġġja l-azzjoni tiegħu, il-konvenut għandu jerfa' l-oneru tal-prova:

i) tan-natura tar-relazzjoni tiegħu mal-entitajiet involuti fid-dannu;

ii) jekk aġixxiex bl-attenzjoni meħtieġa u jekk ħax il-miżuri raġonevoli biex jiġi evitat li jseħħ id-dannu.

(c) Aċċess għar-rimedji

Il-partijiet li jkunu sofrew dannu għandu jkollhom id-dritt għal rimedji ġudizzjarji aċċessibbli u effettivi biex ifittxu rimedju kontra l-operaturi li jikkawżaw, jaggravaw, jew huma marbuta jew jikkontribwixxu għal impatt avvers fuq id-drittijiet tagħhom. Mekkaniżmi tal-ilmenti mhux tal-Istat għandhom jikkomplementaw il-mekkaniżmi ta' rimedju ġudizzjarju għat-titjib tal-obbligu ta' rendikont u l-aċċess għal rimedju.

## *6. Dispożizzjonijiet finali*

### *6.1. Nonrigressjoni*

L-implimentazzjoni tal-proposta ma għandha bl-ebda mod tikkostitwixxi bażi għall-ġustifikazzjoni ta' tnaqqis fil-livell ġenerali tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kemm id-drittijiet formali kif ukoll id-drittijiet konswetudinarji tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali għal artijiet, territorji u riżorsi jew l-ambjent. B'mod partikolari, ma għandhiex taffettwa oqfsa ta' responsabbiltà oħrajn eżistenti ta' subkuntrattar jew tal-katina tal-provvista.

### *6.2. Dispożizzjonijiet aktar favorevoli*

L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-proposta fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards ambjentali tul il-katina tal-provvista tal-FERCs.

## NOTA SPJEGATTIVA

**Sfond u kuntest**

Total ta' 13-il miljun ettaru jiġu deforestati kull sena[1] u kważi d-deforestazzjoni kollha qed isseħħ fil-foresti tropikali (96 %). Il-kawża ewlenija (80 %) tad-deforestazzjoni hija l-espansjoni tal-art agrikola[2]. Tliet komoditajiet: is-sojja, iċ-ċanga u ż-żejt tal-palm huma responsabbli għal kważi 80 % tad-deforestazzjoni globali[3]. Komoditajiet oħrajn, bħall-kawkaw, jew il-kafè, għandhom impronta globali relattivament żgħira fuq il-foresti. Madankollu, billi l-produzzjoni tagħhom hija kkonċentrata ħafna fi ftit pajjiżi, l-impronta tagħhom u l-impatti negattivi huma għoljin ħafna f'dawk iż-żoni.[4] L-Unjoni timporta u tikkonsma bejn 7 u 10 % tal-konsum globali tal-għelejjel u l-prodotti tal-bhejjem assoċjati mad-deforestazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini.[5] L-Unjoni hija wkoll fost l-importaturi globali ewlenin ta' numru ta' "komoditajiet li jpoġġu lill-foresti f'riskju", jiġifieri ż-żejt tal-palm (17 %), is-sojja (15 %), il-gomma (25 %), iċ-ċanga (41 %), il-qamħirrum (30 %), il-kawkaw (80 %), u l-kafè (60 %).[6]

Biex insemmu l-impatti tat-tibdil fil-klima, id-deforestazzjoni globali hija responsabbli għal madwar 12 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) globali[7]. Id-deforestazzjoni tfisser ukoll telf tal-bijodiversità, li ma tistax tiġi rikostruwita bit-tħawwil ta' foresta ġdida. Fir-rigward tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tad-deforestazzjoni, irid jiġi nnutat li 1.6 biljun persuna jiddependu mir-riżorsi tal-foresti[8]. F'pajjiżi fejn l-istat tad-dritt huwa dgħajjef, id-drittijiet tal-pussess tal-art spiss ma jiġux rispettati u l-popolazzjoni indiġena titlef l-aċċess għar-riżorsi ta' foresta, li huma fundamentali għall-ekonomija lokali.

Permezz tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, il-Ftehim ta' Pariġi u s-Seba' Pjan ta' Azzjoni Ambjentali, l-Unjoni impenjat ruħha fuq livelli differenti biex tipproteġi kemm il-foresti Ewropej kif ukoll dawk globali u biex tikkontribwixxi għall-użu sostenibbli tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u l-forestrija.

L-Unjoni diġà introduċiet xi miżuri regolatorji biex tindirizza l-problema tad-deforestazzjoni importata. Dawn jikkonċernaw, fost l-oħrajn, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) tal-2003, ir-Regolament tal-Kunsill tal-

[1] Sit web tal-Kummissjoni Ewropea, EU Science Hub, Forestry (Ċentru tax-Xjenza tal-UE, il-Forestrija).
[2] FAO 2016.
[3] Idem.
[4] https://resourcetrade.earth/stories/cocoa-trade-climate-change-and-deforestation#section-183
Sit web tal-Kummissjoni Ewropea, Environment, Studies on EU action to combat deforestation and palm oil (L-ambjent, Studji dwar azzjoni tal-UE fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u ż-żejt tal-palm).
[6] Idem.
[7] Smith, P. et al. (2014): Agriculture, Forestry and Other Land Use (AFOLU) (Agrikoltura, Forestrija u Użi Oħrajn tal-Art (AFOLU)). Fi: Climate Change 2014: Mitigation of Climate Change. Contribution of Working Group III to the Fifth Assessment Report of the Intergovernmental Panel on Climate Change [Edenhofer, O. et al. (eds.)]. (Tibdil fil-Klima 2014: Il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima. Kontribut tal-Grupp ta' Ħidma III għall-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima). Cambridge University Press, Cambridge, ir-Renju Unit u New York, NY, l-Istati Uniti.
[8] FAO

2005 (KE) Nru 2173/2005[9], ir-Regolament (UE) Nru 995/2010[10] ("ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam"), id-Direttiva (UE) 2018/2001[11], flimkien mad-Direttiva (UE) 2015/1513[12] u d-Direttiva (UE) 2015/1513.Madankollu, evalwazzjonijiet differenti vvalutaw l-effiċjenza u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u kkonkludew li mhumiex biżżejjed biex iwaqqfu u jreġġgħu lura d-deforestazzjoni globali[13] [14].

Madankollu, m'hemm l-ebda qafas legali koerenti fl-UE li jindirizza direttament "komoditajiet li jpoġġu lill-foresti f'riskju" tal-prodotti tal-ikel jew l-għalf li għandhom impatt fuq id-deforestazzjoni globali. L-Unjoni ma laħqitx l-għan tas-Seba' EAP li tnaqqas id-deforestazzjoni tropikali grossa sal-2020. F'dan l-isfond, meta jitqiesu r-riżultati riċenti tal-istudji u l-konsultazzjonijiet imnedija mill-Kummissjoni, u fid-dawl tas-sejbiet akkademiċi dwar il-kwistjoni, huwa meħtieġ intervent regolatorju tal-Unjoni.

Fit-23 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni tal-UE dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja[15]. Il-Kummissjoni l-ġdida kkonfermat b'mod ċar li qed tippjana li tieħu azzjoni leġiżlattiva fil-livell tal-Unjoni kontra d-deforestazzjoni globali. Dan ġie kkonfermat fis-seduti ta' smigħ fil-Parlament Ewropew tal-Kummissarji nnominati[16].

Il-Parlament Ewropew ilu jistieden b'mod regolari lill-Kummissjoni biex iżżid l-azzjoni tal-Unjoni kontra d-deforestazzjoni globali[17] [18]. B'mod aktar speċifiku, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar is-COP15 għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tipproponi leġiżlazzjoni bbażata fuq id-diliġenza dovuta għal prodotti mhux assoċjati mad-deforestazzjoni fis-suq tal-UE[19].

Ir-rapporteur qed tirrakkomanda li l-Kummissjoni tippreżenta, għall-ewwel darba, proposta leġiżlattiva għal diliġenza dovuta obbligatorja għall-komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju fis-suq tal-Unjoni.

---

[9] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (*ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).*

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*(ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23).*

[11] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (*ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).*

[12] Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (*ĠU L 239, 15.9.2015, p. 1).*

[13] Il-Kummissjoni Ewropea, Feasibility study on options to step up EU actions against deforestation, (Studju ta' fattibbiltà dwar għażliet biex jittejbu l-azzjonijiet tal-UE kontra d-deforestazzjoni), COWI A/S, 2018, Parti I.

[14] Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-UE dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja, COM/2019/352 final.

[15] Idem.

[16] Il-Parlament Ewropew, Dipartimenti Tematiċi Unità tas-Sostenn għall-Governanza Ekonomika L-impenji li saru fis-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji nnominati Kummissjoni von der Leyen, 2019 - 2024, PE 629.837 – Novembru 2019.

[17] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2018 dwar il-ġestjoni trasparenti u responsabbli tar-riżorsi naturali fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw: il-każ tal-foresti (2018/2003(INI)).

[18] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2017 dwar iż-żejt tal-palm u d-deforestazzjoni tal-foresti pluvjali (2016/2222(INI)).

[19] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2020 dwar il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (2019/2824(INI))

Ir-rapporteur temmen li r-Regolament tal-UE dwar l-Injam jista' jkun mudell tajjeb biex tibni fuqu, filwaqt li jittejbu xi wħud mill-aspetti tiegħu. Dak it-titjib għandu jikkonċerna rekwiżiti għal komoditajiet li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni u li jmorru lil hinn mil-legalità tal-akkwist tal-komoditajiet fil-pajjiż ta' oriġini biex jiġu inklużi kriterji ta' sostenibbiltà u protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu tagħlimiet mill-implimentazzjoni u l-infurzar difettużi tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam. Ir-rapporteur għalhekk tipproponi l-inklużjoni ta' mekkaniżmu ta' implimentazzjoni u infurzar imtejjeb fil-proposta leġiżlattiva għal regolament futur dwar il-komoditajiet li jpoġġu lill-foresti f'riskju.

Ir-rapporteur temmen li jinħtieġu obbligi ta' diliġenza dovuta għall-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti derivati li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju , peress li l-isforzi u l-impenji volontarji mill-atturi ekonomiċi li għandhom l-għan li jrażżnu l-impatt fuq id-deforestazzjoni tal-komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju u li jdaħħlu fis-seħħ miżuri volontarji dwar il-katina tal-provvista, s'issa kienu pjuttost limitati u b'mod ġenerali mhux sodisfaċenti[20]. Studji indikaw ħtieġa urġenti biex jissaħħaħ l-intervent pubbliku[21].

Il-kumpaniji u l-assoċjazzjoni ta' impriżi kkondividew din il-fehma f'bosta laqgħat mar-rapporteur. Huma esprimew il-preferenza tagħhom għal Regolament ta' diliġenza dovuta tal-Unjoni għall-komoditajiet li jpoġġu lill-foresti f'riskju għal raġunijiet kummerċjali wkoll.

Dawn is-sejħiet huma mtennija minn studju kkummissjonat mid-DĠ JUST tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta permezz tal-katina tal-provvista[22], skont liema studju l-maġġoranza tan-negozji u partijiet ikkonċernati oħrajn (68 %) wieġbu li r-reġimi attwali ta' miżuri volontarji naqsu milli jibdlu b'mod sinifikanti l-mod kif il-kumpaniji jimmaniġġjaw l-impatti soċjali, ambjentali u ta' governanza tagħhom, jew li jipprovdu rimedji lill-vittmi.

L-istudju jipprevedi li d-diliġenza dovuta obbligatorja tippermetti "benefiċċji preventivi sinifikanti", "opportunitajiet għall-protezzjoni" kif ukoll "aċċess imtejjeb għall-ġustizzja f'każ ta' impatti ambjentali avversi" għal dawk id-detenturi tad-drittijiet[23] li mhumiex koperti mir-rekwiżiti ta' rapportar.

Skont l-istudju, id-diliġenza dovuta obbligatorja jkollha l-aktar impatti pożittivi fuq is-soċjetà, id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, filwaqt li l-linji gwida volontarji u r-rekwiżiti ta' rapportar huma kkunsidrati li x'aktarx ma jipproduċux impatt pożittiv sinifikanti fuq il-bnedmin jew il-pjaneta.

---

[20] https://climatefocus.com/sites/default/files/20171106%20ISU%20Background%20Paper.pdf

[21] Lambin, E.F., et al. (2018): The role of supply-chain initiatives in reducing deforestation. Nature Climate Change 8, 109-116 (Ir-rwol tal-inizjattivi tal-katina tal-provvista fit-tnaqqis tad-deforestazzjoni. It-Tibdil fil-Klima tan-Natura 8, 109-116).

[22] British Institute of International and Comparative Law et al. (2020): Study on due diligence requirements through the supply chain. Final report. (Studju dwar ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta permezz tal-katina tal-provvista. Rapport finali).

[23] Skont id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-detenturi tad-drittijiet huma l-bnedmin kollha jew gruppi soċjali b'intitolamenti speċifiċi lejn dawk li huma responsabbli (Stati u atturi privatioħrajn) li għandhom ir-responsabbiltà li jipproteġu u/jew jirrispettaw id-drittijiet tagħhom u li jistgħu jinżammu responsabbli jekk jiksruhom (https://www.ohchr.org/Documents/Publications/FAQen.pdf).

**Objettiv**

Għalhekk, abbażi ta' dawk ir-raġunijiet, ir-rapporteur bil-proposta għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-foresti naturali u l-ekosistemi naturali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li huma potenzjalment affettwati mill-ħsad, l-estrazzjoni u l-produzzjoni ta' komoditajiet li ħafna drabi jkunu relatati mad-deforestazzjoni, il-qerda tal-ekosistemi, id-degradazzjoni tal-foresti u tal-ekosistemi u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

Ir-rapporteur temmen li jeħtieġ li jiġu koperti wkoll l-ekosistemi naturali bil-proposta, peress li nkella l-pressjoni tista' tgħaddi fuq dawn iż-żoni biex jinbidlu f'art agrikola, b'effetti ugwalment devastanti għall-klima u l-bijodiversità. B'żieda ma' dan, id-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu koperti mill-proposta, peress li l-każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem huma kawża u konsegwenza tal-qerda tal-foresti u tal-ekosistemi. L-iżgurar tad-drittijiet tal-pussess tal-art tal-popli dipendenti mill-foresti huwa ta' benefiċċju dirett għall-foresti u l-ekosistemi.

**Kamp ta' applikazzjoni**

Ir-rapporteur hija tal-fehma li l-proposta għandha tkopri l-operaturi ekonomiċi ta' kull daqs, peress li nkella l-ħolqien ta' lakuni regolatorji jista' jipperikola l-objettivi tar-Regolament. L-istess raġunament japplika għall-kopertura tal-ktajjen tal-valur kompluti tal-operaturi ekonomiċi. L-applikazzjoni tar-regolament għall-operaturi ekonomiċi kollha tkun konformi mal-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, li jenfasizzaw li n-negozji kollha jġorru r-responsabbiltà li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem. Ir-rapporteur trid tissottolinja li din ir-responsabbiltà hija ugwalment applikabbli fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent.

Barra minn hekk, ir-regolament għandu jkopri l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha. Studju riċenti ta' Global Witness juri li, bejn l-2013 u l-2019, l-istituzzjonijiet finanzjarji bbażati fl-Unjoni kienu wieħed mis-sorsi ewlenin ta' fondi u appoġġjaw sitt kumpaniji tan-negozju agrikolu marbuta mal-qerda tal-foresti fil-foresti kritiċi għall-klima tal-Amażonja, il-Baċin tal-Kongo u Papua New Guinea għall-valur ta' EUR 7 biljun[24].

Ir-rapporteur taqbel mas-sejbiet tal-istudju kkummissjonat mid-DĠ JUST li firxa wiesgħa ta' negozji għandha tkun inkluża f'qafas ta' diliġenza dovuta madwar l-Unjoni kollha, inklużi l-SMEs u l-istituzzjonijiet finanzjarji.[25]

Jidher loġiku wkoll li l-obbligi ta' traċċabilità għall-komoditajiet u l-prodotti koperti mill-proposta għandhom japplikaw ukoll għan-negozjanti. It-traċċabilità tippermetti fi kwalunkwe ħin, l-identifikazzjoni tal-operatur(i) ekonomiku/ekonomiċi rilevanti li jqiegħed/jqiegħdu l-oġġetti koperti mir-regolament fis-suq u għalhekk responsabbli biex iwettaq/iwettqu d-diliġenza dovuta.

[24] Global Witness (2020): Why EU action to tackle deforestation should not let finance off the hook (Għalfejn l-azzjoni tal-UE biex tindirizza d-deforestazzjoni ma għandhiex tħalli s-servizzi finanzjarji liberi).
[25] British Institute of International and Comparative Law et al. (2020): Study on due diligence requirements through the supply chain. Final report. (Studju dwar ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta permezz tal-katina tal-provvista. Rapport finali).

Fil-komunikazzjoni tagħha "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" tal-2019, il-Kummissjoni kkonkludiet li meta tiġi analizzata d-deforestazzjoni inkorporata fil-konsum finali totali, il-konsum tal-Unjoni jirrappreżenta madwar 10 % tas-sehem globali. Dan huwa dovut l-aktar għall-importazzjonijiet tal-Unjoni ta' prodotti bħaż-żejt tal-palm, il-laħam, is-sojja, il-kawkaw, il-qamħirrum, l-injam u l-gomma, inkluż fil-forma ta' prodotti pproċessati jew servizzi. Għalhekk, dawn il-komoditajiet għandhom ikunu koperti minn dan ir-Regolament. Il-miżuri proposti għandhom japplikaw ukoll għal kwalunkwe prodott li jkun fih komoditajiet mhux maħduma jew ipproċessati, jew bħala input uniku jew flimkien ma' inputs oħrajn, biex jiġi evitat l-effett li jkun hemm inċentivi għad-domanda għal tali prodotti u r-riskju li jiġi evitat l-obbligu ta' diliġenza dovuta. Ir-rapporteur tinnota li l-għarfien xjentifiku dwar l-impatt eżatt tal-importazzjoni ta' ċerti komoditajiet fuq is-sitwazzjoni tal-foresti, l-ekosistemi u d-drittijiet tal-bniedem għadu qed jevolvi. Ir-rapporteur għalhekk tissuġġerixxi li jistgħu jiżdiedu komoditajiet ulterjuri mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament permezz ta' att delegat.

**Obbligi ġenerali**

Ir-rapporteur tipproponi li l-komoditajiet koperti mill-proposta ma għandhomx ikunu ġejjin minn żoni li jistgħu jiġu kklassifikati bħala foresti naturali jew ekosistemi naturali qabel l-1 ta' Jannar 2008 iżda li jkunu tilfu dak l-istatus wara din id-data jew li jkunu ġarrbu degradazzjoni minn dakinhar 'l hawn.

Meta l-1 ta' Jannar 2008 titqies bħala d-data ta' skadenza, dan jallinja l-proposta mad-dispożizzjonijiet ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001.

Sabiex jiġu ddefiniti l-foresti naturali, l-ekosistemi naturali, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u l-ekosistemi, ir-rapporteur tissuġġerixxi li jintużaw id-definizzjonijiet tal-Qafas ta' Responsabbiltà u l-approċċ tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għal art b'ekosistemi b'valur ta' bijodiversità għoli u art b'ħażna għolja ta' karbonju. Ir-rapporteur temmen li dawn huma kunċetti rikonoxxuti bi gwida diġà eżistenti li jagħmluhom faċilment operazzjonali. Barra minn hekk, id-definizzjoni tal-Qafas ta' Responsabbiltà tiddistingwi b'mod ċar il-foresti naturali mill-pjantaġġuni tas-siġar, u tindirizza b'mod espliċitu kemm il-konverżjoni għal pjantaġġun kif ukoll id-degradazzjoni severa u kontinwa.

Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta regolarment, permezz ta' att delegat, lista mhux eżawrjenti ta' żoni li huma koperti mill-proposta.

Fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, l-operaturi ekonomiċi għandhom jiggarantixxu li l-prodotti tagħhom ma jkunux marbuta ma' każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu aktar ta' spiss assoċjati mad-deforestazzjoni, il-qerda tal-ekosistemi u d-degradazzjoni tal-foresti u tal-ekosistemi. Dawk huma drittijiet tal-pussess ta' art, drittijiet tal-popli indiġeni, kunsens liberu, minn qabel u infurmat kif stabbilit mill-Forum Permanenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kwistjonijiet Indiġeni, id-dritt għall-ilma, drittijiet tax-xogħol kif minquxa fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u drittijiet tal-bniedem oħrajn rikonoxxuti internazzjonalment relatati mal-użu, l-aċċess jew is-sjieda tal-art.

**Dmir ta' diliġenza dovuta**

Filwaqt li tibni fuq il-linji gwida tal-OECD għal intrapriżi multinazzjonali u l-gwida tal-OECD-FAO għal ktajjen tal-provvista agrikoli responsabbli, ir-rapporteur tissuġġerixxi li jitpoġġa dmir ta' diliġenza dovuta, dmir ta' konsultazzjoni, dmir ta' trasparenza u rapportar u dmir ta' dokumentazzjoni fuq l-operaturi ekonomiċi.

Id-diliġenza dovuta għandha ssegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Ir-rapporteur tenfasizza li t-teħid ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju ma għandux jipprojbixxi lill-operaturi ekonomiċi milli jinvolvu ruħhom f'ċerti kuntesti jew ma' ċerti sħab kummerċjali, iżda għandu jgħinhom fil-ġestjoni effettiva tar-riskji ta' impatti avversi f'kuntesti ta' riskju għoli.

L-użu tad-diliġenza dovuta ma jiddependix mill-istati ta' oriġini biex tiġi żgurata l-konformità, iżda jitfa' r-responsabbiltà fuq l-atturi ekonomiċi li jixtiequ jikkummerċjalizzaw komoditajiet jew prodotti derivati fl-Unjoni. Ir-rapporteur tisħaq dwar l-importanza li, għall-kuntrarju ta' għodod bħal tikketti u ċertifikazzjonijiet, id-diliġenza dovuta ma tiddependix mill-preferenzi tal-konsumatur u b'hekk toffri livelli potenzjalment għoljin ta' effettività fil-kisba tal-objettivi regolatorji.

Skont il-miżuri proposti, it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni b'mod legali jkun possibbli biss meta l-operaturi ekonomiċi jkunu kapaċi juru, b'riżultat tal-proċess ta' diliġenza dovuta tagħhom, li kwalunkwe riskju identifikat ikun ġie mmitigat sabiex l-iktar l-iktar isir negliġibbli. Barra minn hekk, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-infurzar, l-operaturi jkunu obbligati jiggarantixxu t-traċċabilità u t-trasparenza tal-katina tal-provvista tagħhom u jirrappurtaw dwar il-konformità tagħhom mad-diliġenza dovuta, b'mod partikolari rigward il-valutazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni tar-riskju.

Ir-rapporteur tissuġġerixxi li l-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida biex tappoġġja lill-operaturi ekonomiċi fl-implimentazzjoni ta' dawn id-dmirijiet. Biex tiżgura standards ta' trasparenza u rapportar ta' kwalità għolja u komparabbli madwar l-Unjoni kollha, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati dwar dawn il-kwistjonijiet.

Dmir ta' diliġenza dovuta: għandu jiġi stabbilit l-obbligu li jirrikjedi li operaturi ekonomiċi jwettqu diliġenza dovuta tul il-katina tal-provvista kollha tagħhom sabiex jidentifikaw, jipprevjenu u jimmitigaw ir-riskji u l-impatti fuq l-ambjent, is-soċjetà u d-drittijiet tal-bniedem sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni ma' sett ta' kriterji ta' sostenibbiltà u legali.

B'mod simili għar-Regolament (KE) Nru 2173/2005, Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja jistgħu jiġu nnegozjati bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li jipproduċu l-FERC. Ir-rapporteur tixtieq tissottolinja li, filwaqt li n-negozjar ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja jista' jieħu ħafna snin, regolament ta' diliġenza dovuta obbligatorju għal komoditajiet li jpoġġu lill-foresti f'riskju jista' jidħol fis-seħħ aktar malajr u jista' jkun awtonomu.

L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jużaw skemi ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi biex jinfurmaw dwar it-twettiq ta' dawn id-dmirijiet. Ir-rapporteur tenfasizza, madankollu, li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi ma jistgħux jissostitwixxu d-dmir tal-operaturi ekonomiċi għal diliġenza dovuta u r-responsabbiltà tal-operatur ekonomiku. Fid-dawl tal-varjetà konsiderevoli ta' skemi u ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi li huma potenzjalment rilevanti, l-operaturi għandhom iwettqu valutazzjoni rigoruża skont il-kriterji

ta' riskju għall-foresti u l-ekosistemi identifikati fil-proposta qabel ma jikkonkludu li skema tista' fil-fatt tikkontribwixxi għall-objettivi tal-proposta. Ir-rapporteur tirrimarka li hemm differenzi kbar fil-kwalità bejn l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, li l-effettività tagħhom tiddependi minn firxa ta' fatturi, inklużi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, il-livell ta' trasparenza tagħha u s-saħħa tal-kriterji tagħha[26], kif ukoll il-frekwenza meħtieġa tal-awditi, kif ukoll il-kwalità u l-indipendenza tagħhom. Din il-varjazzjoni tillimita l-punt sa fejn jistgħu jintużaw b'mod konsistenti bħala għodda għall-prevenzjoni tad-deforestazzjoni[27]. Minbarra l-kriterji ta' riskju għall-foresti u l-ekosistemi, il-valutazzjoni ta' hawn fuq għandha tkopri wkoll kriterji speċifiċi ta' governanza li jikkonsistu f'indipendenza mill-industrija, inklużjoni ta' interessi soċjali u ambjentali fl-iffissar tal-istandards, awditjar indipendenti ta' partijiet terzi, divulgazzjoni pubblika ta' rapporti ta' awditjar, trasparenza fl-istadji kollha, u ftuħ. Huwa biss wara li jwettqu tali valutazzjoni li l-operaturi jistgħu jiddeċiedu li jqisu skemi ta' partijiet terzi fejn meħtieġ u rilevanti.

Dmir ta' konsultazzjoni: l-operaturi ekonomiċi għandhom jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati affettwati fir-rigward tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' diliġenza dovuta tagħhom u għandhom jinstallaw mekkaniżmu ta' twissija bikrija li jippermetti lill-partijiet terzi jinfurmaw lill-operatur ekonomiku dwar kwalunkwe riskju ta' ħsara tul il-katina tal-valur kollha. Il-partijiet terzi spiss ikollhom għarfien espert estensiv prattiku u jistgħu jgħinu lill-operaturi ekonomiċi biex iwettqu d-dmir tagħhom li jipprevjenu l-ħsara.

Dmir ta' trasparenza u ta' rapportar: l-operaturi ekonomiċi għandhom jirrappurtaw regolarment u pubblikament dwar il-proċessi, l-attivitajiet u r-riżultati tad-diliġenza dovuta tagħhom. Il-format u l-elementi tar-rapporti għandhom jiġu definiti minn att delegat sabiex tiġi żgurata l-uniformità u jiġi evitat li l-operaturi ekonomiċi jagħżlu l-prattiki ta' rapportar li jkun jaqbillhom. Ir-rapportar pubbliku għandu jippermetti lill-partijiet terzi jiflu l-attivitajiet tal-operaturi ekonomiċi.

Dmir ta' dokumentazzjoni: l-operaturi ekonomiċi għandhom iżommu dokumentazzjoni bil-miktub tal-azzjonijiet kollha tagħhom ta' diliġenza dovuta biex jiġu investigati każijiet ta' ksur potenzjali tar-regolament meta l-akkuża toħroġ fi stadju aktar tard.

**Kontroll, superviżjoni, infurzar u aċċess għall-ġustizzja**

L-eżerċizzju ta' diliġenza dovuta jikkostitwixxi l-bażi li fuqha operatur jiddeċiedi li jqiegħed l-prodotti koperti mir-regolament fis-suq tal-Unjoni. Il-konsegwenza għat-tqegħid ta' dawn il-prodotti fis-suq tal-Unjoni, minkejja n-nuqqas li tiġi stabbilita konformità mal-kriterji u d-dmirijiet għas-sostenibbiltà u d-drittijiet tal-bniedem deskritti hawn fuq, għandha titqies bħala responsabbiltà legali tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, fil-forma ta' esponiment kemm għall-infurzar pubbliku kif ukoll għal dak privat, mill-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji kompetenti u l-partijiet privati li ġarrbu ħsara rispettivament.

[26] Voigt, M. (Ed.) (2019): Sustainability Certification Schemes in the Agricultural and Natural Resource Sectors, Outcomes for Society and the Environment (Skemi ta' Ċertifikazzjoni tas-Sostenibbiltà fis-Setturi tar-Riżorsi Agrikoli u Naturali, Eżiti għas-Soċjetà u l-Ambjent), Londra u New York: Routledge.
[27] Smit, H., et al (2015): Implementing Deforestation-Free Supply Chains - Certification and Beyond (Implimentazzjoni tal-Ktajjen tal-Provvista Mhux Assoċjati mad-Deforestazzjoni – Iċ-Ċertifikazzjoni u Lil Hinn).

Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jissorveljaw it-twettiq mill-operaturi ekonomiċi tal-obbligi previsti fir-Regolament (diliġenza dovuta, konsultazzjoni, rapportar, dokumentazzjoni).

L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu kriminalment responsabbli għall-ksur tad-dmirijiet tagħhom. L-Istati Membri għandhom jipprovdu penali proporzjonati, effettivi u dissważivi għal nuqqas ta' konformità mad-dmirijiet għal diliġenza dovuta, konsultazzjoni, rapportar u dokumentazzjoni, u fejn in-nuqqas ta' konformità mal-obbligi tar-regolament ikkawża ħsara ambjentali jew abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

Għandhom jiġu żviluppati standards u linji gwida fil-livell tal-Unjoni għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex tiġi żgurata implimentazzjoni u infurzar effettivi u uniformi tal-proposta madwar l-Unjoni kollha. Ir-rapporteur hija tal-fehma li għal dan, wieħed jista' jislet mill-esperjenza tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam.[28] [29]

Il-partijiet terzi għandhom ikunu jistgħu jikkontestaw in-nuqqas ta' konformità tal-operaturi ekonomiċi mal-obbligi tar-regolament quddiem awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi. L-operaturi ekonomiċi għandhom iġorru l-oneru tal-prova meta rikorrent ikun ippreżenta fatti raġonevolment disponibbli u provi suffiċjenti biex jappoġġja l-azzjoni tagħhom.

L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu responsabbli in solidum għall-ħsara li tirriżulta mill-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-abbużi ambjentali u għandhom jipprovdu rimedju fejn il-ħsara tkun ġiet ikkawżata lil individwi jew organizzazzjonijiet.

Li r-regoli ta' diliġenza dovuta obbligatorja għandhom jinkludu xi forma ta' responsabbiltà huwa appoġġjat ukoll mill-istudju tad-DĠ JUST dwar ir-rekwiżit ta' diliġenza dovuta, li skont dan 73 % tar-rispondenti li huma partijiet ikkonċernati jippreferu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta obbligatorji flimkien mar-responsabbiltà ċivili jew kriminali u/jew multi għal-linji gwida volontarji. Il-preferenzi tal-organizzazzjonijiet tal-industrija huma, madankollu, f'ordni inversa.

**Implikazzjonijiet finanzjarji**

Il-miżuri li jinsabu fil-proposta huma fil-biċċa l-kbira tagħhom mingħajr impatt immedjat fuq in-nefqa operazzjonali tal-UE. Spejjeż addizzjonali għall-Istati Membri biex jissorveljaw u jinfurzaw l-implimentazzjoni ta' tali regolament jiddependu mill-għażliet nazzjonali ta' implimentazzjoni, iżda jistgħu jiġu mminimizzati billi dawn l-ispejjeż jiddaħħlu fl-istrutturi tal-baġits eżistenti, pereżempju dawk tal-aġenziji ambjentali jew doganali, tal-qrati u s-sistemi ġudizzjarji. Barra minn hekk, ir-rapporteur tisħaq li l-implikazzjonijiet għall-baġits pubbliċi għandhom jiġu mwieżna skont l-impatti pożittivi fuq l-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem tal-proposta.

Għall-operaturi ekonomiċi, ir-riżultati preliminari tal-istudju dwar ir-rekwiżiti ta' diliġenza

[28] Germanwatch (2019): Lessons learnt aus der EU-Holzhandelsverordnung für die Umsetzung der EU-Konfliktmineralienverordnung (Germanwatch (2019): tagħlimiet meħuda mir-Regolament dwar l-Injam tal-UE għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-minerali ta' kunflitt tal-UE.)
[29] WWF (2019): WWF Enforcement Review of the EU Timber Regulation (Rieżami tal-Infurzar tar-Regolament dwar l-Injam tal-UE mid-WWF) (ETUR).

dovuta permezz tal-katina tal-provvista kkummissjonat mid-DĠ JUST tal-Kummissjoni indikaw li "l-ispiża ta' diliġenza dovuta obbligatorja, meta mqabbla mad-dħul tal-kumpaniji, tidher li hija relattivament baxxa. Fir-rigward tal-ispejjeż addizzjonali rikorrenti fil-livell tal-kumpanija bħala perċentwali tad-dħul tal-kumpaniji, dawn l-ispejjeż bħala medja jammontaw għal anqas minn 0.14 % għall-SMEs u 0.009 % għall-kumpaniji l-kbar." [30]

Ir-riżultati tal-istudju tad-DĠ Just jagħtu wkoll indikazzjoni preliminari li l-ispejjeż tal-obbligi ta' diliġenza dovuta jiġu kkumpensati minn regolament applikat madwar l-Unjoni kollha, permezz tas-sigurtà tal-ippjanar, kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi madwar l-Unjoni u żieda fl-ingranaġġ permezz ta' standard mhux negozjabbli.[31]

Filwaqt li s-sejbiet tal-istudju tad-DĠ Just jirreferu għall-ispejjeż u l-benefiċċji ta' regolament dwar diliġenza dovuta ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem transsettorjali, ir-rapporteur hija tal-fehma li spejjeż u benefiċċji simili jistgħu jiġu preżunti għal regolament dwar diliġenza dovuta obbligatorja għall-komoditajiet li jpoġġu lill-foresti u l-ekosistemi f'riskju.

L-istudju ta' valutazzjoni li jmiss dwar il-Valur Miżjud Ewropew se jipprevedi aktar tagħrif dwar din il-kwistjoni.

**Dispożizzjonijiet finali**

Ir-rapporteur temmen li l-proposta għandha sservi bħala miżura *de minimis* u li l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw regolamenti aktar stretti fir-rigward tal-katina tal-provvista.

[30] British Institute of International and Comparative Law et al. (2020), Study on due diligence requirements through the supply chain, PART I: SYNTHESIS REPORT (Studju dwar ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta permezz tal-katina tal-provvista, PARTI I: RAPPORT TA' SINTEŻI), p. 66.
[31] Ibid.

9.9.2020

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha
(2020/2006(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Karin Karlsbro

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)
(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli:

– biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. jinnota li l-preservazzjoni globali tal-foresti u l-prevenzjoni tad-degradazzjoni tagħhom huma wħud mill-akbar sfidi ta' sostenibbiltà ta' żminijietna, li mingħajrhom l-objettivi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Patt Ekoloġiku ma jistgħux jintlaħqu; jisħaq li bil-politiki attwali ma jistax jiġi żgurat l-użu sostenibbli tal-foresti u tal-ekosistemi f'ħafna partijiet tad-dinja; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-politika kummerċjali u ta' investiment jeħtieġ li tiġi rieżaminata sabiex tindirizza din l-isfida globali b'mod aktar effettiv, u billi toħloq kundizzjonijiet ekwi globalment, u tqis ir-rabta bejn il-ftehimiet kummerċjali u l-bijodiversità globali kif ukoll l-ekosistemi tal-foresti; jemmen li l-UE teħtieġ tiżgura li tippromwovi biss ktajjen ta' provvista globali u flussi finanzjarji li huma sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni u li ma jwasslux għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

2. jinnota bi tħassib li wara t-tifqigħa traġika tal-pandemija tal-COVID-19, ir-riċerka tkompli tikkonferma rabta inkwetanti bejn il-mard żoonotiku u d-deforestazzjoni, it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità;

3. jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati tajbin li wriet il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi skont il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE u l-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) fl-indirizzar tal-isfida min-naħa tal-provvista tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u jisħaq li din il-ħidma għandha tiġi intensifikata, speċjalment f'termini ta' monitoraġġ, verifiki u kontrolli u anke f'termini ta' offerta ta' bini tal-kapaċità; jisħaq li l-VPAs jikkostitwixxu qafas tassew effikaċi biex jiġu stabbiliti sħubiji tajbin ma' dawn il-pajjiżi u li għandhom

jiġu promossi VPAs ġodda ma' sħab addizzjonali; jistieden lill-UE żżid il-finanzjament għall-FLEGT;

4. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Ħidma FLEGT 2018-2022 tal-UE;

5. jilqa' l-komunikazzjoni tal-UE tat-23 ta' Lulju 2019 dwar it-tisħiħ tal-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja; jissottolinja l-importanza ta' miżuri li jiżguraw li d-domanda tkun konformi mal-għanijiet iddikjarati, peress li l-UE hija importatur sinifikanti ta' prodotti bażiċi li jirrappreżentaw riskju għall-foresti u l-ekosistemi (FERCs), u li l-UE għandha r-responsabbiltà li tnaqqas kwalunkwe impatt negattiv ta' dawn l-importazzjonijiet;

6. jirrikonoxxi l-importanza tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam għall-prevenzjoni tad-dħul ta' injam maqtugħ illegalment fis-swieq tal-UE; jilqa' l-kontroll tal-idoneità li jmiss mill-Kummissjoni tar-Regolament FLEGT u tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam bħala opportunità biex jissaħħaħ l-infurzar tagħhom, tkompli tittejjeb l-implimentazzjoni tagħhom u jitwessa' l-ambitu li jkopru għal pereżempju prodotti stampati, prodotti tal-injam u injam minn reġjuni ta' kunflitt, u biex jissaħħaħ ir-rwol tas-soċjetà ċivili;

7. itenni t-talba tiegħu li l-importazzjonijiet tal-injam u tal-prodotti tal-injam għandhom jiġu kkontrollati aktar bir-reqqa fil-fruntieri tal-UE sabiex jiġi żgurat li l-prodotti importati tassew jikkonformaw mal-kriterji biex jidħlu fl-UE; jappella għall-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet doganali nazzjonali biex jiġu żgurati armonizzazzjoni u implimentazzjoni aħjar tal-KDU; jisħaq li l-Kummissjoni għandha bżonn tiżgura li l-kontrolli doganali fl-UE kollha jsegwu l-istess standards, permezz ta' mekkaniżmu dirett unifikat ta' kontroll doganali, b'koordinazzjoni mal-Istati Membri u b'konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

8. jinnota li l-espansjoni agrikola tammonta għal madwar 80 % tad-deforestazzjoni globali u għandha l-għeruq tagħha fid-domanda għall-FERCs bħaż-żejt tal-palm, is-sojja, il-laħam, il-ġilda, il-kawkaw, il-kafè, il-lastiku u l-qamħirrum; jinnota li, bl-eċċezzjoni tal-prodotti koperti mir-Regolament tal-UE dwar l-Injam, bħalissa ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ li tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu l-FERCs fis-suq tal-UE jsegwu proċeduri ta' diliġenza dovuta biex itaffu r-riskju tad-deforestazzjoni; huwa tal-opinjoni li l-ftehimiet ta' sħubija bbażati fuq il-kummerċ ma' pajjiżi produtturi ewlenin tal-FERCs jistgħu jkunu utli biex jiġu indirizzati l-kawżi tad-deforestazzjoni min-naħa tal-provvista u jinnota li l-mudell tal-VPAs dwar il-FLEGT huwa wieħed mill-għażliet;

9. iqis li l-kummerċ u l-kooperazzjoni internazzjonali huma għodod importanti għall-konsolidazzjoni ta' standards ogħla ta' sostenibbiltà, speċjalment fir-rigward ta' setturi li huma marbuta mal-foresti u l-ktajjen ta' valur derivati tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi permezz ta' assistenza teknika, skambju ta' informazzjoni u prattiki tajba fil-preservazzjoni, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-foresti, b'enfasi speċjali fuq ir-rabta bejn il-kriminalità organizzata u l-prodotti bażiċi assoċjati mad-deforestazzjoni, u jippromwovu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni xjentifika u akkademika ma' pajjiżi terzi, kif ukoll

programmi ta' riċerka li jippromwovu l-għarfien u l-innovazzjoni dwar il-bijodiversità, "in-negozju li jirrispetta l-ambjent" u l-ekonomija ċirkolari; jisħaq fuq l-importanza li jitqiesu l-effetti tal-miżuri fuq l-impjiegi u t-tkabbir tal-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) li jiddependu mill-produzzjoni tal-FERCs; jistieden lill-UE tappoġġja u tikkoopera ma' gvernijiet ta' pajjiżi terzi u mas-soċjetà ċivili fil-ħidma tagħhom kontra d-deforestazzjoni, partikolarment permezz tal-iskema SĠP+; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa jekk għandux jiġi żviluppat strument ġdid speċifiku ta' għajnuna għall-kummerċ biex jiffaċilita l-kummerċ fil-kuntest tal-mitigazzjoni tar-riskji relatati mal-produzzjoni tal-FERCs;

10. jirrakkomanda li l-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment eżistenti kollha ġodda u aġġornati jinkludu dispożizzjonijiet klimatiċi u ambjentali aktar ambizzjużi rigward il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u jsaħħu l-infurzar ta' dawn ir-regoli, li jwasslu għal kundizzjonijiet aħjar għall-foresti u l-ekosistemi, inkluż il-protezzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali, kif ukoll dispożizzjonijiet kontra l-korruzzjoni relatati mal-qtugħ illegali tas-siġar, u l-obbligu li jiġi żgurat li l-ftehimiet ambjentali multilaterali, bħall-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, jiġu implimentati b'mod effettiv; jistieden lill-Kummissjoni tqis għodod differenti għall-monitoraġġ tal-marka tal-karbonju tal-importazzjonijiet;

11. jinnota li minkejja t-tentattivi ġenwini ta' kumpaniji biex jirregolaw lilhom infushom permezz ta' obbligi volontarji ta' diliġenza dovuta, huwa evidenti li għadhom mhumiex biżżejjed peress li katini ta' valur globali kumplessi, dinamiċi u mhux trasparenti spiss ikunu marbuta mad-deforestazzjoni; u konsegwentement jirrakkomanda li jiġi żviluppat qafas regolatorju tal-UE vinkolanti li jkun aktar effiċjenti u kuraġġuż, li jindirizza l-aspett tad-domanda madwar l-Unjoni kollha;

12. iqis li proposta leġiżlattiva biex jiġi introdott obbligu ta' diliġenza dovuta fuq l-operaturi li jqiegħdu fis-suq intern prodotti bażiċi u prodotti li jirrappreżentaw riskju għall-foresti u l-ekosistemi għandha bżonn tiżgura li tali prodotti bażiċi u prodotti ma jikkawżawx deforestazzjoni, degradazzjoni tal-foresti, u l-konverżjoni jew id-degradazzjoni tal-ekosistemi naturali jew ksur relatat mad-drittijiet tal-bniedem; obbligu ta' diliġenza dovuta simili għandu japplika wkoll għas-settur finanzjarju; l-obbligi ta' diliġenza dovuta għandhom japplikaw għall-katina tal-provvista kollha u jkopru l-linji gwida tal-OECD dwar ir-responsabbiltà soċjali u d-drittijiet tal-bniedem fil-kummerċ; jisħaq li sabiex ikun aktar effettiv, tali qafas legali għandu jinkludi wkoll aċċess adegwat għall-ġustizzja, ir-rimedji legali u l-protezzjoni effettiva għall-informaturi fil-pajjiżi esportaturi tar-riżorsi naturali;

13. jemmen li l-proposti futuri rigward il-prodotti bażiċi li jirrappreżentaw riskju għall-foresti għandhom jibbażaw fuq it-tagħlimiet meħuda mill-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam, ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] ("ir-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt"), id-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] ("id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju"), il-leġiżlazzjoni dwar is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u inizjattivi oħra tal-UE li jirregolaw il-ktajjen tal-provvista; u

[1] ĠU L 130 19.05.2017, p. 1
[2] ĠU L 330 15.11.2014, p. 1

jitlob lill-UE tħeġġeġ ċertifikazzjoni volontarja tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, li tista' tivverifika s-sostenibbiltà u tkun kompatibbli ma' kwalunkwe sistema ta' diliġenza dovuta fis-seħħ;

14. jitlob lill-Kummissjoni li l-miżuri li għandhom jiġu adottati jkollhom approċċ komprensiv u differenzjat għad-deforestazzjoni, meta jitqiesu d-diversi dimensjonijiet tagħha u r-rabtiet tagħha kemm mal-ġenerazzjoni ta' impriżi sostenibbli kif ukoll mal-ġlieda kontra l-ekonomiji kriminali; għal dak il-għan, jappella għal djalogu ma' pajjiżi terzi sabiex jiġu analizzati, fuq bażi ta' każ b'każ, il-kawżi ewlenin tat-telf tal-kopertura tal-foresti u r-rilevanza tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati;

15. jisħaq fuq l-importanza li titwettaq valutazzjoni tal-impatt u li jitqiesu r-riżultati tagħha sabiex jitfasslu regoli li ma jirrinunzjawx l-kompetittività iżda pjuttost itejbuha u li jkunu funzjonali u applikabbli għall-atturi kollha fis-suq, inklużi l-SMEs; li jiġi żgurat li tali qafas ikun konformi mad-WTO, jiġifieri proporzjonat, nondiskriminatorju u li ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali; jirrakkomanda li l-SMEs jingħataw appoġġ u żmien ta' tranżizzjoni adegwati sabiex jadattaw l-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom għar-regoli l-ġodda;

16. jissottolinja l-fatt li l-kawżi tad-deforestazzjoni jmorru lil hinn mis-settur tal-foresti nnifsu u huma relatati ma' firxa vasta ta' kwistjonijiet bħall-pussess tal-art, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni, il-politiki agrikoli, it-tibdil fil-klima, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertà politika; ifakkar li n-nisa indiġeni u l-bdiewa nisa għandhom rwol ċentrali fil-protezzjoni tal-ekosistemi tal-foresti; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tindirizza d-deforestazzjoni b'mod olistiku permezz ta' qafas ta' politika koerenti filwaqt li tiżgura l-konservazzjoni tal-ekosistemi; jemmen li l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni dwar il-forestrija hija punt ewlieni fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, li għandha tiġi riflessa fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE;

17. ifakkar fl-importanza li jiġu rrispettati l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; jappoġġja n-negozjati kontinwi biex jinħoloq strument vinkolanti tan-NU dwar korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u jisħaq fuq l-importanza li l-UE tkun involuta b'mod proattiv f'dan il-proċess;

18. jisħaq li d-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku fl-FTAs għandhom iqisu l-kriterji soċjali, ambjentali u responsabbli tal-kondotta tan-negozju fl-għoti ta' kuntratti;

19. jinsisti li r-rekwiżiti obbligatorji fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'aktar kooperazzjoni globali u kooperazzjoni rinforzata, governanza ambjentali globali msaħħa u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi permezz ta' assistenza teknika, l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba fil-preservazzjoni, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-foresti, filwaqt li jingħata rikonoxximent speċjali lill-inizjattivi ta' sostenibbiltà mwettqa mis-settur privat; b'aktar sforzi f'fora internazzjonali ewlenin, inklużi l-azzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) biex iwaqqfu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, jirrestawraw il-foresti u jevitaw l-effett invers tad-devjazzjoni ta' ktajjen ta' provvista mmarkati ta' deforestazzjoni mhux mixtieqa lejn reġjuni oħra fid-

dinja;

20. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu, permezz tal-kummerċ u l-kooperazzjoni internazzjonali, l-investiment meħtieġ biex jiġu kkonsolidati standards ogħla ta' sostenibbiltà fis-setturi tal-forestrija u l-ktajjen tal-valur tagħhom, filwaqt li jippromwovu l-bijoekonomija ċirkolari, it-turiżmu ekoloġiku, l-enerġija rinnovabbli, l-agrikoltura intelliġenti u oqsma rilevanti oħra, anke f'pajjiżi terzi;

– biex jinkorpora r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin fl-anness għall-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

***Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs)***

1. il-proposta għandha tiżgura li jkun hemm ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar kwalunkwe miżura u qafas ġodda għall-UE kollha relatati mal-użu attwali tal-VPAs dwar il-FLEGT u l-liċenzjar, sabiex jiġi żgurat l-interess fl-investiment fl-esportazzjoni ħielsa mid-deforestazzjoni lejn l-UE; u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi ftehimiet ta' sħubija bbażati fuq il-kummerċ ma' pajjiżi produtturi ewlenin ta' prodotti bażiċi agrikoli, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi tad-deforestazzjoni min-naħa tal-provvista.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 3.9.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 0<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Udo Bullmann, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Anna Cavazzini, Miroslav Číž, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Emmanouil Fragkos, Raphaël Glucksmann, Markéta Gregorová, Enikő Győri, Roman Haider, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Herve Juvin, Karin Karlsbro, Maximilian Krah, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Margarida Marques, Gabriel Mato, Emmanuel Maurel, Maxette Pirbakas, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Inma Rodríguez-Piñero, Massimiliano Salini, Helmut Scholz, Liesje Schreinemacher, Sven Simon, Dominik Tarczyński, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Jan Zahradil |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 38 | + |
|---|---|
| GUE/NGL | Emmanuel Maurel, Helmut Scholz |
| ID | Roman Haider, Herve Juvin, Maximilian Krah, Danilo Oscar Lancini, Maxette Pirbakas |
| NI | Tiziana Beghin, Carles Puigdemont i Casamajó |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Enikő Győri, Danuta Maria Hübner, Gabriel Mato, Massimiliano Salini, Sven Simon, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler |
| RENEW | Barry Andrews, Jordi Cañas, Karin Karlsbro, Samira Rafaela, Liesje Schreinemacher, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Udo Bullmann, Miroslav Číž, Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Bernd Lange, Margarida Marques, Inma Rodríguez-Piñero, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt |
| VERTS/ALE | Saskia Bricmont, Anna Cavazzini, Markéta Gregorová, Heidi Hautala |

| 0 | - |
|---|---|

| 4 | 0 |
|---|---|
| ECR | Geert Bourgeois, Emmanouil Fragkos, Dominik Tarczyński, Jan Zahradil |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

20.7.2020

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha
(2020/2006(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Michèle Rivasi

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq li l-politika tal-forestrija hija primarjament kompetenza nazzjonali, iżda jirrikonoxxi li ħafna politiki tal-Unjoni għandhom impatt fuq il-foresti; jistieden lill-Unjoni tadotta mingħajr dewmien att leġiżlattiv li jirrikjedi li l-kumpaniji jwettqu diliġenza dovuta obbligatorja tul il-ktajjen tal-provvista kollha tagħhom biex jiġi żgurat li l-prodotti bażiċi li joħolqu riskju għall-foresti li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jkunu sostenibbli, mingħajr deforestazzjoni, ma jiddegradawx il-foresti jew l-ekosistemi rikki fil-bijodiversità u jikkonformaw mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-istandards internazzjonali tax-xogħol u ambjentali u ma' obbligi internazzjonali oħra, inklużi d-drittijiet ta' popli indiġeni u komunitajiet lokali, u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju; jisħaq li tali leġiżlazzjoni għandha ssegwi approċċ li jirrigwarda diversi prodotti bażiċi, tapplika għall-atturi ekonomiċi kollha fil-katina tal-provvista, inklużi l-atturi finanzjarji, kemm upstream kif ukoll downstream, tipprovdi aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi, tkun akkumpanjata minn mekkaniżmu b'saħħtu ta' rapportar, ta' żvelar u ta' infurzar, inklużi penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità u għandha tkun ibbażata fuq esperjenzi minn leġiżlazzjoni eżistenti bħal dik li tikkonċerna l-minerali ta' kunflitt, ir-regolament dwar l-injam, is-sajd mhux irregolat u mhux irrapportat, li kollha jinkludu rekwiżiti obbligatorji ta' diliġenza dovuta;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi qafas regolatorju bħal dan fil-livell internazzjonali, għal dan il-għan, jisħaq fuq l-importanza tal-koordinazzjoni transettorjali u tat-tfassil ta' sħubiji, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi produtturi u konsumaturi, biex jiġu indirizzati d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti b'mod

olistiku, speċjalment f'fora internazzjonali ewlenin, li jimplika pereżempju l-promozzjoni ta' fehim komuni dwar il-ktajjen ta' provvista sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni u l-ktajjen ta' valur trasparenti abbażi ta' metodoloġija robusta li tkun kondiviża bejn pajjiżi sħab;

3. Jisħaq bl-istess mod li l-qafas regolatorju l-ġdid ma għandux iwassal għal kompetizzjoni inġusta jew piż amministrattiv eċċessiv għall-SMEs u jitlob li jingħata appoġġ lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex jadattaw għall-qafas regolatorju ġdid propost, b'mod partikolari fir-rigward tad-diversifikazzjoni tal-introjtu; jisħaq fuq l-importanza li jiġu adottati miżuri ta' akkumpanjament biex jikkumpensaw għat-telf possibbli ta' introjtu mill-SMEs u biex jingħata appoġġ lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ħalli jaġġustaw għall-qafas legali l-ġdid;

4 Iħeġġeġ lill-Unjoni turi tmexxija u tieħu azzjoni deċiżiva peress li r-rati globali ta' deforestazzjoni komplew imorru għall-agħar f'dawn l-aħħar snin minkejja l-fatt li l-inizjattivi internazzjonali mmultiplikaw; jissottolinja li l-proliferazzjoni ta' inizjattivi mingħajr deforestazzjoni mis-settur privat qed toħloq momentum għal sinerġiji tal-politiki; madankollu, jinsisti li l-introduzzjoni ta' skemi ta' tikkettar u ċertifikazzjoni għal prodotti mingħajr deforestazzjoni mhijiex biżżejjed, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kriżi tal-klima u l-bijodiversità u li hija meħtieġa gwida ulterjuri bħala informazzjoni dwar it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn l-inizjattivi tal-katina tal-provvista sabiex titnaqqas id-deforestazzjoni minn inizjattivi privati;

5. Jistieden lis-settur privat iwettaq mingħajr dewmien l-impenji tiegħu ta' deforestazzjoni żero, filwaqt li jiżgura trasparenza sħiħa dwar il-konformità ma' dawn l-impenji; għal dan il-għan, jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu r-rekwiżiti li jikkonċernaw iċ-ċertifikazzjonijiet volontarji fuq il-kriterji soċjali u ambjentali, b'mod partikolari billi jiġi promoss l-aċċess ta' produtturi żgħar għaċ-ċertifikazzjoni, jiġi ffaċilitat l-użu ta' awditjar indipendenti, jissaħħu l-proċeduri ta' appell, it-trasparenza tagħhom u r-riżoluzzjoni ta' tilwim, jiġu adottati valuri ta' konservazzjoni għolja u kriterji ta' ħażna kbira ta' karbonju, jiġu żgurati l-konverżjoni tal-ekosistemi u l-fatt li ma jsirx taħwil fuq torbieri filwaqt li jiġi żgurat li d-drittijiet konswetudinarji tad-dominju ta' art jiġu rrispettati u jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mas-settur privat fl-iskambju tal-aħjar prattiki, kif ukoll fir-rigward tal-armonizzazzjoni tad-data;

6. B'mod aktar ġenerali, jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ it-tisħiħ tal-istandards u tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni li jgħinu fl-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' prodotti bażiċi mingħajr deforestazzjoni f'pajjiżi terzi; jinsisti fuq l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi produtturi permezz ta' assistenza teknika, skambju ta' informazzjoni u prattiki tajba, kif ukoll li jiġu identifikati attivitajiet konġunti biex jiġu informati l-iżviluppi ta' politika bbażati fuq fehim avvanzat tal-impatt tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, ktajjen ta' provvista trasparenti, u mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ;

7. Jitlob li s-settur forestali jkollu rwol li jispikka fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) li jmiss kif ukoll li jsir l-aħjar użu mill-potenzjal sħiħ tal-Pjan ta' Investiment Estern u tal-faċilitajiet reġjonali ta' finanzjament imħallat biex jiġu mobilizzati l-finanzjamenti privati għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; jitlob li jissaħħu l-istandards u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni

li diġà jeżistu minflok ma jiġu introdotti oħrajn ġodda u jisħaq li dawk l-istandards u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jeħtieġu jikkonformaw mar-regoli tad-WTO;

8. Jitlob lill-Unjoni ssaħħaħ l-istandards tagħha f'termini ta' żvelar obbligatorju ta' informazzjoni minn impriżi relatati mal-produzzjoni jew l-ipproċessar ta' prodotti bażiċi li joħolqu riskju għall-foresti u jappella għall-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar il-bijoekonomija; jirrikonoxxi l-kontribut ekonomiku, soċjetali u ambjentali pożittiv tal-industrija tal-foresti, u jappella għal aktar investiment fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-avvanz teknoloġiku;

9. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tintegra ulterjorment id-dispożizzjonijiet dwar id-deforestazzjoni fi ħdan l-Ekotikketta tal-UE, l-akkwist pubbliku ekoloġiku u inizjattivi oħra fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattivi f'dan ir-rigward;

10. B'mod partikolari, jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi biex tipprojbixxi x-xiri pubbliku ta' prodotti importati li jirriżultaw f'deforestazzjoni fil-qafas tal-Ftehim plurilaterali dwar l-Akkwisti Pubbliċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u d-Direttiva 2014/24 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

11. Jinnota li aċċess akbar għad-data doganali dwar l-importazzjonijiet li jidħlu fl-Unjoni jżid it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-katina tal-valur globali; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sħubija doganali fi ħdan l-Unjoni filwaqt li testendi r-rekwiżiti tad-data doganali, b'mod partikolari billi tinkludi lill-esportatur u lill-manifattur bħala elementi obbligatorji tad-data doganali, u b'hekk issaħħaħ it-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-ktajjen tal-valur globali;

12. Ifakkar li d-domanda dejjem akbar tal-Unjoni tal-injam għall-materjali, għall-enerġija u għall-bijoekonomija żżid ir-riskji tad-deforestazzjoni inkorporata fl-importazzjonijiet, il-ħtif tal-art, l-ispostament furzat u l-ksur tad-drittijiet tal-popli indiġeni; jitlob li jieqaf il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u li jiġu ttraċċati l-injam u l-prodotti tal-injam fil-katina kollha tal-provvista;

13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat rikonoxximent effettiv u rispett tad-drittijiet konswetudinarji għad-dominju ta' art tal-komunitajiet u tal-popli indiġeni li jiddependu mill-foresti bħala kwistjoni ta' ġustizzja soċjali f'konformità mal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali (VGGT), id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP) u l-Konvenzjoni Nru 169 tal-ILO; jistieden lill-Kummissjoni ssostni t-tixrid, l-użu u l-implimentazzjoni tal-VGGT fuq livell globali, reġjonali u nazzjonali u anke permezz tal-Pjan ta' Investiment Estern;

14. Jinnota li l-foresti maturi għandhom jingħataw l-attenzjoni li jistħoqqilhom, peress li jagħtu kontribut għall-għarfien u s-saħħa li ma jistgħux jiġu nnegati lill-ġenerazzjonijiet futuri; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-telf tal-bijodiversità li qed iseħħ f'diversi partijiet tad-dinja minħabba t-tibdil fil-klima, speċjalment fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, u jfakkar li l-prevenzjoni tat-telf tal-bijodiversità għandha tkun ukoll prijorità għall-

[1] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

Unjoni;

15. Jisħaq li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-bijoenerġija għandha tirrispondi għal kriterji soċjali u ambjentali rigorużi;

16. Jiddispjaċih li l-politiki mmirati lejn il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima mhumiex awtomatikament ta' appoġġ reċiproku; jinsab partikolarment imħasseb dwar l-impatt ambjentali taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-bijomassa, li tista' twassal għal prattiki mhux sostenibbli li jiskattaw id-deforestazzjoni barra mill-pajjiż jekk ma jkunux mmonitorjati kif xieraq; b'mod partikolari, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu bis-sħiħ l-impatt li użu akbar tal-bijokarburanti u l-bijomassa jista' jkollu fuq id-deforestazzjoni;

17 B'mod aktar ġenerali, jitlob li jsiru valutazzjoni tal-impatt eżawrjenti tal-impatt ambjentali taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-bijomassa, u reviżjoni tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] biex issir konsistenti mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni fir-rigward tal-Aġenda 2030, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li tinvolvi, *inter alia*, l-adozzjoni ta' kriterji ta' sostenibbiltà soċjali, filwaqt li jitqiesu r-riskji tal-ħtif tal-art, f'konformità mad-drittijiet internazzjonali tad-dominju ta' art, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Nru 169 tal-ILO u l-Prinċipji tal-Investiment Responsabbli fl-Agrikoltura u s-Sistemi tal-Ikel tal-VGGT u tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija;

18. Jistieden lill-Unjoni tikkonforma mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tiżgura l-konsistenza bejn il-politiki tagħha ta' żvilupp u affarijiet barranin, kummerċ, agrikoltura, enerġija, riċerka u innovazzjoni, klima u bijodiversità; iħeġġeġ, b'mod partikolari, lill-Unjoni tinvesti aktar fil-programmi li jippromwovu prattiki tal-biedja aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima, aktar sostenibbli u aktar estensivi, kif ukoll diversifikazzjoni sostenibbli, agroekoloġija u agroforestrija, u b'hekk titreġġa' lura t-tendenza li l-foresti jiġu kklerjati biex irendu aktar art disponibbli, f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

19. Jistieden lill-Unjoni tappoġġja lill-pajjiżi sħab fl-iżvilupp tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-istrateġiji, abbażi ta' evidenza xjentifika, li hija kruċjali biex jitnaqqsu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti; jissottolinja, għaldaqstant, l-importanza tal-proforestazzjoni bħala soluzzjoni effettiva biex jiġu indirizzati l-kriżijiet globali dupliċi tat-tibdil fil-klima u tat-telfien tal-bijodiversità, filwaqt li l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni għandhom jikkontribwixxu wkoll għar-restawr tal-ekosistemi dannużi, għar-riġenerazzjoni tal-ħamrija sabiex jiġu evitati l-erożjoni u t-telf tan-nutrijenti, u għaż-żieda fil-kopertura tas-siġar sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika, kif indikat fl-objettiv 15 tal-SDGs; jappella wkoll lill-Unjoni biex tipprovdi appoġġ lill-pajjiżi terzi li għandhom l-għan li jaqilbu għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli mhux bbażati fuq l-injam, biex b'hekk titnaqqas il-pressjoni fuq il-foresti kkawżata mill-użu tal-injam bħala fjuwil;

[2] Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

20. Jenfasizza li l-miżuri tal-Unjoni għandhom jikkonċentraw ukoll fuq l-imminimizzar tal-effetti tal-operazzjonijiet tal-qtugħ tas-siġar li josservaw il-liġi u li jkunu permessi fil-kuntest ta' użi alternattivi tal-art, partikolarment għat-trobbija tal-bhejjem, l-estrazzjoni mill-minjieri u l-attivitajiet ta' tħaffir, li jikkostitwixxu l-ixprunaturi ewlenin tad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-ekosistema kif ukoll il-qerda tal-ħabitats, flimkien mal-agrikoltura intensiva;

21. Jirrimarka li madwar 80 % tad-deforestazzjoni globali hija kkawżata mill-espansjoni tal-art użata għall-agrikoltura, u hija aggravata mill-ħsad legali u illegali tal-injam għall-fjuwil u għall-esportazzjoni; jenfasizza li l-mudell tal-biedja tal-Unjoni huwa dipendenti fuq l-importazzjonijiet ta' volumi kbar ta' għalf tal-proteini, u li l-kultivazzjoni ta' dan l-għalf barra mill-Unjoni ħafna drabi tirrappreżenta waħda mill-ixpruni tad-deforestazzjoni u l-qerda tal-foresti pluvjali;

22. Jitlob li jiġu introdotti kriterji ta' sostenibbiltà li jikkonċernaw l-importazzjonijiet tal-għalf sabiex iħeġġu lill-pajjiżi terzi jikkultivaw il-proteini tal-pjanti b'mod sostenibbli li ma jkunx jagħmel ħsara lill-ambjent jew lis-soċjetà u li ma jwassalx għal deforestazzjoni tal-massa; jistieden lill-Unjoni biex, bħala l-aħħar soluzzjoni, twaqqaf gradwalment l-importazzjonijiet tas-sojja minn pajjiżi terzi li ma jkunux iridu jadottaw tali kriterji ta' sostenibbiltà;

23. Itenni li l-politika kummerċjali tal-Unjoni għandha tkun konsistenti mal-impenji ambjentali internazzjonali tagħha u tikkontribwixxi għalihom; f'dan ir-rigward, jisħaq li l-Ftehim ta' Pariġi għandu jkun element essenzjali ta' ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tinkludi dispożizzjonijiet ambizzjużi speċifiċi għall-foresti u l-bijodiversità fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment kollha tal-Unjoni, inklużi kapitoli robusti, koerenti u infurzabbli dwar is-sostenibbiltà, li jintegraw fost l-oħrajn punti referenzjarji dwar is-sostenibbiltà għall-prodotti bażiċi agrikoli, dispożizzjonijiet li jiżguraw li jinkiseb qbil ħieles, minn qabel u informat tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u tiżgura r-rikonoxximent tad-drittijiet tad-dominju ta' art ta' komunitajiet li jiddependu mill-foresti u ta' popli indiġeni; jisħaq li tali dispożizzjonijiet għandhom ikunu vinkolanti u inforzabbli permezz ta' mekkaniżmu effettiv ta' monitoraġġ li jippermetti lill-persuni jfittxu rimedju, speċjalment billi jipprovdu mekkaniżmi ta' lmenti u sistemi ta' evalwazzjoni aċċessibbli biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'attenzjoni l-impatti tal-ftehimiet kummerċjali fuq id-deforestazzjoni permezz tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (VIS) u valutazzjonijiet rilevanti oħrajn, inklużi l-istat tal-foresti, l-ekosistemi naturali u d-drittijiet tal-bniedem, abbażi ta' data u metodoloġiji ta' evalwazzjoni affidabbli;

24. Jitlob li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-AKP sabiex tiġi indirizzata l-problema dejjem akbar tad-deforestazzjoni u d-deżertifikazzjoni fl-Istati AKP, permezz tal-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni mmirati lejn it-titjib tal-ġestjoni u l-konservazzjoni tal-foresti u l-istabbiliment ta' sistemi ta' monitoraġġ; jistieden lill-Unjoni tiżgura li d-deforestazzjoni tiġi inkluża fid-djalogi politiċi fil-livell tal-pajjiż, u tgħin lill-pajjiżi sħab jiżviluppaw u jimplimentaw oqfsa nazzjonali dwar il-foresti u dwar ktajjen ta' provvista sostenibbli, filwaqt li tappoġġja l-implimentazzjoni effettiva tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDC) tal-pajjiżi sħab skont il-Ftehim ta' Pariġi;

25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi produtturi u konsumaturi kif ukoll man-negozji u mas-soċjetà ċivili billi tiżviluppa gwida, inkluża valutazzjoni bbażata fuq ċerti kriterji, biex turi l-kredibbiltà u s-solidità ta' standards u skemi differenti li għandhom l-għan li jidentifikaw u jippromwovu prodotti bażiċi mingħajr deforestazzjoni;

26. Jisħaq li t-tibdil fil-klima, id-deforestazzjoni, il-qerda tal-ħabitats u t-telf tal-bijodiversità qed jaggravaw konsiderevolment ir-riskju ta' trażmissjoni ta' mard żoonotiku mill-annimali għall-bnedmin, kif kien il-każ tal-COVID-19;

27. Jemmen li s-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-impronti tal-konsum tħeġġeġ bidla fl-imġiba u fl-għażla ta' prodotti sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.7.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 2<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, Dominique Bilde, Udo Bullmann, Catherine Chabaud, Antoni Comín i Oliveres, Ryszard Czarnecki, Gianna Gancia, Charles Goerens, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Pierfrancesco Majorino, Erik Marquardt, Janina Ochojska, Jan-Christoph Oetjen, Michèle Rivasi, Christian Sagartz, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo, Chrysoula Zacharopoulou, Bernhard Zimniok |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Maria Noichl, Patrizia Toia |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 22 | + |
|---|---|
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Janina Ochojska, Christian Sagartz, Tomas Tobé |
| S&D | Udo Bullmann, Mónica Silvana González, Pierfrancesco Majorino, Maria Noichl, Patrizia Toia |
| RENEW | Catherine Chabaud, Charles Goerens, Jan-Christoph Oetjen, Chrysoula Zacharopoulou |
| ID | Dominique Bilde |
| Ħodor/AĦE | Pierrette Herzberger-Fofana, Erik Marquardt, Michèle Rivasi |
| GUE/NGL | Miguel Urbán Crespo |
| NI | Antoni Comín i Oliveres |

| 2 | - |
|---|---|
| ID | Gianna Gancia, Bernhard Zimniok |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ECR | Ryszard Czarnecki |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

3.6.2020

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha
(2020/2006(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Mauri Pekkarinen

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli:

– biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi d-deforestazzjoni globali tista' tiġi indirizzata bl-għarfien tal-valur tal-foresti, billi jiġi indirizzat l-impatt tax-xejriet tagħna ta' konsum, jiġi żgurat il-valur ekonomiku tal-foresti u billi jiġu żgurati d-drittijiet tas-sjieda tal-art; billi, fl-istess waqt, huwa kruċjali li l-foresti primarji jitħarsu u li jiġi stimulat ir-restawr tal-foresti sekondarji;

B. billi l-foresti b'saħħithom u mmaniġġjati u użati b'mod sostenibbli huma essenzjali biex jikkontribwixxu għall-impenji globali u għall-objettivi tal-politiki tal-Unjoni;

C. billi l-benefiċċji li l-foresti joffru mil-lat ta' klima u s-servizzi l-oħra tagħhom għall-ġid tal-ekosistemi u s-settur ibbażat fuq il-foresti se jkunu kruċjali biex jitwettqu bis-sħiħ l-impenji internazzjonali tal-Unjoni bħalma huma l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (UN SDGs), u dawk fil-qafas tal-Protokoll ta' Kjoto, il-Ftehim ta' Pariġi u strumenti internazzjonali oħra;

D. billi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-prevenzjoni tad-deforestazzjoni u għandha impatt pożittiv fuq is-saħħa u d-diversità tal-foresti;

E. billi t-tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC) jista' jseħħ meta l-art li qabel kienet iddedikata għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf tiġi kkonvertita biex tipproduċi bijofjuwils, bijolikwidi u fjuwils mill-bijomassa, li jistgħu jwasslu għall-estensjoni tal-art agrikola f'żoni b'ħażna kbira ta' karbonju, u b'hekk jikkontribwixxu għad-deforestazzjoni globali;

F. billi d-deforestazzjoni u l-konverżjoni tal-ekosistemi f'ċerti partijiet tad-dinja jista'

jkollhom rabta mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fir-rigward tad-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali;

G. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[1] il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni tippreżenta, mingħajr dewmien, proposta għal qafas ġuridiku Ewropew ibbażat fuq id-diliġenza dovuta biex jiġu żgurati katini tal-provvista sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni għall-prodotti li jiġu introdotti fis-suq tal-UE;

H. billi l-materja prima li ġejja mill-injam u l-prodotti tal-injam għandhom joriġinaw biss minn foresti li jinħasdu legalment skont il-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti li huma żviluppati skont proċessi forestali internazzjonali bħalma huma l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU (b'mod partikolari l-UN SDG 15) u Forest Europe, li jinkludu objettivi ambjentali, soċjali kif ukoll ekonomiċi;

I. billi hemm il-ħtieġa li ninkoraġġixxu l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam (EUTR)[2] sabiex nipprevjenu milli jidħol fis-suq intern injam li jkun inkiseb b'mod illegali;

1. Jenfasizza r-rwol multifunzjonali tal-foresti fis-soċjetà u l-varjetà wiesgħa ta' servizzi tal-ekosistema li jipprovdu, inklużi dawk relatati mal-provvista tal-materja prima, l-enerġija rinnovabbli, il-provvista tal-ossiġnu, is-sekwestru tas-$CO_2$, il-kwalità tal-arja, il-ħżin u l-filtrazzjoni tal-ilma, u l-kontroll tal-erożjoni;

2. Jinnota li peress li l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti tippermetti li l-valur tal-forestrija jiġi sfruttat fuq tul ta' żmien, l-inċentiv ekonomiku fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti jippermetti li l-assi tal-foresti tal-anqas jirduppjaw, peress li l-ħsad isir b'rata aktar baxxa mit-tkabbir, u għalhekk il-volum tal-foresti jkompli jiżdied;

3. Ifakkar li l-Unjoni tindirizza r-riskju tad-deforestazzjoni permezz tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam1 (EUTR), il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2003 bit-titolu "Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) – Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE", il-ftehimiet ta' Sħubija Volontarja li jippromwovu proċessi bil-parteċipazzjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati fil-pajjiżi produtturi, u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II)[3], li jinkludu bosta regoli u li jistgħu jservu biex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju tad-deforestazzjoni u l-qtugħ illegali tas-siġar; jinnota li r-RED II testendi l-obbligu li jiġu ssodisfati l-kriterji ta' sostenibbiltà tal-Unjoni mill-bijofjuwils sal-użijiet finali kollha tal-bijoenerġija, inklużi t-tisħin/it-tkessiħ u l-elettriku, madankollu, peress li din tkopri biss il-materja prima użata għall-produzzjoni tal-bijoenerġija, din bħalissa ma tistax tiżgura li l-użu mhux għal skop ta' enerġija ta' komoditajiet marbuta mad-deforestazzjoni jew mal-konverżjoni tal-ekosistemi bħala bijofjuwil ma jkunx permess;

[1] Testi adottati, P9_TA(2020)005.
[2] Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23).
[3] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

4. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp ta' bijoekonomija sostenibbli li tagħti valur ekonomiku għoli lill-prodotti li jiġu prodotti b'mod sostenibbli;

5. Ifakkar li r-RED II tillimita l-kontribut għall-ilħuq tal-mira tal-Unjoni dwar l-enerġija rinnovabbli tal-għelejjel tal-ikel u tal-għalf meqjusa li għandhom riskju għoli ta' ILUC, u li fir-rigward tagħhom tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni ta' materja prima tagħhom għal ġo art b'ħażna kbira ta' karbonju; jinnota li l-kontribut ta' dawn il-bijofjuwils b'riskju għoli ta' ILUC se jitnaqqas għal 0 % sal-2030; iqis dik id-dispożizzjoni bħala ta' importanza vitali peress li tillimita l-impatt negattivi u mhux intenzjonati tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija rinnovabbli fuq id-deforestazzjoni globali;

6. Jinnota li f'ċerti ċirkostanzi, l-impatti tal-ILUC tal-bijofjuwils li ġeneralment huma meqjusa li għandhom riskju għoli ta' ILUC jistgħu jiġu evitati; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni, kif mogħtija s-setgħa mill-koleġiżlaturi skont ir-RED II, ħarġet kriterji li jippermettu l-identifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijofjuwils, bijolikwidi u fjuwils mill-bijomassa b'riskju baxx ta' ILUC; jinnota li tali bijofjuwils iċċertifikati huma esklużi mil-limiti u l-mira ta' tnaqqis gradwali stabbiliti għall-bijofjuwils b'riskju għoli ta' ILUC;

7. Jenfasizza l-ħtieġa b'mod partikolari ta' monitoraġġ indipendenti tal-produzzjoni u l-kummerċ tal-komoditajiet assoċjati mad-deforestazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet permezz tal-programm Orizzont Ewropa u tappoġġa l-monitoraġġ indipendenti fil-pajjiżi produtturi, kif ukoll l-iskambju fosthom tal-aħjar prattiki u tal-lezzjonijiet mitgħallma, sabiex jittejbu l-metodoloġiji użati u l-granularità tal-informazzjoni;

8. Jissottolinja r-rwol essenzjali tar-riċerka u l-innovazzjoni fit-trawwim tal-kontribut tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tas-settur ibbażat fuq il-foresti biex niffaċċjaw l-isfidi tad-deforestazzjoni u nindirizzaw it-tibdil fil-klima;

9. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni u ta' forza tax-xogħol tas-sengħa u mħarrġa tajjeb għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti fil-prattika; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri u jużaw is-sħubijiet eżistenti biex jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam;

10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu r-rabtiet bejn is-settur ibbażat fuq il-foresti u setturi oħra u l-importanza tad-diġitalizzazzjoni u tal-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex tiġi monitorjata d-deforestazzoni;

11. Jenfasizza l-kontribut tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-attivisti ambjentali, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija, kif ukoll tal-informaturi, għall-ġlieda kontra l-ħsad illegali tal-injam li jirriżulta fid-deforestazzjoni, fit-telf tal-bijodiversità u fiż-żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;

12. Jenfasizza r-rwol pożittiv tal-industriji tal-Unjoni bbażati fuq il-foresti fl-avvanz tal-istandards globali għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; jemmen li l-industriji tal-Unjoni, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-mikrointrapriżi fis-settur tal-foresti għandu jkollhom rwol ewlieni fid-djalogu mal-pajjiżi sħab dwar kif tista' tiġi promossa aktar is-sostenibbiltà fil-katina tal-valur kollha kemm hi; jinnota, madankollu, li madwar 80 % tad-deforestazzjoni globali hija kkawżata mill-agrikoltura u għalhekk

jemmen li l-istandards u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jimmiraw għal dak is-settur b'mod preċiż;

13. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-istandards u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni li diġà jeżistu minflok ma jiġu inkorporati standards u skemi ta' ċertifikazzjoni ġodda; jinnota, barra minn hekk, li dawk l-istandards u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jridu jikkonformaw mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

14. Jenfasizza kemm huwa importanti li d-deċiżjonijiet jittieħdu abbażi tal-evidenza fir-rigward tal-politiki relatati mal-foresti, tas-settur ibbażat fuq il-foresti u tal-katina tal-valur tiegħu; jirrikonoxxi li l-ġestjoni sostenibbli u attiva tal-foresti hija mod effettiv kif jiġi evitat li jkun hemm ħsara fil-foresti, deforestazzjoni u biex tiġi ppreservata l-bijodiversità;

15. Jenfasizza li għandhom jiġu żviluppati inizjattivi biex jiġu indirizzati b'mod determinat kwistjonijiet barra mill-Unjoni, b'enfasi fuq iż-żoni tropiċi u fuq dawk il-kawżi li jinsabu barra mis-settur tal-foresti li għandhom impatt fuq prattiki mhux sostenibbli fil-foresti, li jwasslu għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-foresti;

16. Jinnota l-importanza li jiġi żgurat li d-deforestazzjoni tiġi inkluża fid-djalogi politiċi fil-livell tal-pajjiżi u li l-pajjiżi sħab jiġu megħjuna jiżviluppaw u jimplimentaw oqfsa nazzjonali għall-forestrija u l-forestrija sostenibbli; jenfasizza li dawk l-oqfsa nazzjonali jridu jirriflettu l-ħtiġijiet domestiċi kif ukoll l-impenji globali; jenfasizza l-ħtieġa tal-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi li jinċentivizzaw lill-bdiewa żgħar biex jżommu u jtejbu l-ekosistema u l-prodotti pprovduti mill-forestrija u l-agrikoltura sostenibbli;

17. Jenfasizza l-ħtieġa essenzjali li jittejbu l-mekkaniżmi li jgħinu biex jiġu identifikati s-sors jew l-oriġini tal-materjal tal-injam li jitqiegħed fis-suq intern;

18. Jirrimarka li l-miżuri u l-iskemi volontarji waħedhom mhux se jkunu jistgħu jwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti; iqis li l-leġiżlazzjoni dwar id-diliġenza dovuta f'dan ir-rigward hija għodda possibbli, li tipprevedi li komoditajiet li huma ta' riskju għall-foresti li jitqiegħdu fis-suq intern ikollhom ktajjen tal-provvista li ma joriġinawx mid-deforestazzjoni u minn attivitajiet oħra li jiksru d-drittijiet ambjentali u tal-bniedem tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali, inklużi n-nisa, jew jikkawżaw degradazzjoni forestali u konverżjoni jew degradazzjoni ta' ekosistemi naturali, f'konformità mal-istandards u l-obbligi internazzjonali; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal qafas legali tal-Unjoni f'dak ir-rigward, abbażi ta' diliġenza dovuta u abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt li tiffoka b'mod partikolari fuq l-SMEs; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-qafas legali l-ġdid joħloq opportunitajiet għall-SMEs u ma jwassalx għal piż amministrattiv eċċessiv;

– biex jinkorpora r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin fl-anness tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

19. Jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-użu msaħħaħ tas-sistema satellitari Copernicus għall-monitoraġġ tal-foresti u għall-prevenzjoni tan-nirien tal-foresti u tal-ħsarat fil-foresti, inkluż il-monitoraġġ u l-identifikazzjoni tal-kawżi tan-nirien u tal-ħsara fil-foresti, id-deforestazzjoni u l-konverżjoni tal-ekosistemi, li tiffaċilita l-aċċess għall-awtoritajiet rilevanti f'kull Stat Membru; u tiżgura sors dirett ta' data miftuħa għall-SMEs jew għan-

negozji l-ġodda;

20. Jistieden wkoll lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' twissija bikrija biex il-konsumaturi, l-awtoritajiet pubbliċi u l-kumpaniji jiġu nnotifikati dwar l-akkwist ta' komoditajiet minn żoni fir-riskju tad-deforestazzjoni.

21. Jitlob lill-Kummissjoni żżid il-kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha, kemm fis-setturi pubbliċi kif ukoll f'dawk privati, bil-ħsieb li jiġi żgurat li huma jkunu impenjati favur il-prinċipju tal-ġestjoni responsabbli tal-foresti, prattiki ta' għażla tal-provenjenza responsabbli u produzzjoni sostenibbli.

22. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha, b'mod konġunt mal-Istati Membri, biex issaħħaħ l-istandards u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni li jgħinu fl-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' komoditajiet li ma jinvolvux deforestazzjoni;

23. Jistieden lill-Kummissjoni żżid it-trasparenza tal-katini tal-provvista, tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju tad-deforestazzjoni għall-industrija u għall-konsumaturi, u tagħmilha possibbli li l-industrija u l-konsumaturi jagħtu sehemhom fil-ħolqien ta' katini ta' provvista mingħajr deforestazzjoni;

24. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-FLEGT, b'enfasi fuq Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) bħala ftehimiet kummerċjali bilaterali kruċjali ma' pajjiżi terzi, u tinkorporah fl-Istrateġija Ewropea l-ġdida dwar il-Foresti biex tinkoraġġixxi lill-pajjiżi terzi jabbandunaw il-politiki tad-deforestazzjoni;

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
# FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.5.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 48<br>–: 18<br>0: 12 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Nicola Beer, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Michael Bloss, Manuel Bompard, Paolo Borchia, Marc Botenga, Markus Buchheit, Klaus Buchner, Martin Buschmann, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Carlo Calenda, Andrea Caroppo, Maria da Graça Carvalho, Ignazio Corrao, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Pilar del Castillo Vera, Martina Dlabajová, Christian Ehler, Valter Flego, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Claudia Gamon, Jens Geier, Nicolás González Casares, Bart Groothuis, Christophe Grudler, András Gyürk, Henrike Hahn, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Eva Kaili, Seán Kelly, Izabela-Helena Kloc, Łukasz Kohut, Zdzisław Krasnodębski, Andrius Kubilius, Miapetra Kumpula-Natri, Thierry Mariani, Marisa Matias, Eva Maydell, Georg Mayer, Joëlle Mélin, Iskra Mihaylova, Dan Nica, Angelika Niebler, Ville Niinistö, Aldo Patriciello, Mauri Pekkarinen, Mikuláš Peksa, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Markus Pieper, Clara Ponsatí Obiols, Sira Rego, Jérôme Rivière, Robert Roos, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Jessica Stegrud, Beata Szydło, Grzegorz Tobiszowski, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Marie Toussaint, Isabella Tovaglieri, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Jutta Paulus, Edina Tóth |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 48 | + |
|---|---|
| PPE | François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria Da Graça Carvalho, Pilar Del Castillo Vera, Christian Ehler, András Gyürk, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Eva Maydell, Angelika Niebler, Aldo Patriciello, Markus Pieper, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Edina Tóth, Henna Virkkunen, Pernille Weiss |
| Renew | Nicola Beer, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Valter Flego, Claudia Gamon, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Iskra Mihaylova, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen |
| S&D | Carlo Calenda, Josianne Cutajar, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Romana Jerković, Eva Kaili, Łukasz Kohut, Miapetra Kumpula-Natri, Dan Nica, Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho |

| 18 | - |
|---|---|
| ECR | Robert Roos |
| GUE/NGL | Manuel Bompard, Marc Botenga, Marisa Matias, Sira Rego |
| ID | Thierry Mariani, Joëlle Mélin, Jérôme Rivière |
| NI | Martin Buschmann, Ignazio Corrao |
| Verts/ALE | François Alfonsi, Michael Bloss, Klaus Buchner, Henrike Hahn, Ville Niinistö, Jutta Paulus, Mikuláš Peksa, Marie Toussaint |

| 12 | 0 |
|---|---|
| ECR | Izabela-Helena Kloc, Zdzisław Krasnodębski, Jessica Stegrud, Beata Szydło, Grzegorz Tobiszowski, Evžen Tošenovský |
| ID | Paolo Borchia, Markus Buchheit, Andrea Caroppo, Georg Mayer, Isabella Tovaglieri |
| NI | Clara Ponsatí Obiols |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

24.9.2020

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha
(2020/2006(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Martin Häusling

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li s-settur tal-forestrija jimpjega mill-inqas nofs miljun persuna direttament[1] fl-Unjoni, u 13-il miljun ruħ fid-dinja kollha[2], u li dawn l-impjiegi jinsabu b'mod speċjali fiż-żoni rurali;

2. Jinnota li t-tibdil fil-klima u n-nirien qed ipoġġu pressjoni kbira fuq il-foresti mad-dinja kollha; jirrimarka li minbarra li huma ħabitats vitali għal għadd kbir, li madankollu qed jonqos b'rata mgħaġġla, ta' speċijiet ta' annimali u pjanti madwar id-dinja, il-foresti huma ħażniet u bjar tal-karbonju maġġuri; jinnota li l-foresti jipproteġu l-ħamrija, jirregolaw iċ-ċikli idroloġiċi u fl-ambitu ta' prattiki xierqa tal-estrazzjoni u tal-ġestjoni, jistgħu jkunu sors sostenibbli ta' injam; jenfasizza għalhekk li l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti hija kruċjali biex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u għalhekk jiswa li tiġi promossa f'pajjiżi terzi;

3. Jinnota li bejn l-1990 u l-2015, iż-żona forestali dinjija ċkienet b'129 miljun ettaru, prinċipalment minħabba l-produzzjoni agrikola, li terz minnha hija esportata; jenfasizza li s-sojja, iż-żejt tal-palm u l-kawkaw jirrappreżentaw 80 % tal-importazzjonijiet tal-Unjoni minn żoni deforestati; jirrimarka li minkejja s-sitwazzjoni dinjija ta' tiċkin tal-kopertura tal-foresti, iż-żona tal-Unjoni koperta b'foresti, pjantaġġuni u boskijiet qed tikber, u tkopri aktar minn 40 % tat-territorju tagħha;

4. Jiddispjaċih li d-deforestazzjoni inkorporata tal-Unjoni tikkostitwixxi 10 %[3] tad-

[1] *Bażi tad-data tal-Eurostat dwar il-forestrija* https://ec.europa.eu/eurostat/web/forestry/data/database
[2] http://www.fao.org/rural-employment/agricultural-sub-sectors/forestry/en

deforestazzjoni dinjija, b'mod partikolari minħabba d-dipendenza tagħha fuq iż-żejt tal-palm importat għall-bijofjuwil u l-ikel, is-sojja għall-għalf tal-annimali, il-laħam, il-kawkaw, il-qamħirrum, l-injam eċċ.;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fil-proposti leġiżlattivi tagħha, definizzjonijiet għal "deforestazzjoni żero" u "degradazzjoni tal-ekosistemi", li għandhom jiffokaw primarjament fuq il-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, inklużi prodotti bażiċi bħaż-żejt tal-palm, is-sojja, il-laħam, il-qamħirrum, il-gomma, il-kawkaw, kif ukoll l-injam użat għall-karti u għall-fjuwil; jenfasizza li meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-ksur relatat tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali;

6. Jinnota wkoll li l-modifika u l-qerda tal-ħabitats, li qed jolqtu żoni forestali naturali, għandhom konsegwenzi serji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali b'mod global, kif ukoll impatti fuq il-bijodiversità, b'mod partikolari ż-żieda fl-inċidenza ta' żoonożi (li kkawżaw 50 pandemija fl-aħħar 30 sena), li l-aktar reċenti minnhom hija l-pandemija tal-COVID-19;

7. Jinnota li fil-livell tal-Unjoni, il-politiki ta' xi Stati Membri jirriflettu qafas dwar il-foresti u dwar il-ġestjoni tal-foresti li jista' jkun frammentat u disassoċjat, u għalhekk jeħtieġu koordinazzjoni akbar u aħjar sabiex tiġi mħeġġa s-sostenibbiltà;

8. Jilqa' wkoll l-azzjoni kkoordinata tal-Unjoni kontra d-deforestazzjoni globali, il-ħsara magħmula lill-foresti u l-isfruttament eċċessiv tagħhom, u jistieden lill-Unjoni timplimenta dispożizzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tal-foresti u tar-riżorsi naturali fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), kif ukoll il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD);

9. Jistieden lill-Unjoni tieħu rwol internazzjonali sod u mexxej fil-protezzjoni tal-foresti u fil-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-produzzjoni b'bażi bijoloġika; jirrikonoxxi li dan huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijoekonomija, li wkoll tirrikjedi li titwaqqaf id-deforestazzjoni, apparti li jkun konsistenti mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità;

10. Jitlob li jkun hemm governanza mtejba u istituzzjonijiet sodi biex jiġu żgurati l-protezzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, billi jiġu żviluppati mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u sanzjonijiet, inkluż kontra l-korruzzjoni u l-qtugħ illegali tas-siġar;

11. Jilqa' għalhekk l-azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-bijodiversità u l-klima relatata mal-foresti, li huma bjar tal-karbonju u repożitorji tal-bijodiversità kruċjali fil-livell dinji; jistieden lill-Kummissjoni twttaq għalkollox l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, l-objettivi globali dwar il-klima u l-bijodiversità u l-SDGs, u tirregola l-importazzjonijiet tal-Unjoni ta' prodotti b'riskju kbir ta' deforestazzjoni li joriġinaw mid-deforestazzjoni u żoni deforestati inklużi prodotti bażiċi agrikoli, u b'hekk tippromwovi l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-ikel;

12. Jitlob li tiġi adottata liġi vinkolanti tal-Unjoni li, filwaqt li turi sensittività għall-istrutturi soċjoekonomiċi, tiżgura li l-ktajjen tal-provvista kollha tal-prodotti importati

[3] https://ec.europa.eu/environment/forests/pdf/1.%20Report%20analysis%20of%20impact.pdf

fl-Unjoni, u fornuti fiha, ma jinvolvux deforestazzjoni, degradazzjoni jew konverżjoni tal-ekosistemi jew ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali li jiddependu fuq il-foresti għall-għajxien tagħhom, fost l-oħrajn in-nisa u d-difensuri tal-ambjent u tad-drittijiet tal-bniedem;

13. Jitlob li jiġi stabbilit objettiv tal-Unjoni ta' deforestazzjoni żero u ta' deforestazzjoni inkorporata sa mhux aktar tard mill-2030 fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jitlob li l-prodotti kollha li ġejjin mid-deforestazzjoni jiġu pprojbiti milli jidħlu fl-Unjoni għall-bejgħ fis-suq intern;

14. Jappella, għalhekk, għal leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tqiegħed obbligu ta' diliġenza dovuta fuq l-operaturi kollha, inklużi l-finanzjaturi, li jqiegħdu prodotti bażiċi jew derivattivi ta' riskju għall-foresti u għall-ekosistemi fis-suq tal-Unjoni, bl-għan li jiġu protetti l-popli indiġeni u d-drittijiet konswetudinarji ta' pussess ta' proprjetà tal-komunità;

15. Jenfasizza li tali liġi tal-Unjoni dwar l-obbligi ta' diliġenza dovuta għandha tkun ibbażata fuq reġim ta' infurzar robust u effettiv, b'penali proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità fejn xieraq u applikabbli;

16. Jenfasizza li ħafna min-negozji tal-Unjoni fil-katina tal-provvista huma SMEs, u għaldaqstant jitlob implimentazzjoni effettiva favorevoli għall-SMEs li tillimita l-piż amministrattiv tagħhom għal minimu inevitabbli; iqis li għandha tiġi stabbilita sistema ta' twissija bikrija għan-negozji biex twissi lin-negozji kull meta jimportaw minn reġjuni fejn jaf tkun qed issir deforestazzjoni;

17. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-gvernijiet, l-impriżi, il-produtturi u s-soċjetà ċivili biex jiġu adottati politiki u jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ta' qafas biex jiġu appoġġati proġetti tas-settur privat;

18. Jitlob appoġġ reċiproku fil-każ ta' avvenimenti avversi permezz ta' riċerka u skambji sabiex jinstabu miżuri adattati għall-kundizzjonijiet ġeografiċi li jistgħu jipproteġu kontra nirien fuq skala kbira jew jipprevjenu l-infestazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara;

19. Jenfasizza li l-afforestazzjoni tista' tagħti kontribut importanti biex issolvi l-problemi kkawżati mid-deforestazzjoni, għalkemm tista' tikkumpensahom biss b'mod parzjali; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li primarjament jiġu protetti l-foresti primarji globalment, peress li l-afforestazzjoni jew il-foresti li jkun għadhom kif tħawlu ma jistgħux jissostitwixxu jew jipprovdu l-istess livell ta' bijodiversità, assorbiment tal-karbonju, protezzjoni tal-ħamrija u servizzi u funzjonijiet oħra tal-ekosistema li jipprovdu l-foresti primarji;

20. Għalhekk, jinkoraġġixxi bil-qawwa attivitajiet u proġetti ta' tħawwil u tħawwil mill-ġdid ta' siġar u foresti, speċjalment bl-użu ta' speċijiet indiġeni u li ma jagħmlux ħsara lill-organiżmi selvaġġi b'kunsiderazzjoni għat-tibdil fil-klima, speċjalment fejn il-foresta primarja tkun inqerdet; jinnota li afforestazzjoni effettiva, sostenibbli u ġestita kif jixraq, flimkien mal-protezzjoni u r-restawr tal-foresti, jistgħu jgħinu biex jiżdied is-sekwestru tal-karbonju, jikkomplementaw il-biedja u jagħtu spinta lill-bijodiversità, filwaqt li l-ġestjoni sostenibbli tagħhom tista' tnaqqas ir-riskju u l-firxa tan-nirien fil-foresti; jisħaq ukoll fuq ir-rwol importanti tal-foresti riparji fl-istabbilizzazzjoni tax-xtut tax-xmajjar biex jitnaqqas ir-riskju tal-għargħar, tittejjeb il-kwalità tal-ilma billi jiġi

ffiltrat l-iskol mill-art tal-maġenb, u jiġu rregolati t-temperaturi tal-ilma, għall-benefiċċju tal-bijodiversità;

21. Jilqa' miżuri għall-adattament tal-pjantaġġuni għat-tibdil fil-klima; jilqa' l-fatt li f'ħafna pajjiżi diġà hija rrakkomandata u prattikata żieda fl-għadd ta' speċijiet ta' siġar indiġeni reżiljenti f'foresti b'saħħithom u bijoloġikament diversi;

22. Jenfasizza r-rwol tal-agroforestrija fejn is-siġar jitkabbru fl-istess roqgħa art li tintuża għall-agrikoltura, prattika li tagħti spinta lill-produttività ġenerali, tiġġenera aktar bijomassa, tmantni u tirristawra l-ħamrija, u tipprovdi servizzi ekosistemiċi oħra ta' valur; jindika li l-foresti u l-agroforestrija għandhom rwol importanti fis-sigurtà tal-ikel fuq livell dinji u huma sors importanti ta' introjtu għal ħafna komunitajiet u azjendi agrikoli żgħar; jenfasizza li l-miżuri ta' konservazzjoni tal-foresti u ta' riafforestazzjoni jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien fiż-żoni rurali;

23. Jenfasizza l-importanza tat-taħriġ, fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, il-pjantaġġuni u l-agroforestrija, inkluża l-kopertura kontinwa tal-veġetazzjoni; iqis li dawn huma fattur essenzjali fl-iżgurar tal-bijodiversità u tal-introjtu għall-komunitajiet forestali u għall-bdiewa li jipprattikaw l-agroforestrija;

24. Jinnota li għalkemm l-iskemi volontarji huma strument utli fl-isforz biex titwaqqaf id-deforestazzjoni dinjija barra l-Unjoni li jista' jkollhom impatt kbir biex jistimulaw l-opinjoni pubblika kontra l-konsum ta' prodotti u servizzi li jikkontribwixxu għad-deforestazzjoni, il-miżuri volontarji waħedhom s'issa għadhom ma waqqfux id-deforestazzjoni jew il-kontribut tal-Unjoni għad-deforestazzjoni inkorporata dinjija kkawżata mill-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti u servizzi b'riskju ta' deforestazzjoni; jemmen li leġiżlazzjoni vinkolanti għandha tiġi kkombinata ma' inizjattivi mhux leġiżlattivi, bħall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, sabiex tiġi miġġielda d-deforestazzjoni dinjija;

25. Jappella, għaldaqstant, li tiġi stabbilita sistema ta' tikkettar u ċertifikazzjoni "ħielsa mid-deforestazzjoni" li żżid it-trasparenza tal-katina tal-provvista fl-Unjoni u tippermetti l-promozzjoni ta' prodotti li ma jirriżultawx mid-deforestazzjoni, li tibni fuq approċċi eżistenti u tkun imsejsa fuq definizzjoni mhux ambigwa ta' ktajjen tal-provvista ħielsa mid-deforestazzjoni;

26. Jistieden lill-Unjoni tippromwovi ktajjen tal-provvista ħielsa mid-deforestazzjoni u valur miżjud imtejjeb, filwaqt li tqis kif xieraq id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet tad-dominju ta' art kif ukoll is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu ġust;

27. Jinnota r-responsabbiltajiet governattivi fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u l-konverżjoni tal-ekosistemi, li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod adegwat mill-partijiet ikkonċernati esterni biss; għalhekk, jenfasizza l-importanza ta' sħubija inklużiva tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ma' pajjiżi terzi, biex tissaħħaħ il-ġestjoni sostenibbli tal-art, l-agrikoltura sostenibbli u l-governanza tajba, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tad-dominju tal-art u tal-foresti;

28. Jitlob tisħiħ tal-kooperazzjoni mad-dinja kollha għall-kondiviżjoni aħjar tal-għarfien u tal-esperjenzi fit-titjib tas-sostenibbiltà fil-ġestjoni tal-foresti multifunzjonali;

29. Jemmen li l-istabbiliment ta' pjattaforma għal djalogu bejn id-diversi partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u dwar żieda sostenibbli fil-kopertura forestali dinjija huwa komplement importanti għal qafas legali dwar id-diliġenza dovuta, u jista' jgħin lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet; jitlob li l-atturi internazzjonali rilevanti kollha jkunu jistgħu jużaw b'mod attiv dik il-pjattaforma;

30. Jistieden għaldaqstant lill-Unjoni biex tiżviluppa alleanzi internazzjonali ma' pajjiżi terzi għall-protezzjoni tal-foresti, l-insegwiment ta' politiki sodi li jimmiraw lejn deforestazzjoni żero, ippjanar integrat tal-art, trasparenza fid-dominju tal-art u prevenzjoni tal-konverżjoni tal-foresta f'art agrikola; jitlob, għal dan il-għan, li jiġi żgurat finanzjament internazzjonali fil-qafas tal-ftehimiet dinjija dwar il-protezzjoni tal-foresti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-gvernijiet Ewropej u l-atturi internazzjonali;

31. Jappoġġa skambji ta' informazzjoni regolari ma' pajjiżi terzi għall-promozzjoni tal-konsum u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati mill-injam li ġejjin minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli;

32. Iqis li t-traċċabbiltà u t-trasparenza huma essenzjali biex jiġi żgurat li fis-suq intern ikunu jistgħu jinbigħu biss prodotti minn sorsi sostenibbli li jkun magħruf li jkunu ħielsa mid-deforestazzjoni, il-konverżjoni u d-degradazzjoni tal-ekosistemi u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem; iqis li huwa l-ewwel pass komplementari iżda essenzjali li tiġi stabbilita sistema rikonoxxuta b'mod wiesa' ta' ċertifikazzjoni u tikkettar "mingħajr deforestazzjoni" għall-prodotti agrikoli u tal-forestrija importati fl-Unjoni li żżid it-trasparenza tal-katina tal-provvista fl-Unjoni u tirrifletti b'mod partikolari l-impatt fuq l-ambjent li jirriżulta mill-kultivazzjoni, l-ipproċessar u t-trasport tagħhom, u d-drittijiet tal-bniedem; huwa tal-fehma li t-tikkettar obbligatorju tal-estrazzjoni sostenibbli tal-injam jista' jiżgura għażliet infurmati min-naħa tal-konsumaturi u jippromwovi l-konsum ta' prodotti sostenibbli;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa u tiżvela l-impronta tad-deforestazzjoni tas-settur tal-injam u tal-organizzazzjonijiet kummerċjali involuti fl-importazzjoni ta' prodotti bażiċi minn żoni f'riskju ta' deforestazzjoni, bil-ħsieb li jinħolqu aktar trasparenza u fehim tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali, u tiġi stimulata l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli għall-użu tal-injam;

34. Jitlob li l-obbligi ta' diliġenza dovuta fuq il-fornituri prospettivi jiġu integrati fir-regoli tal-akkwist pubbliku, flimkien ma' projbizzjoni fuq ix-xiri ta' prodotti importati derivati mid-deforestazzjoni; jinnota l-benefiċċji addizzjonali ta' tali sistema ta' verifika biex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u l-prattiki tal-kartelli, filwaqt li toħloq sfida għall-operazzjonijiet loġistiċi msejsa fuq il-qtugħ illegali tas-siġar;

35. Jirrimarka li, sabiex jiġi evitat id-dumping tal-prezzijiet u jiġi żgurat l-użu sostenibbli tal-injam, biex tiġi prevenuta l-proliferazzjoni ta' ftehimiet bilaterali bbażati fuq id-dumping tal-prezzijiet tal-injam, u biex jiġi evitat li jsir qtugħ addizzjonali tas-siġar, għandhom jiġu kkunsidrati rimedji inkluż l-istabbiliment ta' sistema komuni ta' rkant tal-injam, biex ikun possibbli li jiġi traċċat il-post mnejn joriġina l-injam u biex it-tħassib dwar il-klima, il-bijodiversità u d-drittijiet tal-bniedem jitqiesu fil-prezz;

36. Iqis li sabiex tiġi minimizzata l-marka tal-karbonju li joħloq it-trasport tal-

importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u biex jiġu stimulati l-produzzjoni u l-impjiegi sostenibbli lokali, l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi l-użu ta' injam, prodotti tal-injam maħsud jew bijomassa forestali sostenibbli u ta' oriġini lokali;

37. Jitlob li jiġu żviluppati kunċetti għal futur sostenibbli għall-foresti madwar id-dinja li jirrikonċiljaw kemm l-interessi ekonomiċi kif ukoll dawk ambjentali, peress li l-foresti huma riżorsa importanti għal ħafna pajjiżi u li dawn tal-aħħar mhumiex lesti li jċedu din ir-riżorsa b'mod volontarju;

38. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' dieti sostenibbli, billi tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-impatti tal-mudelli tal-konsum u tingħata informazzjoni dwar id-dieti li huma aktar ta' ġid għal saħħet il-bniedem u li jħallu impronta ambjentali aktar baxxa;

39. Ifakkar li l-importazzjoni fl-Unjoni ta' kwantitajiet kbar ta' prodotti agrikoli derivati mid-deforestazzjoni m'għandhiex tkun f'kunflitt mal-impenji tal-Unjoni għal deforestazzjoni żero u għad-drittijiet tal-bniedem; iqis li l-konformità mar-regoli tal-Unjoni, flimkien ma' klawżoli ta' salvagwardja f'każ ta' nuqqas ta' konformità, għandhom ikunu prekundizzjoni neċessarja għan-negozjati kummerċjali kollha tal-Unjoni; jitlob li jiġu inklużi dispożizzjonijiet ambjentali u soċjali vinkolanti u infurzabbli relatati mad-deforestazzjoni fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles kollha, flimkien ma' standards tas-sikurezza tal-ikel u tal-benesseri tal-annimali, sabiex jiġu protetti l-foresti globali, l-ekosistemi naturali u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet ta' dominju tal-art tal-komunitajiet; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja mill-qrib u tinforza l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles fis-seħħ bħalissa skont dawk l-istandards;

40. Jistieden lill-Kummissjoni taġixxi fuq il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u tipproponi miżuri biex tindirizza l-impatti detrimentali fejn identifikati, biex taġġorna l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles eżistenti; jitlob li s-sħab kummerċjali jkunu soġġetti għal dispożizzjonijiet u inċentivi vinkolanti u infurzabbli li jiżguraw li ma jiġux importati prodotti derivati minn deforestazzjoni jew ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jiddispjaċih ħafna li tali dispożizzjonijiet ma ġewx inklużi għalkollox fil-proċess tal-ftehim bejn l-UE u l-Mercosur u jitlob li l-ftehimiet kummerċjali eżistenti u n-negozjati li għaddejjin bħalissa jiġu aġġornati biex jinkluduhom b'mod komprensiv;

41. Jappella sussegwentement għal negozjati addizzjonali jew imġedda ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles fejn tali dispożizzjonijiet mhumiex diġà inklużi, f'koerenza mal-impenji tal-Unjoni fir-rigward tal-klima, il-bijodiversità, id-deforestazzjoni żero u d-drittijiet tal-bniedem;

42. Jenfasizza li, fil-futur, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod sistematiku l-impatt tal-ftehimiet kummerċjali fuq il-foresti fl-istudji tal-impatt tagħha, u tikkunsidra r-riżultati tal-evalwazzjonijiet ex ante fid-definizzjoni tat-termini u l-mandati għan-negozjati kummerċjali; iqis li r-rispett tal-Ftehim ta' Pariġi għandu jkun kundizzjoni vinkolanti fil-ftehimiet kummerċjali kollha ma' pajjiżi terzi;

43. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika mekkaniżmi ta' inċentiv għall-bdiewa biex itejbu l-provvista ta' prodotti sostenibbli agrikoli u tal-forestrija, u fl-istess ħin biex iżommu u

jsaħħu l-ekosistemi;

44. Jitlob li l-Unjoni tnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti bażiċi b'riskju għall-foresti u għall-ekosistemi; jinnota li l-prodotti tas-sojja li joriġinaw minn art deforestata u li jintużaw bħala għalf fl-Unjoni huma kontributur sinifikanti għad-deforestazzjoni dinjija u l-emissjonijiet relatati, u jammontaw għal kważi nofs id-deforestazzjoni inkorporata fl-importazzjonijiet kollha tal-Unjoni[4];

45. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, jippromwovu l-proteini ta' pjanti minn sorsi lokali, ragħa bbażat fuq il-mergħat u għalf legali u minn sorsi sostenibbli, jiġifieri billi jimplimentaw u jiżviluppaw il-pjan tal-Unjoni dwar l-proteini, jippermettu l-innovazzjoni u jippromulgaw politika li tippermetti li l-produzzjoni tal-bhejjem tal-Unjoni taqbel mar-riżorsi ta' art disponibbli tal-Unjoni; jirrakkomanda wkoll li l-Unjoni u l-Istati Membri jivvalutaw il-potenzjali tal-produzzjoni domestika u jippjanaw miżuri mmirati biex jissodisfaw b'mod komprensiv il-bżonnijiet tal-konsum tal-Unjoni u jgħinu biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet;

46. Jappoġġa l-eliminazzjoni sal-2030 tal-użu ta' materja prima li tikkontribwixxi għad-deforestazzjoni fil-produzzjoni tal-bijofjuwils; jinnota wkoll l-użu taż-żejt tal-palm f'firxa ta' industriji, inkluż l-ipproċessar tal-ikel; jesprimi t-tħassib tiegħu rigward il-qerq tal-konsumaturi, pereżempju l-użu taż-żejt tal-palm fi prodotti li jissostitwixxu l-ħalib;

47. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni tippromwovi xejriet responsabbli ta' konsum agroalimentari u tal-għalf li jkomplu jnaqqsu d-dipendenza fuq id-deforestazzjoni inkorporata u l-impronta ambjentali tal-Unjoni;

48. Jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġu msaħħa u appoġġati ktajjen tal-provvista iqsar u lokalizzazzjoni tal-produzzjoni tal-prodotti bażiċi u tal-għelejjel li fihom il-proteini, biex tiġi aġevolata s-sovranità tal-ikel kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi sħab tagħha; iħeġġeġ l-inklużjoni ta' dawn l-elementi fil-pjan ta' rkupru mill-COVID-19;

49. Jappoġġa l-promozzjoni ta' għelejjel li jassorbu n-nitroġenu, għelejjel leguminużi u għelejjel li fihom il-proteini skont il-pjanijiet strateġiċi l-ġodda tal-PAK, fost l-oħrajn permezz tan-newba tal-għelejjel, il-kundizzjonalità, l-ekoskemi u l-miżuri agroambjentali, interventi settorjali ġodda u appoġġ akkoppjat sabiex tiżdied l-awtosuffiċjenza tal-Unjoni fir-rigward tal-għelejjel li fihom il-proteini, u, fl-istess ħin, jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-bijodiversità u l-istrateġiji mill-Għalqa sal-Platt; jinnota wkoll li l-introjtu u l-profittabbiltà tal-azjendi agrikoli tal-bhejjem għandhom ikunu magħmula kompatibbli ma' livelli ta' produzzjoni li jistgħu jiġu sostnuti permezz tar-ragħa bbażat fuq il-mergħat jew għelejjel ta' għalf imkabbar lokalment; jappella għal aktar riċerka u promozzjoni ta' sistemi u metodi ta' produzzjoni innovattivi li jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż u l-inputs esterni, pereżempju sistemi ta' ragħa bbażati fuq il-foraġġ bħar-ragħa rotazzjonali, anke jekk il-volumi tal-produzzjoni jafu jkunu aktar baxxi;

50. Jinnota li minn Diċembru 2015, il-Parlament adotta 40 oġġezzjoni għall-importazzjonijiet ta' ikel u għalf ġenetikament modifikat, li minnhom, 11 kienu għall-

[4] http://ec.europa.eu/environment/forests/pdf/1.%20Report%20analysis%20of%20impact.pdf pp. 23-24

importazzjonijiet tas-sojja ġenetikament modifikata; ifakkar li waħda mir-raġunijiet għall-oġġezzjoni għal dawn l-importazzjonijiet kienet id-deforestazzjoni assoċjata mal-kultivazzjoni f'pajjiżi bħall-Brażil u l-Arġentina, fejn is-sojja hija kważi kollha ġenetikament modifikata għall-użu mal-pestiċidi; jinnota li studju xjentifiku riċenti b'valutazzjoni bejn il-pari minn riċerkaturi mill-Unjoni kollha sab li l-Unjoni għandha l-akbar marka tal-karbonju fid-dinja minħabba l-importazzjonijiet tas-sojja mill-Brażil, 13,8 % aktar miċ-Ċina, li hi l-akbar importatur tas-sojja, minħabba sehem akbar ta' emissjonijiet minn deforestazzjoni inkorporata;[5] jinnota wkoll li, skont il-Kummissjoni, is-sojja storikament kienet il-kontributur ewlieni tal-Unjoni għad-deforestazzjoni globali u l-emissjonijiet relatati, li tirrappreżenta kważi nofs id-deforestazzjoni inkorporata fl-importazzjonijiet kollha tal-Unjoni;[6]

51. Jappella għal qafas ta' politika koerenti, li jinkludi l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità, ippubblikati reċentement, tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija, u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima", ibbażat fuq sistemi eżistenti, bħall-Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT); jitlob għalhekk li tiġi garantita l-parteċipazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet milquta fl-FLEGT, fost l-oħrajn popli indiġeni u komunitajiet lokali, u b'mod partikolari n-nisa u d-difensuri ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem;

52. Jitlob l-implimentazzjoni u t-titjib tal-leġiżlazzjoni dwar il-foresti u regolamenti dwar l-esportazzjoni tal-injam u tal-prodotti tal-injam, pereżempju bi kriterji infurzabbli tas-sostenibbiltà;

53. Jitlob approċċ aktar olistiku, fi ħdan l-Unjoni, li fih l-Unjoni tipprovdi appoġġ dirett lill-awtoritajiet lokali għall-afforestazzjoni u l-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli; jitlob b'mod partikolari li l-Unjoni jkollha rwol aktar b'saħħtu fl-għajnuna lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-infurzar tar-regolamenti fis-seħħ dwar il-protezzjoni tal-foresti;

54. Jitlob konsistenza u koerenza bejn l-azzjonijiet tal-Unjoni fi ħdanha u barra minnha; ifakkar fil-prospettiva tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent[7] li tinnota li l-Unjoni mistennija li mhux se tilħaq ħafna mill-objettivi ambjentali tagħha għall-2020, filwaqt li jenfasizza li l-foresti tal-Unjoni huma soġġetti wkoll għal pressjonijiet bħal, fost l-oħrajn, rati għolja ta' estrazzjoni, it-tniġġis, it-tibdil fil-klima u speċijiet aljeni invażivi; jitlob għalhekk implimentazzjoni u infurzar robusti tar-regolament tal-Unjoni dwar l-injam u tad-Direttivi Natura 2000 madwar l-Unjoni, inkluż permezz ta' proċedimenti ta' ksur f'waqthom;

---

[5] Ref: Escobar, N., Tizado, E.J., zu Ermgassen, E.K.,Löfgren, P., Börner, J., u Godar, J. (2020). "Spatially-explicit footprints of agricultural commodities: Mapping carbon emissions embodied in Brazil's soy exports." Global Environmental Change, 62, 102067 https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0959378019308623)

[6] Ref: Rapport Tekniku - 2013 - 063 tal-Kummissjoni, "The impact of EU consumption on deforestation: Comprehensive analysis of the impact of EU consumption on deforestation", studju ffinanzjat mid-DĠ ENV tal-Kummissjoni Ewropea, u mwettaq minn VITO, IIASA, HIVA u IUCN NL, http://ec.europa.eu/environment/forests/pdf/1.%20Report%20analysis%20of%20impact.pdf, p. 23-24

[7] Ref. 1e. - Rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar "The European Environment - state and outlook 2020" (L-Ambjent Ewropew - qagħda u prospettiva 2020)

55. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jmexxu 'l quddiem il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti li tiżgura li jiġu applikati miżuri ambizzjużi mmirati lejn il-protezzjoni u r-restawr tal-foresti u ta' ekosistemi naturali oħra, kemm għall-foresti tal-Unjoni kif ukoll dawk f'partijiet oħra tad-dinja, f'konformità mal-istrateġiji l-ġodda tal-Unjoni għall-foresti u l-bijodiversità; jemmen, b'mod partikolari, li l-użu tal-bijomassa tal-injam mill-foresti bħala fjuwil minħabba raġunijiet ta' faqar irid jiġi indirizzat ukoll, inkluż billi jiġu appoġġati alternattivi nodfa;

56. Jinnota l-livell mhux sostenibbli ta' konsum ta' materja prima inklużi fjuwils fossili fl-Unjoni, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu għalkollox l-impatt tal-użu tal-bijofjuwils ibbażati fuq l-art fuq it-tibdil dinji fl-użu tal-art u d-deforestazzjoni; jenfasizza li s-sostenibbiltà tal-użu tal-materja prima fl-Unjoni tista' tittejjeb b'mod konsiderevoli fil-bijoekonomija ċirkolari u hija meħtieġa azzjoni biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet b'riskju ta' deforestazzjoni; jinnota li ġerarkija tal-użu effiċjenti fl-użu tar-riżorsi hi ta' importanza partikolari biex jiġu protetti l-bjar tal-karbonju tal-foresti u l-funzjonijiet tal-bijodiversità; iqis li l-ħruq fuq skala kbira tal-injam bħala fjuwil ma jagħmilx sens f'termini tal-protezzjoni tal-klima, l-assorbiment tal-karbonju u l-użu effiċjenti tar-riżorsi f'ekonomija ċirkolari;

57. Iqis li l-użu fuq skala kbira tal-bijofjuwils fl-Unjoni jrid ikun akkumpanjat minn kriterji ta' sostenibbiltà suffiċjenti sabiex jiġi evitat tibdil dirett u indirett fl-użu tal-art, inkluża d-deforestazzjoni; jinnota wkoll li l-kriterji attwali ma jqisux biżżejjed il-materja prima fossili użata fil-produzzjoni tal-bijofjuwils; jitlob għalhekk li jkun hemm monitoraġġ u evalwazzjoni tal-impatt tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli riveduta matul l-implimentazzjoni tagħha li għadha għaddejja, inkluża l-effikaċja tal-kriterji tas-sostenibbiltà għall-bijoenerġija; jinnota l-importanza tal-ktajjen ta' provvista lokali tal-materja prima għall-kisba ta' sostenibbiltà fit-tul;

58. Jenfasizza li minkejja ż-żieda fiż-żona forestali u tal-pjantaġġuni fl-Unjoni, iż-żieda fl-użu tal-injam għall-bijofjuwils u l-bijoenerġija qed toħloq pressjoni fuq il-foresti madwar id-dinja; jinnota, għalhekk, il-ħtieġa li jiġu rispettati ż-żoni deżinjati ta' protezzjoni tan-natura madwar id-dinja; jenfasizza li l-Unjoni għandha tippromwovi biss foresti u użi tal-art li jkunu ġestiti b'mod sostenibbli, biex tiżgura li l-konsum tal-Unjoni jkun kompletament sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod kritiku l-miżuri għall-produzzjoni u l-użu sostenibbli tal-fjuwils mill-injam, fid-dawl, fost l-oħrajn, tal-livell għoli ta' importazzjonijiet ta' pellets tal-injam fl-Unjoni, u tindirizza s-sogri li dawn l-importazzjonijiet jippreżentaw għall-foresti f'pajjiżi terzi;

59. Jappoġġa l-eliminazzjoni sal-2030 tal-materja prima użata għall-bijofjuwils li tikkontribwixxi għad-deforestazzjoni; għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni biex sal-2021 tagħmel rieżami tal-aspetti rilevanti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807[8] u tirrevedih mingħajr dewmien abbażi tal-għarfien xjentifiku, il-

---

[8] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 tat-13 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u fjuwils mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 1).

prinċipju ta' prekawzjoni u valutazzjoni dettaljata tal-impatt, sabiex tiżgura t-tneħħija gradwali tal-bijofjuwils kollha b'riskju għoli ta' ILUC, inkluż iż-żejt tal-palm u ż-żejt tas-sojja, u jiġi ssodisfat l-impenn tal-Unjoni li trażżan u treġġa' lura t-telf tal-bijodiversità fid-dinja;

60. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm rabtiet bejn il-politiki tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-inċentivi għad-deforestazzjoni u l-ixprunaturi tagħha, billi jiġu indirizzati l-impatti ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem tad-deforestazzjoni sabiex tinkiseb il-viżjoni fit-tul ta' ekonomija newtrali għall-klima;

61. Jenfasizza l-importanza ta' sistema ta' osservatorji komuni u mingħajr ħlas, li tinteraġixxi u taħdem ma' sħab u entitajiet internazzjonali bħan-NU, għall-monitoraġġ dinji tad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-bidliet fil-kopertura forestali tad-dinja, abbażi ta' data satellitari, li tippermetti lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati oħra u liċ-ċittadini li jirreġistraw id-deforestazzjoni u l-konverżjoni tal-ħabitats, b'mod partikolari f'żoni protetti, fil-ħin reali, u li jimmonitorjaw l-istatus tal-kopertura tal-foresti;

62. Jinkoraġġixxi, pereżempju, aktar użu tas-sistema satellitari Copernicus għall-monitoraġġ globali (fl-Unjoni u barra minnha) ta' nirien fil-foresti, ħsara fil-foresti, uqigħ tal-art, erożjoni tal-ħamrija u konverżjoni tal-foresti/tal-ekosistemi tas-savannah/tal-ħabitats; jirrimarka li dan għandu jiġi supplimentat b'mezzi oħra ta' monitoraġġ biex jiġu traċċati l-każijiet ta' ksur relatati tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dominju ta' art, u biex tittieħed azzjoni f'waqtha u xierqa, inkluż l-indirizzar tal-kawżi tagħhom;

63. Jappella għall-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' twissija bikrija biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-kumpaniji, inklużi skemi ta' partijiet terzi, u lill-konsumaturi dwar prodotti bażiċi li joriġinaw f'żoni ta' riskju ta' konverżjoni tal-ekosistemi li jikkonċernaw it-telf u d-deterjorament tal-foresti u tas-savannah u żoni fejn ikunu ġew miksura d-drittijiet tal-bniedem, u biex jassistu fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet billi jintensifikaw id-djalogu u l-kondiviżjoni tad-data mal-pajjiżi terzi rispettivi;

64. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt biex jiġi stabbilit osservatorju tad-deforestazzjoni; madankollu, iqis li huwa neċessarju li din tkun akkumpanjata mit-tressiq, kull sentejn, ta' rapport lill-Parlament u lill-Kunsill dwar id-deforestazzjoni globali, li jibni fuq ir-rapport globali ta' Valutazzjoni tar-Riżorsi tal-Foresti[9] tal-FAO tan-NU u l-Global Forest Watch Commodities[10], sabiex jittieħdu l-miżuri xierqa f'termini tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u s-salvagwardja tar-restrizzjonijiet kummerċjali fil-livell tal-Unjoni;

65. Jirrimarka li intensifikazzjoni sostenibbli tal-użu agrikolu, kif ukoll użu u ġestjoni ppjanati tal-art, huma essenzjali għal ħafna azjendi agrikoli fuq skala żgħira;

66. Jappella għal appoġġ finanzjarju robust u programmi ta' inċentivi għal miżuri ta' afforestazzjoni ta' art deterjorata u art mhux adatta għall-biedja.

[9] http://www.fao.org/forest-resources-assessment/en/
[10] https://www.wri.org/resources/maps/global-forest-watch-commodities

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 22.9.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 1<br>0: 9 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Mara Bizzotto, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Angelo Ciocca, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Cristian Ghinea, Dino Giarrusso, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Chris MacManus, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Pina Picierno, Maxette Pirbakas, Eugenia Rodríguez Palop, Bronis Ropė, Bert-Jan Ruissen, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Veronika Vrecionová, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Claude Gruffat, Christine Schneider, Michaela Šojdrová, Marc Tarabella |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 38 | + |
|---|---|
| ECR | Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Veronika Vrecionová |
| GUE/NGL | Luke Ming Flanagan, Chris MacManus, Eugenia Rodríguez Palop |
| ID | Ivan David |
| NI | Dino Giarrusso |
| PPE | Álvaro Amaro, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Marlene Mortler, Christine Schneider, Annie Schreijer-Pierik, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Michaela Šojdrová |
| RENEW | Asger Christensen, Jérémy Decerle, Cristian Ghinea, Martin Hlaváček, Ulrike Müller |
| S&D | Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Maria Noichl, Juozas Olekas, Pina Picierno, Marc Tarabella |
| VERTS/ALE | Benoît Biteau, Claude Gruffat, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Bronis Ropė |

| 1 | - |
|---|---|
| PPE | Simone Schmiedtbauer |

| 9 | 0 |
|---|---|
| ECR | Bert-Jan Ruissen |
| ID | Mara Bizzotto, Angelo Ciocca, Gilles Lebreton, Maxette Pirbakas |
| PPE | Herbert Dorfmann, Petri Sarvamaa |
| RENEW | Atidzhe Alieva-Veli, Elsi Katainen |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 1.10.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 45<br>–: 11<br>0: 25 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nikos Androulakis, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurelia Beigneux, Monika Beňová, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Miriam Dalli, Esther de Lange, Marco Dreosto, Bas Eickhout, Eleonora Evi, Agnès Evren, Fredrick Federley, Pietro Fiocchi, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Athanasios Konstantinou, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Ryszard Antoni Legutko, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Dan-Ştefan Motreanu, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Luisa Regimenti, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Linea Søgaard-Lidell, Nicolae Ştefănuță, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Hildegard Bentele, Kateřina Konečná, Ulrike Müller |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| 45 | + |
| EPP | Michal WIEZIK |
| S&D | Nikos ANDROULAKIS, Marek Paweł BALT, Monika BEŇOVÁ, Simona BONAFÈ, Delara BURKHARDT, Sara CERDAS, Mohammed CHAHIM, Tudor CIUHODARU, Miriam DALLI, Jytte GUTELAND, Javi LÓPEZ, César LUENA, Alessandra MORETTI, Sándor RÓNAI, Günther SIDL, Petar VITANOV, Tiemo WÖLKEN |
| RENEW | Pascal CANFIN, Fredrick FEDERLEY, Martin HOJSÍK, Jan HUITEMA, Ulrike MÜLLER, Frédérique RIES, María Soraya RODRÍGUEZ RAMOS, Nicolae ŞTEFĂNUȚĂ, Linea SØGAARD-LIDELL, Nils TORVALDS, Véronique TRILLET-LENOIR |
| GREENS/EFA | Margrete AUKEN, Bas EICKHOUT, Pär HOLMGREN, Yannick JADOT, Tilly METZ, Ville NIINISTÖ, Grace O'SULLIVAN, Jutta PAULUS |
| GUE/NGL | Malin BJÖRK, Petros KOKKALIS, Kateřina KONEČNÁ, Silvia MODIG, Mick WALLACE |
| NI | Eleonora EVI, Athanasios KONSTANTINOU, Ivan Vilibor SINČIĆ |
| 11 | - |
| EPP | Alexander BERNHUBER, Christine SCHNEIDER |
| ID | Teuvo HAKKARAINEN, Sylvia LIMMER |
| ECR | Sergio BERLATO, Pietro FIOCCHI, Joanna KOPCIŃSKA, Ryszard Antoni LEGUTKO, Rob ROOKEN, Alexandr VONDRA, Anna ZALEWSKA |
| 25 | 0 |
| EPP | Bartosz ARŁUKOWICZ, Traian BĂSESCU, Hildegard BENTELE, Nathalie COLIN-OESTERLÉ, Agnès EVREN, Adam JARUBAS, Ewa KOPACZ, Esther de LANGE, Peter LIESE, Fulvio MARTUSCIELLO, Liudas MAŽYLIS, Dolors MONTSERRAT, Dan-Ştefan MOTREANU, Ljudmila NOVAK, Stanislav POLČÁK, Jessica POLFJÄRD, Edina TÓTH, Pernille WEISS |
| ID | Simona BALDASSARRE, Aurelia BEIGNEUX, Marco DREOSTO, Catherine GRISET, Joëlle MÉLIN, Luisa REGIMENTI, Silvia SARDONE |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni